



IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

Rapport Speċjali Nru 6

2013

L-ISTATI MEMBRI U L-KUMMISSJONI KISBU
L-AĦJAR KWALITÀ META MQABBLA MAL-PREZZ
BIL-MIŻURI GĦAD-DIVERSIFIKAZZJONI
TAL-EKONOMIJA RURALI?



Rapport Speċjali Nru 6 // 2013

L-ISTATI MEMBRI U L-KUMMISSJONI KISBU L-AĦJAR KWALITÀ META MQABBLA MAL-PREZZ BIL-MIŻURI GĦAD-DIVERSIFIKAZZJONI TAL-EKONOMIJA RURALI?

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1
Fax +352 4398-46410
E-mail: eca-info@eca.europa.eu
Internet: <http://eca.europa.eu>

Rapport Speċjali Nru 6 // 2013

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2013

ISBN 978-92-9241-301-9
doi:10.2865/90109

© L-Unjoni Ewropea, 2013
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali.

Printed in Luxembourg

WERREJ

Paragrafu

GLOSSARJU

I–VIII **SOMMARJU EŻEKUTTIV**

1–10 **INTRODUZZJONI**

11–13 **AMBITU U APPROĊĊ TAL-AWDITJAR**

14–84 **OSSERVAZZJONIJIET**

14–43 **L-EWWEL PARTI — IL-MIŻURI TA' DIVERSIFIKAZZJONI HUMA MFASSLA U IMPLIMENTATI B'TALI MOD LI JIKKONTRIBWIXXU B'MOD EFFETTIV GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI?**

18–22 L-OBJETTIVI STABILITI KIENU WESGĦIN U MA MHUX DEJEM KIENU RELATATI MAL-ĦOLQIEN TA' KUNDIZZJONIJIET GĦAT-TKABBIR U OPPORTUNITAJIET TA' IMPJIEG

23–24 IL-KUMMISSJONI APPROVAT IL-PŻR MINKEJJA D-DGHUFIJJET

25–26 IL-KUNDIZZJONIJIET/KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ SSETTJATI MILL-ISTATI MEMBRI AWDITJATI MA JIRRESTRINĠUX L-AMBITU TAL-GĦAJNUNA GĦAD-DIVERSIFIKAZZJONI

27–38 IL-PROCĊDURI TAL-GĦAŻLA MA MMIRAWX IL-FINANZJAMENT LEJN L-AĦJAR PROĠETTI

39–40 EBDA ĠESTJONI PROATTIVA TAL-MIŻURI

41–43 IL-KUMMISSJONI MA UŻATX L-INFORMAZZJONI DWAR IL-PRESTAZZJONI B'MOD SUFFIĊJENTI BIEX ITTEJJEK L-EFFIĊJENZA U L-EFFETTIVITÀ TAL-MIŻURI TA' DIVERSIFIKAZZJONI

44–71 **IT-TIENI PARTI — IR-RISKJI GĦALL-EFFIĊJENZA U L-EKONOMIJA ĠEW MITIGATI B'MOD SUFFIĊJENTI?**

49–62 **EFFIĊJENZA**

49–50 IL-KONTROLLI TAL-ISTATI MEMBRI JAGĦTU AĊĊERTAMENT LIMITAT TAS-SOSTENIBBILTÀ FINANZJARJA TAL-PROĠETTI

51–57 IL-PROGRAMMAZZJONI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-MIŻURA MILL-ISTATI MEMBRI MA JIMMITIGAWX B'MOD EFFETTIV IR-RISKJI TA' DEADWEIGHT...

58–62 ... U SPUSTAMENT

63–71 **EKONOMIJA**

64–66 **KONTROLLI DGĦAJFA FUQ IR-RAĠONEVOLEZZA TAL-ISPEJJEŻ**

67–71 **IL-PIŻ AMMINISTRATTIV IXEKKEL L-IMPLIMENTAZZJONI EFFETTIVA U EFFIĊJENTI TAL-PROGRAMMI**

72–84 IT-TIELET PARTI — ĠEW FIL-FATT IFFINANZJATI PROĠETTI EFFETTIVI U EFFIĊJENTI?

75–81 **L-INFORMAZZJONI DWAR IL-MONITORAĠĠ HIJA NIEQSA U R-RIŻULTATI TAL-PROĠETTI JURU STAMPA MĦALLTA F'TERMINI TA' EFFIĊJENZA U EFFETTIVITÀ**

82 **PROĠETTI TA' DIVERSIFIKAZZJONI JISTGĦU JGĦINU BIEX JAGĦTU SPINTA LILL-PRESTAZZJONI FINANZJARJA TAL-BDIEWA...**

83 **... IMMA META JKOLLHOM L-GĦAN LI JOĦOLQU L-IMPJIEGI, HUMA EFFETTIVI BISS B'MOD PARZJALI...**

84 **... U HEMM EFFETT MHUX MAGĦRUF FUQ IŻ-ŻAMMA TAL-IMPJIEGI**

85–97 KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDEZZJONIJIET

ANNES I — FONDI TAL-UE GĦALL-MIŻURI TA' DIVERSIFIKAZZJONI TAL-ASSI 3 IPPROGRAMMATI U MINFUQA (SA FRAR 2012)

ANNES II — VALUTAZZJONI MILL-QORTI TAL-PROĠETTI AWDITJATI

RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

GLOSSARJU

Assi: L-iżvilupp rurali fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007–13 jiġi implimentat taħt tliet assi tematiċi, li jirrappreżentaw gruppi koerenti ta' miżuri ta' żvilupp rurali, u assi orizzontali wieħed ddedikat lill-approċċ Leader (assi Leader).

CMEF: Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni.

Deadweight: Sitwazzjoni fejn proġett issussidjat ikun twestaq kompletament jew parzjalment mingħajr l-għajjnuna ta' għotja.

FAEŻR: Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

FTE: Ekwivalenti għall-full time, unità li tintuża biex tkejjel il-persuni impjegati b'mod li tagħmilhom kumparabbli għalkemm jistgħu jaħdmu numru differenti ta' sigħat fil-ġimgħa. L-unità tinkiseb billi tqabbel in-numru medju ta' sigħat maħduma minn impjegat man-numru medju ta' sigħat ta' impjegat full time.

Linji gwida strateġiċi Komunitarji: B'dawn il-linji gwida strateġiċi l-Kunsill jidentifika l-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). Huwa jistabbilixxi konnessjoni mal-oġġettivi stabbiliti mill-Kunsilli Ewropej ta' Lisbona u Goteborg u jittraduċihom f'politika ta' żvilupp rurali. L-idea hija li tiġi żgurata l-konsistenza tal-iżvilupp rurali ma' politiki oħra tal-UE, b'mod partikolari fil-qasam tal-koeżjoni u l-ambjent, u li jiġu akkumpanjati l-implimentazzjoni tal-politika agrikola komuni (PAK) il-ġdida u r-ristrutturar involut.

Miżura 311: Il-miżura għal "diversifikazzjoni f'attivitajiet mhux agrikoli".

Miżura 312: Il-miżura għal "ħolqien u żvilupp tan-negozju maħsuba għall-mikrointrapriżi".

Miżura 313: Il-miżura għal "inkoraġġiment ta' attivitajiet turistiċi".

Miżura: Skema ta' għajjnuna għall-implimentazzjoni ta' politika. Miżura tiddefinixxi r-regoli għall-proġetti li jistgħu jiġu ffinanzjati fi ħdan l-assi.

MTE: Rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-term.

Perjodu ta' programmazzjoni: Qafas pluriennali għall-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' politiki tal-UE bħall-politika ta' żvilupp rurali; il-perjodu ta' żvilupp rurali attwali jibda fl-2007 u jspicċa fl-2013.

PSN: Il-Pjan Strateġiku Nazzjonali huwa dokument imħejji minn Stat Membru li għandu jiżgura li l-għajjnuna Komunitarja għal żvilupp rurali hija konsistenti mal-linji gwida strateġiċi Komunitarji u li l-prijoritajiet Komunitarji, nazzjonali u reġjonali jkun kollha kkoordinati. Il-pjan strateġiku nazzjonali għandu jkun għodda ta' referenza għat-tnejn tal-programmazzjoni tal-FAEŻR. Huwa għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi tal-iżvilupp rurali.

PŻR: Programm tal-iżvilupp rurali, dokument ta' programmazzjoni mħejji minn Stat Membru u approvat mill-Kummissjoni għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-politika ta' żvilupp rurali tal-UE. PŻR jista' jiġi mħejji fil-livell reġjonali jew nazzjonali.

Spustament: Il-grad sa fejn attività promossa mill-appoġġ pubbliku tiġi kkompensata bi tnaqqis f'attività xi mkien ieħor.

VMG: Valur miżjud gross.

SOMMARJU EŻEKUTTIV

I.

Il-politika ta' żvilupp rurali tal-UE għandha l-ħsieb li tindirizza problemi rurali bħad-depopolazzjoni, l-iskarsezza ta' opportunitajiet ekonomiċi u l-qgħad. Hija tipprovi finanzjament biex jiġu appoġġati t-tkab-bir, l-impjieg u l-iżvilupp sostenibbli f'żoni rurali.

II.

Wieħed mit-tliet assi tematiċi tal-politika ta' żvilupp rurali tal-UE għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja f'żoni rurali u jiddiversifika l-ekonomija rurali; dan huwa magħruf bħala l-Assi 3. Taħt dan l-Assi, tliet miżuri speċifiċi huma maħsuba biex jiddiversifikaw l-ekonomija rurali:

- diversifikazzjoni f'attivitajiet mhux agrikoli (il-miżura 311);
- appoġġ għall-ħolqien u l-iżvilupp ta' mikrointrapriżi bil-ħsieb li tiġi promossa l-intraprenditorija u tiġi żviluppata n-nisġa ekonomika (il-miżura 312); u
- inkoraġġiment ta' attivitajiet turistiċi (il-miżura 313).

III.

Il-baġit tal-UE għal dawn il-miżuri jammonta għal EUR 5 biljun għall-perjodu 2007–13. Dan il-finanzjament tal-UE huwa supplimentat b'EUR 2 biljun addizzjonali pprogrammati li jaslu mill-fondi nazzjonali.

IV.

L-awditu tal-Qorti eżamina jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri kisbu l-aħjar kwalità meta mqabbla mal-prezz bil-miżuri għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali. B'mod partikolari, il-Qorti vvalutat jekk dawn it-tliet miżuri ġewx imfassla u implimentati b'tali mod li jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-tkab-bir u l-impjieg u jekk intgħażlux il-proġetti l-aktar effettivi u effiċjenti għall-finanzjament. Barra minn hekk, il-Qorti vvalutat jekk l-informazzjoni disponibbli dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni pprovdietx informazzjoni affidabbli, kompleta u fil-ħin dwar ir-riżultati tal-miżuri.

V.

Il-Qorti tikkonkludi li b'mod kumplessiv il-Kummissjoni u l-Istati Membri kisbu, sa punt limitat biss, l-aħjar kwalità meta mqabbla mal-prezz permezz tal-miżuri għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali, peress li l-għajnuna ma ġietx immirata sistematikament lejn il-proġetti li kellhom l-akbar probabbiltà li jiksbu l-għan tal-miżuri. Dan kien dovut għal nuqqas ta' ħtiġijiet ċari għall-intervent jew ta' objettivi speċifiċi stabbiliti fil-PŻR, kriterji ta' eliġibbiltà wesgħin adottati li ma llimitawx il-proġetti għal dawk li kellhom l-akbar probabbiltà li jiksbu d-diversifikazzjoni u kriterji tal-għażla li ma għażlux l-aktar proġetti effettivi jew li ma ġew applikati xejn. Ta' spiss, u b'mod partikolari fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni, l-għażla tal-proġetti kienet aktar immexxija mill-ħtieġa li jintefaq il-baġit allokati mill-kwalità tal-proġetti stess. F'xi Stati Membri, fejn kien hemm baġit suffiċjenti disponibbli, il-proġetti kollha eliġibbli ġew iffinanzjati irrispettivament minn kif ġie vvalutat il-proġett.

VI.

L-Istati Membri ma mmitigawx b'mod suffiċjenti r-riskji ta' deadweight u spustament, u għaldaqstant ma żgurawx l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi. Il-kontrolli tal-Istati Membri fuq ir-raġonevolezza tal-ispejjeż ma naqqas b'mod suffiċjenti r-riskju ta' spejjeż esaġerati u kien hemm eżempji ta' piż amministrattiv eċċessiv fuq l-applikanti u dewmien fil-pagamenti.

VII.

Kien hemm nuqqas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni effettivi tal-miżuri u b'hekk hemm riskju reali li r-riżultati tal-finanzjament allokati lill-proġetti ma jkunux magħrufa. Il-prijorità strateġika tal-UE ta' ħolqien ta' impjegi ma ġietx immirata tajjeb u kien hemm nuqqas ta' ġestjoni attiva meta kien evidenti li l-miri stabbiliti ma kinux se jintlaħqu.

SOMMARJU EŻEKUTTIV

VIII.

Għaldaqstant il-Qorti tirrakkomanda li:

- Fil-programmi ta' żvilupp rurali (PŻR) tagħhom, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw b'mod ċar kif u għaliex l-intervent pubbliku għal investimenti f'attivitajiet mhux agrikoli se jgħin biex jirrimedja pereżempju n-nuqqasijiet tas-suq relatati mal-ostakoli għall-impjieg u t-tkabbir. L-Istati Membri għandhom imbagħad jistabbilixxu objettivi speċifiċi u li jistgħu jitkejlu fir-rigward ta' dawn il-ħtiġijiet. Il-Kummissjoni għandha tapprova biss dawk il-PŻR li jippreżentaw strateġiji sostanzjati u komprensivi b'bażi loġika ċara li turi kif l-intervent tal-politika se jikkontribwixxi għall-għanijiet strateġiċi ta' ħolqien ta' kundizzjonijiet ta' tkabbir u opportunitajiet ta' impjieg.
- L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u japplikaw b'mod konsistenti kriterji li jiżguraw l-għażla tal-proġetti l-aktar effettivi u sostenibbli fir-rigward tal-obiettivi speċifiċi tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn il-kriterji jiġu applikati b'mod korrett u kontinwu, mhux biss f'każijiet ta' nuqqas baġitarju.
- Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jipromwovu l-adozzjoni tal-aħjar prattiki fir-rigward tal-mitigazzjoni tar-riskji ta' deadweight u spustament. Il-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jadottaw il-prattika li tippermetti li n-nefqa għall-investimenti tkun eliġibbli biss mid-data tal-approvazzjoni tal-għotja.
- Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Istati Membri jkollhom sistemi effettivi biex iwettqu kontrolli fuq ir-raġonevolezza tal-ispejjeż.
- Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, tinkiseb informazzjoni rilevanti u affidabbli biex jiġu ffaċilitati l-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-miżura u biex jintwera sa liema punt l-għajnuna mogħtija qed tikkontribwixxi għall-kisba tal-prioritajiet tal-UE. Il-miri għall-ħolqien tal-impjieg għandhom ikunu realistiċi u n-numru ta' impjegi maħluqa għandu jiġi mmonitorjat b'mod preċiż, il-miżuri għandhom jiġu ġestiti aħjar matul il-perjodu ta' programmazzjoni u b'mod partikolari jekk isir evidenti li l-miri stabbiliti ma jkunux se jintlaħqu.
- Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex inaqqsu l-piż amministrattiv u jiżguraw li l-pagamenti jsiru fi żmien raġonevoli.

INTRODUZZJONI

1. Il-politika ta' żvilupp rurali tal-UE għandha l-ħsieb li tindirizza problemi rurali bħad-depopolazzjoni, l-iskarsezza ta' opportunitajiet ekonomiċi u l-qgħad. Hija tipprovdi finanzjament biex jiġu appoġġati t-tkabbir, l-impjieġ u l-iżvilupp sostenibbli f'żoni rurali.
2. Il-politika ta' żvilupp rurali tal-UE għall-2007 sal-2013 hija ffukata fuq tliet temi (magħrufa bħala 'assi tematiċi'). Dawn huma:
 - o Assi 1 — titjib tal-kompetittività tas-settur tal-agrikoltura u l-forestrija;
 - o Assi 2 — titjib tal-ambjent u l-kampanja;
 - o Assi 3 — titjib tal-kwalità tal-ħajja f'żoni rurali u l-inkoraġġiment tad-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali¹.
3. It-tmien miżuri taħt l-Assi 3 huma definiti bħala li għandhom l-oġettivi li ġejjin²:

“Biex jiddiversifikaw l-attivitajiet ta' biedja lejn attivitajiet nonagrikoli u jiżviluppaw setturi nonagrikoli, jippromovu l-impjieġ, itejbu s-servizzi bażiċi, inkluż l-aċċess lokali għat-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni u jagħmlu investimenti biex iż-żoni rurali jsiru iżjed attraenti sabiex jaqilbu x-xejriet lejn rigress ekonomiku u soċjali u t-tnaqqis tal-popolazzjoni fil-kampanja [...]”.
4. Parti mill-Assi 3, l-oġettivi tal-UE għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali, hija appoġġata permezz ta' tliet miżuri speċifiċi:
 - (i) diversifikazzjoni f'attivitajiet mhux agrikoli (il-**miżura 311**);
 - (ii) appoġġ għall-ħolqien u l-iżvilupp ta' mikrointrapriżi bil-ħsieb li tiġi promossa l-intraprenditorija u tiġi żviluppata n-nisġa ekonomika (il-**miżura 312**); u
 - (iii) inkoraġġiment ta' attivitajiet turistiċi (il-**miżura 313**).

¹ L-Artikolu 4(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1), li jstabbilixxi l-oġettiv kumplessiv li ġej: “It-titjib tal-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali u l-promozzjoni tad-diversifikazzjoni tal-attività ekonomika”.

² Il-Premessa 46 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

5. Il-linji gwida strateġiċi Komunitarji adottati mill-Kunsill³ jidentifikaw il-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). Dawn il-linji gwida jistipulaw liema għanijiet ta' nfiq tal-Assi 3 għandhom jinkisbu kif ġej:

“Ir-riżorsi taħt l-Assi 3 għandhom jikkontribwixxu għall-prijorità prevalenti tal-ħolqien ta' opportunitajiet ta' xogħol u ta' kondizzjonijiet għat- tkabbir [...]”.

Il-linji gwida jstipulaw l-appoġġ strateġiku li għandhom isegwu l-Istati Membri għat-tnejjija tal-Pjan Strateġiku Nazzjonali (PSN) tagħhom u tal-programmi sussegwenti tal-iżvilupp rurali (PŻR) tagħhom għall-perjodu 2007–13. Il-kontribut mistenni għat- tkabbir u l-impjiegi f'żoni rurali, f'konformità mal-Istrateġija ta' Lisbona, ġie rifless ukoll fl-indikaturi tar-riżultati tar-regoli ta' implimentazzjoni⁴.

6. Il-miżuri ta' diversifikazzjoni, bħala parti mill-politika ta' żvilupp rurali, jiġu suġġetti għas-sistema ta' ġestjoni kondiwiża tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri. Il-PŻR jiġu proposti mill-Istati Membri u approvati mill-Kummissjoni. Imbagħad l-Istati Membri jagħżlu l-proġetti li għalihom jiġi allokati il-finanzjament abbażi tal-programmi mressqa. Il-Figura 1 turi kif il-qafas regolatorju jalloka l-finanzjament lill-proġetti ta' diversifikazzjoni.

³ Kif meħtieġ mill-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/144/KE tal-20 ta' Frar 2006 dwar il-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali (Perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013) (ĠU L 55, 25.2.2006, p. 20) tistabbilixxi l-prijoritajiet għall-iżvilupp rurali, il-paragrafu 3.3 tal-Anness.

⁴ L-Anness VIII, il-punt III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 15).

FIGURA 1



- 7.** In-nefqa tal-UE ppjanata għal dawn il-miżuri kienet ta' EUR 5 biljun għall-perjodu 2007–13 u EUR 2 biljun ġew allokati wkoll mill-fondi nazjonali tal-Istati Membri. Peress li l-livell tad-domanda għal ċerti miżuri kien aktar baxx milli mistenni l-finanzjament ipprogrammat għall-miżuri f'xi Stati Membri ġie mnaqqas b'total ta' EUR 0,3 biljun waqt il-perjodu ta' programmazzjoni (ara l-**Anness I**).
- 8.** Il-finanzjament jiġi pprovdut fil-forma ta' għotjiet biex jappoġġa l-proġetti sottomessi u għaldaqstant huwa żieda fuq il-finanzjament li l-benefiċjarji stess jikkontribwixxu. Tipi tipiċi ta' proġetti ffinanzjati taħt il-miżuri tal-Assi 3 jinkludu:
- o Taħt il-miżura 311: attivitajiet ta' servizzi (bed and breakfast, agrituriżmu, attivitajiet edukattivi u soċjali fl-azjendi...), attivitajiet ta' artiġjanat (fuħħar, manifattura ta' prodotti lokali...) u attivitajiet ta' kummerċ (ħolqien ta' ħwienet ħdejn l-azjenda fejn il-prodotti⁵ jinbiegħu direttament lill-konsumatur...).
 - o Taħt il-miżura 312: appoġġ għall-iżvilupp ta' mikrointrapriżi eżistenti jew lil individwi li se jistabbilixxu mikrointrapriża ġdida (anqas minn 10 ħaddiema u dħul ta' anqas minn EUR 2 miljun) f'negozju mhux agrikolu.
 - o Taħt il-miżura 313: kostruzzjoni jew restawr ta' infrastruttura tat-turiżmu, faċilitajiet u/jew attrazzjonijiet għall-viżitaturi, faċilitajiet għall-ħin liberu, żvilupp u kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tat-turiżmu, żvilupp ta' strateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni tat-turiżmu, materjali ta' informazzjoni.
- 9.** Il-**Kaxxa 1** turi eżempji tat-tipi ta' proġetti ffinanzjati taħt it-tliet miżuri ta' diversifikazzjoni li ġew awditjati mill-Qorti.
- 10.** L-ispiża totali tal-proġetti awditjati varjat minn EUR 10 000 għal EUR 3 miljun, bl-għajjnuna pubblika tvarja minn EUR 2 500 sa EUR 1,1 miljun. Għal dawn il-miżuri, ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 ma stabbilixxa la l-ammont massimu eliġibbli u lanqas ir-rata massima permessa tal-intensità tal-għajjnuna. L-Istati Membri jiddeterminaw ir-rata tal-għajjnuna u l-ammont massimu eliġibbli fil-PŻR tagħhom f'konformità mar-regoli ġenerali tal-UE dwar l-għajjnuna mill-istat.

⁵ Biex ikun eliġibbli skont il-miżura 311, il-ħanut ma jridx ibiġġi biss il-prodotti agrikoli tiegħu.

KAXXA 1

EŻEMPJI TAT-TIPI TA' INVESTIMENT IFFINANZJAT MINN MIŻURI TA' DIVERSIFIKAZZJONI

© Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.



Azjenda ddiversifikata biex tipprovdi akkomodazzjoni fl-Italja (il-miżura 311)



© Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Ħanut tal-fjuri fl-Isvezja (il-miżura 312)

© Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.



Park għall-organiżmi slavaġ u kafetterija fir-Renju Unit (il-miżura 313)

AMBITU U APPROĊ TAL-AWDITJAR

- 11.** Il-Qorti fittxet li tivvaluta jekk il-miżuri awditjati ġewx imfassla u implimentati b'mod li pprova l-aħjar kwalità meta mqabbla mal-prezz, u jekk il-proġetti awditjati li ġew iffinanzjati laħqux l-oġettivi tal-miżuri. Il-Qorti vvalutat ukoll jekk ir-riżultati tal-miżuri ġewx immonitorjati u evalwati b'mod li ppermetta lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jidentifikaw u jirreaġixxu għal kwalunkwe problema li setgħet inqalgħet, u li jipprovdur informazzjoni oġġettiva dwar ir-riżultati tal-miżuri.

⁶ Dawn l-Istati Membri ġew magħżula biex tiġi żgurata kopertura ġeografika tajba u għax huma kienu implimentaw it-tliet miżuri ta' diversifikazzjoni kollha b'numru suffiċjenti ta' proġetti kkompletati.

- 12.** L-awditu mmira li jwieġeb għall-mistoqsija li ġejja:

L-Istati Membri u l-Kummissjoni kisbu l-aħjar kwalità meta mqabbla mal-prezz bil-miżuri għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali?

Is-sottomistoqsijiet prinċipali kienu:

- o Il-miżuri ta' diversifikazzjoni huma mfassla u implimentati b'tali mod li jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-tkabbir u l-impjiegi?
- o Ir-riskji għall-effiċjenza u l-ekonomija ġew mitigati b'mod suffiċjenti?
- o Il-proġetti effettivi u effiċjenti ġew fil-fatt iffinanzjati?

- 13.** L-awditu kopra kemm il-Kummissjoni kif ukoll żjarat f'sitt Stati Membri (ir-Repubblika Ċeka, Franza — Aquitaine, l-Italja — Campania, il-Polonja, l-Isvezja (Västra Götaland) u r-Renju Unit — l-Ingilterra (Yorkshire u Humbers))⁶ u inkluda t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-miżuri, ir-riżultati miksuba mill-proġetti kkompletati u l-monitoraġġ tal-appoġġ finanzjarju taħt il-miżuri ta' diversifikazzjoni. Dan involva l-eżaminar ta' kampjun ta' 129 fajl ta' proġetti li jkopru t-tliet miżuri ta' diversifikazzjoni. Saru żjarat fuq il-post għal 57 proġett minnhom, li inkludew analiżi tad-dokumentazzjoni ta' bażi u intervisti mal-benefiċjarji tal-għajjnuna. Ġew iċċekkjati 72 fajl ta' proġett permezz ta' analiżi tad-dokumenti.

OSSERVAZZJONIJIET

L-EWWEL PARTI — IL-MIŻURI TA' DIVERSIFIKAZZJONI HUMA MFASSLA U IMPLIMENTATI B'TALI MOD LI JIKKONTRIBWIXXU B'MOD EFFETTIV GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI?

- 14.** Il-miżuri taħt l-Assi 3 għandhom jikkontribwixxu għall-prijorità predominanti tal-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg f'żoni rurali f'attivitajiet u servizzi mhux agrikoli. Din hija reazzjoni għat-tendenzi f'ħafna partijiet tal-Ewropa, għal tnaqqis ekonomiku u soċjali kif ukoll depopolazzjoni tal-kampanja. Id-diversifikazzjoni hija meħtieġa għat-tkabbir, l-impjieg u l-iżvilupp sostenibbli f'żoni rurali, u b'hekk tikkontribwixxi għal bilanċ territorjali aħjar, kemm f'termini ekonomiċi kif ukoll soċjali...⁷
- 15.** L-Istati Membri huma meħtieġa jesprimu l-ħtiġijiet strutturali u territorjali tagħhom f'termini ta' objettivi⁸ ċari u speċifiċi fil-PŻR tagħhom b'konformità mal-Pjanijiet Strateġiċi Nazzjonali tagħhom. Imbagħad huma għandhom jimplimentaw miżuri li jimmiraw li jilħqu dawn l-objettivi.
- 16.** Sabiex il-politiki tagħhom ikunu kemm effettivi kif ukoll immirati, l-Istati Membri jeħtieġu li jifhmu kemm il-motivaturi tal-impjieg u t-tkabbir f'żoni rurali kif ukoll l-ostakoli kontriehom. Iridu jiżguraw ukoll li l-bażi loġika għal intervent hija ġġustifikata b'mod ċar f'termini ta' kif il-finanzjament pubbliku jista' jgħin pereżempju billi jirrimedja n-nuqqasijiet tas-suq. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw ukoll ir-riżultati li jippjanaw li jiksibu (kif id-diversifikazzjoni tista'/se tikkontribwixxi għal tkabbir sostenibbli u liema bidliet iridu jinkisbu), u għaldaqstant jipprovdu qafas u gwida ċari għall-ġestjoni kontinwa tal-programm (pereżempju, jidentifikaw l-iżviluppi li jridu jitwettqu meta meħtieġ).
- 17.** Il-Qorti analizzat il-leġiżlazzjoni tal-UE u s-sistemi, il-proċeduri u d-dokumenti tal-Istati Membri sabiex tikseb evidenza dwar jekk it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' diversifikazzjoni kinux x'aktarx se jwasslu għall-finanzjament effiċjenti ta' proġetti effettivi li indirizzaw il-prijorità ta' tkabbir u ħolqien ta' impjieg. B'mod speċifiku, l-awditu eżamina jekk l-Istati Membri għandhomx bażi loġika li għall-miżuri turi l-ħtieġa ta' intervent pubbliku, l-istabbiliment ta' objettivi ċari u kriterji ta' eliġibbiltà rilevanti flimkien mal-istabbiliment ta' proċeduri tal-għażla effettivi. Barra minn hekk, l-awditu vvaluta sa liema punt il-miżuri ġew ġestiti mill-Kummissjoni u l-Istati Membri filwaqt li qies il-prestazzjoni miksuba.

⁷ Handbook on Common Monitoring and Evaluation Framework (Manwal dwar il-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni) - in-Nota ta' Gwida E – Measure fiches (L-Iskedi tal-miżuri) – l-istabbiliment tal-bażi loġika tal-miżuri; DG Agrikoltura 2006.

⁸ L-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006: "Għall-miżuri ta' investiment, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ hu mmirat għall-objettivi definiti u ċari li jirriflettu l-ħtiġijiet identifikati strutturali u territorjali u l-iżvantaġġ strutturali".

**L-OBJETTIVI STABILITI KIENU WESGĦIN U MHUX DEJEM KIENU
RELATATI MAL-ĦOLQIEN TA' KUNDIZZJONIJIET GĦAT-TKABBIR
U OPPORTUNITAJIET TA' IMPJEG**

- 18.** Kif meħtieġ mill-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005⁹, il-PŻR nazzjonali/reġjonali awditjati kienu fil-fatt identifikaw numru ta' saħħiet u dgħufijiet fl-ekonomija rurali tagħhom. Madankollu, il-PŻR u dokumenti oħra ta' programmazzjoni ma analizzawx aktar il-kawżi ta' bażi ta' dawn il-problemi sabiex jistabbilixxu kif l-intervent għandu jiġi immirat¹⁰ (ara l-**Kaxxa 2**).
- 19.** Filwaqt li l-PŻR eżaminati kienu identifikaw xi benefiċċji potenzjali li setgħu jinkisbu bil-miżuri 311, 312 u 313, l-ebda wieħed minnhom ma stipula loġika ta' intervent ċara tat-tip: *ħtiġijiet identifikati — objettivi speċifiċi — attività meħtieġa biex jintlaħqu dawn l-objettivi*. Pereżempju, fl-Isvezja, il-PŻR elenka numru ta' oqsma fejn intervent pubbliku jista' jkun meħtieġ biex tinkiseb id-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali u biex jiġi appoġġat it-tkabbir (l-eliminazzjoni ta' ostakoli għall-parteċipazzjoni tan-nisa, il-ħolqien ta' assoċjazzjonijiet ta' garanziji ta' kreditu, eċċ.) imma ma stabbilixxiex objettivi speċifiċi u lanqas ma identifika tipi speċifiċi ta' attivitajiet li għandhom jiġu ffinanzjati biex dawk il-ħtiġijiet jiġu ssodisfati.

⁹ "Kull programm għall-iżvilupp rurali għandu jinkludi: (a) analiżi tas-sitwazzjoni f'termini ta' punti tajbin u punti dgħajfa, l-istrateġija magħżula biex dawn ikunu milħuqa u l-evalwazzjoni *ex ante* li ssir referenza għaliha fl-Artikolu 85".

¹⁰ L-Anness II, il-punt A.5.2. għar-Regolament (KE) Nru 1974/2006 jeħtieġ "evidenza li għall-miżuri ta' investiment l-appoġġ hu mmirat b'objettivi ddefiniti territorjali identifikati u żvantaġġi strutturali".

KAXXA 2

EŻEMPJU TA' PŻR FEJN IL-ĦTIEĠA GĦALL-FINANZJAMENT TAL-MIŻURI TA' DIVERSIFIKAZZJONI MHIJEX MURIJA B'MOD ĊAR

Ir-Renju Unit — L-Ingilterra: Skont il-PŻR, kull reġjun għandu jagħti attenzjoni partikolari lin-nuqqas ta' prestazzjoni u żvantaġġi ekonomiċi meta jkun qed jimplementa l-miżuri. Il-Pjan Reġjonali ta' Implimentazzjoni ta' Yorkshire u Humber jagħti l-ġustifikazzjoni li r-reġjun għandu proporzjon aktar baxx ta' azjendi ddiversifikati mill-medja nazzjonali, imma ma jurix li hemm ħtieġa ta' aktar diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali, kemm f'termini ta' introjti tal-azjenda, vijabbiltà tal-azjenda, volatilità tad-dħul, jew fatturi oħra, u lanqas ma jidentifika għaliex hemm anqas diversifikazzjoni f'dan ir-reġjun u kif l-intervent pubbliku jista' jgħin.

- 20.** Fil-PŻR nazzjonali/reġjonali kollha awditjati, bl-eċċezzjoni ta' eżempju partikolari fl-Italja (ara l-paragrafu 21) l-oġġettivi pprovduti tant kienu wesgħin u miftuħa li l-awtoritajiet nazzjonali/reġjonali ma setgħux jiżviluppaw miri li jistgħu jitkejlu (ara l-**Kaxxa 3**). Għaldaqstant, il-kontribut ta' kull miżura għall-oġġettivi operazzjonali ġie kkwantifikat biss f'termini ta' miri għall-indikaturi ta' monitoraġġ stipulati fil-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni tal-UE¹¹. Madankollu, dawn il-"miri" ġew stabbiliti billi ġew ikkalkulati r-riżultati mistennija abbażi tal-volum tal-infiq ipplanat aktar milli l-ewwel ġew identifikati r-riżultati mixtieqa meħtieġa biex tiġi ssodisfata hteġġa jew biex jintlaħaq oġġettiv u sussegwentement jiġi identifikat kemm jista' jiġi miksub mill-mira bil-finanzjament disponibbli.
- 21.** Il-miżura 311 fl-Italja — Campania kienet eċċezzjoni sakemm stabbilixxiet oġġettiv speċifiku dwar il-promozzjoni tal-impjegħi sħiħ tal-membri tal-familja agrikola, li miegħu assoċjat indikatur ikkwantifikat addizzjonali (jiġifieri b'mira): numru ta' membri tal-familja agrikola li jsibu impjegħi fl-attivitajiet appoġġati.

¹¹ Ir-Regolament ta' implimentazzjoni jistabbilixxi l-indikaturi tar-riżultati li ġejjin fi ħdan il-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni (CMEF):

- żieda tal-valur miżjud gross mhux agrikolu f'negozji appoġġati (il-miżuri: 311, 312, 313);
- numru gross ta' ħolqien ta' impjegħi (diviżjoni skont l-impjegħi fl-azjenda/barra mill-azjenda, il-kategorija ta' sess u età) (il-miżuri: 311, 312, 313);
- numru addizzjonali ta' żjarat turistiċi (diviżjoni skont in-numru ta' ljieli u n-numru ta' turisti li jgħattgħu ġurnata waħda biss fil-post) (il-miżura: 313).

KAXXA 3

EŻEMPJU TA' OĖJETTIVI WESGħIN WISQ STABBILITI GħALL-MIŻURI TA' DIVERSIFIKAZZJONI

Fir-**Repubblika Ċeka**, ġew stabbiliti oġġettivi identiċi għat-tliet miżuri kollha: id-diversifikazzjoni tal-attivitajiet agrikoli fi produzzjoni mhux agrikola, l-iżvilupp ta' produzzjoni mhux agrikola u l-appoġġ għall-ħolqien tal-impjegħi, id-diversità fl-ekonomija rurali, it-titjib tal-kwalità tal-ħajja f'żoni rurali u tad-diversifikazzjoni ekonomika. Dawn l-oġġettivi huma meħuda mill-Premessa 46 tal-preambolu għar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 mingħajr ma ġiet miżjuda l-ebda speċifikazzjoni ulterjuri u huma ġenerali u wesgħin. Pereżempju, l-oġġettiv 'diversità tal-ekonomija rurali' ma jispeċifikax il-limitu ta' titjib tas-sitwazzjoni attwali li l-miżura għandha l-għan li tikseb u għaldaqstant ma jistax jiġi tradott f'indikatur kwalitattiv jew kwantitattiv.

Fil-PŻR għall-**Polonja**, l-oġġettivi tal-miżura 313 (turiżmu) ġew iddikjarati b'mod wiesgħa biss fil-qafas ta' miżura integrata¹², kif ġej: il-miżura se ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien ta' żoni rurali; dan se jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-identità tal-popolazzjoni rurali; dan se jikkontribwixxi għall-preservazzjoni ta' speċifità ta' żoni rurali... Din il-formolazzjoni ġenerali ma tispeċifikax kif din il-miżura se tikkontribwixxi għall-inkoraġġiment tal-attivitajiet tat-turiżmu...

¹² Il-miżuri 313 "Inkoraġġiment ta' attivitajiet turistiċi", 322 "Tiġdid u żvilupp ta' rħula" u 323 "Konservazzjoni u titjib tal-wirt rurali" kienu fużi f'miżura waħda.

- 22.** Il-fatt li l-Istati Membri u r-reġjuni awditjati ma speċifikawx b'mod ċar x'jixtiequ jiksbu jindika strateġija li hija mmexxija mid-domanda aktar milli mmexxija mill-objettivi. Konsegwentement, ħafna attivitajiet u setturi differenti jibqgħu eliġibbli, bir-riskju li l-għajjnuna ma tiġix immirata b'mod suffiċjenti lejn il-ħtiġijiet identifikati u l-iżvantaġġi strutturali (il-bażi loġika għall-intervent) li fost l-oħrajn jirrappreżenta l-ostakoli għat-tkabbir u l-ħolqien ta' impjiegi.

IL-KUMMISSJONI APPROVAT IL-PŻR MINKEJJA D-DGĦUFIJET

- 23.** Ir-Regolament (KE) Nru 1974/2006 jispeċifika li l-Istati Membri għandhom jidentifikaw il-bażi loġika għall-intervent, l-objettivi, l-ambitu u l-azzjonijiet tal-miżuri. Barra minn hekk il-PŻR għandhom jipprovdu "evidenza li, għall-miżuri ta' investiment, l-appoġġ hu mmirat b'objettivi ddefiniti b'mod ċar li jirriflettu ħtiġijiet territorjali identifikati u żvantaġġi strutturali". Għaldaqstant, qabel ma tapprova l-PŻR tal-Istati Membri, il-Kummissjoni teħtieġ tiċċekkja l-konsistenza tal-objettivi tal-PŻR mal-istrateġiji tal-UE u dawk nazzjonali u mal-ħtiġijiet u d-dgħufijiet identifikati.
- 24.** Madankollu, peress li l-PŻR li ġew awditjati, iddefinixxew l-objettivi f'tali termini ġenerali, il-kontrolli ta' konsistenza li saru setgħu ikunu ta' użu limitat biss. Madankollu, il-Kummissjoni approvat PŻR minkejja dawn id-dgħufijiet u ma għamlitx valutazzjoni kritika tal-argumenti favur intervent. Ma qisix lanqas kemm il-miżuri proposti setgħu jiġġeneraw, b'mod effettiv jew effiċjenti, tkabbir u impjiegi sostenibbli.

IL-KUNDIZZJONIJET/KRITERJI TA' ELIĠIBILTÀ SSETTJATI MILL-ISTATI MEMBRI AWDITJATI MA JIRRESTRINĠUX L-AMBITU TAL-GĦAJNUNA GĦAD-DIVERSIFIKAZZJONI

- 25.** Ladarba l-Istati Membri jkunu stabbilixxew l-objettivi tagħhom, huma jridu jistipulaw il-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà — (pereżempju, it-tipi ta' investiment, il-kategoriji tal-benefiċjarju u n-natura tal-appoġġ) — sabiex jiżguraw li l-għajjnuna tiġi mmirata lejn l-ilħuq tal-objettivi stabbiliti.

26. Dawn il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà huma maħsuba biex jirrestrinġu l-ambitu tal-għajnuna. Il-Qorti sabet li l-kriterji ta' eliġibbiltà tal-Istati Membri kienu wkoll wesgħin ħafna u għalhekk xi fondi ġew allokati lil proġetti li fil-fatt ma indirizzawx l-għanijiet tal-miżuri speċifiċi anke jekk jistgħu jipprovdu xi benefiċċju lill-popolazzjoni lokali (ara l-**Kaxxa 4**). Il-Qorti sabet anke proġetti li ma kinux eliġibbli taħt ir-Regolamenti tal-UE fir-Repubblika Ċeka u l-Svezja (ara l-**Anness II**).

IL-PROĊEDURI TAL-GĦAŻLA MA MMIRAWX IL-FINANZJAMENT LEJN L-AĦJAR PROĠETTI

27. Wara li jstabilixxu l-oġġettivi u l-kriterji ta' eliġibbiltà tagħhom, l-Istati Membri jridu jistipulaw proċeduri għall-għażla ta' operazzjonijiet u proġetti mill-popolazzjoni ta' proġetti eliġibbli. Il-kriterji tal-għażla għandhom jippermettu lill-Istati Membri jidentifikaw u jonfqu l-baġit disponibbli fuq dawk l-operazzjonijiet u l-proġetti li se jikkontribwixxu l-aktar għall-oġġettivi. L-applikazzjoni effettiva ta' kriterji tal-għażla hija rekwiżit tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE¹³.

¹³ L-Artikolu 71(2) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jiddikjara li: "Nefqa għandha tkun eliġibbli għal kontribut tal-FAEŻR unikament meta magħmula għal operazzjonijiet deċiżi mill-Awtorità ta' Ġestjoni tal-programm inkwistjoni jew taħt ir-responsabbiltà tagħha, f'konformità mal-kriterji ta' selezzjoni stabbiliti mill-korp kompetenti".

KAXXA 4

KRITERJI TA' ELIĠIBILTÀ WESGħIN WASSLU GħALL-FINANZJAMENT TA' ĊERTI PROĠETTI LI MA INDIRIZZAWX L-OBJETTIVI TAL-MIŻURI

Il-Polonja: Għalkemm il-miżura 311 għandha l-għan li tiddiversifika l-azjendi lejn attivitajiet mhux agrikoli u li tipromwovi l-impjieġ mhux fl-agrikoltura f'żoni rurali, fir-reġjun ta' Malopolska, 42 % tal-benefiċjarji xtraw tagħmir (bħal traktors, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jipprovdu servizzi agrikoli bażiċi bħal dawk li jsiru fl-azjendi tagħhom stess għal partijiet terzi, mingħajr ma jagħmlu l-ebda kontribut għad-diversifikazzjoni fl-ekonomija rurali.

Fil-Polonja wkoll, 68 % tal-proġetti ffinanzjati taħt il-miżura 313 (turiżmu) fiż-żmien tal-awditu kienu relatati mal-kostruzzjoni ta' faċilitajiet sportivi muniċipali jew investimenti fi grawnds ta' loġhob għat-tfal. Pereżempju, grawnd tal-futbol li jinsab f'hejn skola ġie mmodernizzat taħt il-miżura 313. Dan il-proġett kellu l-għan li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja għall-komunità rurali billi joħloq infrastruttura moderna ta' sport u ħin liberu u billi jipprovdi lit-tfal tal-iskola primarja b'faċilitajiet sportivi. Madankollu, dan it-tip ta' proġett x'aktarx ma jiddiversifikax l-ekonomija billi jiġbed lit-turisti, li huwa l-għan tal-miżura¹⁴.

¹⁴ L-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jstabilixxi t-tip ta' investiment eliġibbli skont il-miżura 313 — *Inkoraggjiment tal-attivitajiet turistiċi* — "L-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 52(a)(iii) għandu jkopri dan li ġej: (a) l-infrastruttura fuq skala żgħira bħal ċentri ta' informazzjoni u s-senjalazzjoni ta' postijiet turistiċi; (b) l-infrastruttura rikreattiva bħal dik li toffri aċċess għal żoni naturali, u akkomodazzjoni ta' kapaċità żgħira; (c) l-iżvilupp u/jew it-tqegħid fis-suq ta' servizzi turistiċi relatati mat-turiżmu rurali".

- 28.** Il-kriterji tal-għażla għandhom jippermettu li l-merti relattivi tal-proposti tal-proġetti jiġu evalwati fuq bażi oġġettiva u trasparenti; huma għandhom jiżguraw ukoll li kwalunkwe proġett li ma jirrappreżentax l-aħjar kwalità meta mqabbla mal-prezz jiġi rrifjutat. Fil-fatt, anke fejn proġetti tassew jissodisfaw il-kundizzjonijiet, xi wħud huma aħjar minn oħrajn biex jindirizzaw l-oġġettivi li ġew stabbiliti biex jissodisfaw il-ħtiġijiet taż-żoni rurali. Pereżempju, peress li l-fondi disponibbli huma limitati, u mill-bqija kollox jibqa' l-istess, jekk investiment minn-hom joħloq aktar impjegi f'żoni rurali minn proġett ieħor, dan għandu jingħata preferenza.
- 29.** Tnejn mill-Istati Membri awditjati ma stipulaw l-ebda kriterji tal-għażla u qagħdu biss fuq il-kriterji ta' eliġibbiltà wesgħin tagħhom biex ifasslu lista ta' proġetti li kellu jingħata finanzjament għalihom. Dan kien il-każ għal Franza (Aquitaine) u l-Polonja matul l-ewwel snin tal-perjodu ta' programmazzjoni (2007–10). Fil-fatt, matul dan il-perjodu, il-Polonja għażlet proġetti jew fuq il-bażi tal-prinċipju li min ikun l-ewwel, jinqeda l-ewwel, jew b'mod aleatorju¹⁵. Fi Stat Membru ieħor, l-Isvezja ("Västra Götaland"), il-proċedura tal-għażla użata ma rriżultat fl-ebda punteġġjar jew gradazzjoni tal-proġetti biex tippermetti tqabbil oġġettiv bejn il-proġetti fuq tul ta' żmien sabiex tiżgura li l-proġetti bl-ogħla prijorità ġew magħżula b'mod konsistenti.
- 30.** It-tliet Stati Membri li jibqa' (l-Italja — Campania, ir-Repubblika Ċeka u r-Renju Unit — l-Ingilterra) applikaw kriterji tal-għażla u numru ta' sistemi ta' punteġġi differenti, għalkemm ir-Repubblika Ċeka ssospendiet l-applikazzjoni tal-kriterji tal-għażla tagħha fl-2009. Madankollu, dawn ma baqgħu jfissru xejn fl-Italja — Campania u r-Repubblika Ċeka, peress li l-ebda wieħed minn dawn iż-żewġ Stati Membri/reġjuni ma stabbilixxa livell minimu ta' punteġġ effettiv li proġett ried jilħaq sabiex jiġi magħżul. Dan ifisser li, filwaqt li l-finanzjament kien disponibbli, il-proġetti setgħu jiġu magħżula anke jekk ġew ivvalutati bħala mhux partikolarment rilevanti għall-prijoritajiet nazzjonali/reġjonali (ara l-**Kaxxa 5**).
- 31.** Erbgħa mill-Istati Membri awditjati (Franza (Aquitaine), l-Italja (Campania), l-Isvezja (Västra Götaland) u r-Repubblika Ċeka), għażlu kemm setgħu proġetti eliġibbli bir-riżorsi disponibbli irrISPETTIVAMENT mill-kontribut potenzjali tagħhom lejn l-oġġettivi tal-miżuri. Madankollu, l-awditu sab li, aktar tard, jekk il-baġit kien insuffiċjenti biex ikopri l-applikazzjonijiet eliġibbli kollha, l-Istati Membri għażlu l-proġetti b'mod aktar strett. Konsegwentement, proġetti aħjar ġew irrifjutati aktar tard fil-proċess bħala riżultat ta' raġunijiet baġitarji biss (ara l-**Kaxxa 6**).

¹⁵ Fil-Polonja, il-kriterji tal-għażla ġew applikati biss fis-sejħa għal proposti 2011 għall-M311, fis-sejħa għal proposti 2010, 2011 għall-M312 u fis-sejħa għal proposti 2009, 2010 għall-M313.

KAXXA 5

EŻEMPJI TA' SISTEMI TAL-GĦAŻLA LI NAQSU MILLI JAGĦŻLU PROĠETTI RILEVANTI

Fl-Italja — Campania: it-tfassil tas-sistema deher li jirrappreżenta prattika tajba peress li l-proġetti ta' investiment eliġibbli ġew evalwati fuq il-bażi ta' grilja ta' kriterji tal-għażla li pprevediet punteġġ (limitu) minimu kumplessiv li għandu jinkiseb mill-proġetti eliġibbli, inkluż limitu ta' kwalità tal-proġett. Madankollu, is-sistema tat punti mhux biss fejn proġett laħaq il-kriterji imma wkoll meta dawn ma ntlewqx.

Taħt il-kategorija 'kwalità tal-proġetti', proġett li ma jissodisfa l-ebda kriterju se jikseb 20 punt (jiġifieri 'l-limitu minimu' li għandu jinkiseb) u għaldaqstant se jiġi ffinanzjat xorta waħda. Għalhekk b'mod effettiv l-għażla tal-kwalità ta' proġett ma tibqa' tfisser xejn peress li l-proġetti kollha jikkwalifikaw awtomatikament jekk ikun hemm biżżejjed finanzjament disponibbli.

Franza (Aquitaine): Fin-nuqqas ta' kriterji tal-għażla, is-sempliċi fatt li proġett kien eliġibbli u fondi kienu disponibbli fisser li kien se jiġi magħżul. B'riżultat ta' dan, proġett għall-ħolqien ta' kamra ġdida għad-dewqan tal-inbid ġie ffinanzjat anke jekk tali faċilitajiet kienu diġà jeżistu. Il-proġett ma ddiversifikax/wessax aktar l-attività tal-azjenda u għaldaqstant ma kkontribwixxiex għall-oġġettivi tal-miżura li taħtha ġie ffinanzjat.

KAXXA 6

EŻEMPJI TA' PROĊESSI INEFFETTIVI TAL-GĦAŻLA

Ir-Repubblika Ċeka: Matul l-ewwel sentejn (2007 u 2008), mingħajr limitu minimu u b'baġit suffiċjenti biex jiffinanzja l-applikazzjonijiet eliġibbli kollha, il-proġetti sottomessi ma ġewx fil-fatt gradati skont il-kriterji preferenzjali. Konsegwentement, proġetti b'0 punti minn massimu ta' 35 u b'punt 1 minn massimu ta' punteġġ disponibbli ta' 106 ġew iffinanzjati xorta waħda. Mill-2010 'l hawn, il-proġetti eliġibbli kienu jeħtieġu punteġġ ferm oġhla biex jiġu ffinanzjati: minimu ta' 25 minn 40 u 54 minn 101 punt rispettivament.

L-Italja — Campania: Għall-miżura 312, matul l-ewwel perjodu ta' applikazzjoni (Lulju/Awwissu 2009), il-163 applikazzjoni eliġibbli kollha ġew iffinanzjati. Fit-tieni perjodu, (Settembru/Ottubru 2009), 322 applikazzjoni kienu ammissibbli, imma 70 biss ġew iffinanzjati għax il-baġit kollu għall-miżura kien diġà ntuża. Dan kien ifisser li proġetti mit-tieni perjodu ġew esklużi anke fejn huma kellhom punteġġi ħafna aħjar minn oħrajn li kienu ġew iffinanzjati matul l-ewwel perjodu. Pereżempju, fost il-proġetti esklużi minħabba nuqqas ta' fondi matul it-tieni perjodu, il-proġett bl-aħjar punteġġ kellu punteġġ oġhla minn 85 % ta' dawk iffinanzjati matul l-ewwel perjodu.

L-Isvezja: Sal-2011, ma kien hemm l-ebda każ fejn applikazzjonijiet għal proġetti eliġibbli ġew irrifjutati fuq il-bażi li kienu ta' prijorità baxxa. Riżultat ta' dan in-nuqqas ta' għoti ta' prijoritajiet huwa li l-miżuri ġew magħluqa parzjalment fl-2011 minħabba nuqqasijiet ta' baġit u proġetti ġew irrifjutati fuq il-bażi li l-flus għall-proġetti huma limitati u li riedu jingħataw prijoritajiet. Filwaqt li dan irriżulta f'immirar strinġenti tal-bqija tal-baġit, fil-biċċa l-kbira tiegħu kien fil-fatt diġà ntefaq.

IL-ĦOLQIEN TAL-IMPJIEGI KIEN PARTI MILL-PRIJORITÀ PREDOMINANTI GĦALL-MIŻURI, IMMA DAN MA ĠIEX DEJEM RIFLESS FIL-MOD TA' KIF ĠEW ALLOKATI L-FONDI

- 32.** Kif imsemmi hawn fuq (ara l-paragrafu 14) il-ħolqien ta' impjiegi huwa parti mill-prijorit  predominanti tal-Assi 3. Għaldaqstant, waqt li jagħtu prijorit  lill-proġetti li jilħqu l-oġġettivi tal-PŻR, l-Istati Membri għandhom jippruvaw jagħżlu proġetti bl-ogħla potenzjal għall-ħolqien tal-impjiegi. Huma għandhom ifittxu mhux biss li joħolqu aktar impjiegi imma jqisu wkoll kif xieraq l-effettivit  u l-effiċjenza finanzjarja tal-għajjnuna, pereżempju billi jqisu l-ispiża u l-kwalit  ta' kull impjieg.
- 33.** L-awditu żvela li, bl-eċċezzjoni ta' Franza, l-Istati Membri kollha awditjati qiesu l-ħolqien potenzjali tal-impjiegi fil-valutazzjoni tagħhom tal-proposti tal-proġetti. Madankollu, id-dgħufijiet fis-sistemi tal-għażla deskritti hawn fuq fissru li, fil-prattika, f'xi Stati Membri dan ma kienx effettiv fl-għoti ta' prijoritajiet lill-proġetti li ħolqu l-impjieg (ara l-paragrafi 30, 31). Bħala eżempju, għalkemm is-sistema tal-għażla tal-miżura 311 Taljana (Campania) ippermettiet għoti ta' prijoritajiet lil proġetti li ppromovew l-impjieg sħiħ ta' membru tal-familja agrikola (ara l-paragrafu 21), kien hemm dgħufijiet fl-applikazzjoni ta' dan il-kriterju (ara l-**Kaxxa 7**).

KAXXA 7

SISTEMA TAJBA FIT-TEORIJA IMMA MHUX FIL-PRATTIKA

Fl-**Italja — Campania**, il-kriterju relatat mal-oġġettiv li jippromwovi l-impjieg sħiħ tal-membru tal-familja huwa deskritt bħala l-proporzjon Spiża tal-Investment/Numru ta' ħaddiema. Madankollu, il-valutazzjoni involviet il-kalkolu tal-perċentwal ta' membri tal-familja agrikola li jsibu impjieg sħiħ u l-konverżjoni ta' dak il-perċentwal f'punti.

Is-sejħa għal proposti ma pprovdiet l-ebda istruzzjoni dwar kif għandu jiġi kkalkulat dan il-perċentwal. Konsegwentement, il-kalkoli ma sarux u l-punti ngħataw fuq il-bażi ta' talbiet mhux sostanzjati fir-rapport tekniku.

Pereżempju, għal proġett ta' agrituriżmu, il-benefiċjarju inkluda "żieda fis-sigħat ta' xogħol għall-membri tal-familja" bħala riżultat mistenni u, fuq din il-bażi, il-proġett ingħata n-numru massimu ta' punti. Il-konformit  ma' dan il-kriterju ma ġietx iċċekkjata matul il-kontrolli fuq il-post imwettqa mill-awtoritajiet qabel il-pagament finali u l-benefiċjarju ma setax jipprovdi lill-awdituri b'xi evidenza li tappoġġa dan il-klejm.

- 34.** Għal proġetti bl-objettiv li joħolqu l-impjegi, l-ispiża ta' kull impjieg maħluq hija indikatur tal-effiċjenza finanzjarja tagħhom. Il-Qorti kkalkulat dan l-indikatur¹⁶ għas-26 proġett awditjati li rnexxielhom joħolqu l-impjegi (ara l-**Anness II**). Dan il-kalkolu wera li l-ispiża għal kull impjieg maħluq varjat ħafna bejn il-proġetti, minn EUR 3 000 sa EUR 215 000. Filwaqt li l-Qorti tirrikonoxxi li l-proġetti jistgħu jkollhom objettivi oħra li għandhom jiġu wkoll meqjusa matul il-proċess tal-għażla, id-differenzi sinifikanti fl-ispiża għal kull impjieg maħluq fi ħdan/għal attivitajiet simili jindikaw il-ħtieġa ta' aktar attenzjoni għal dan l-aspett.
- 35.** Tlieta mill-Istati Membri awditjati qiesu l-effiċjenza finanzjarja tal-proposti tal-proġetti sottomessi f'termini ta' spiża għal kull impjieg. Fl-evalwazzjoni tagħhom tal-proġetti, l-awtoritajiet tar-Renju Unit ivvalutaw u taw punteġġ għal-livell ta' ħiliet tal-impjegi ppjanati relatati mal-proġett u l-aħjar kwalità tagħhom meta mqabbla mal-prezz (spiża għal kull impjieg u spiża għal kull livell ta' ħila f'termini tal-għotja).
- 36.** Fil-Polonja, l-ammont mogħti jvarja skont in-numru ta' impjegi li l-benefiċjarju jimpenja ruħu li joħloq, filwaqt li fl-Italja l-ispiża għal kull impjieg tiġi vvalutata biss taħt il-miżura 312 u l-infiq kollu (jiġifieri l-ispiża kollha tal-investment) jitqies meta mqabbel ma' valur medju ddeterminat mill-awtoritajiet. Jingħataw punti żejda fuq il-bażi tal-kalkolu tal-ispiża għal kull impjieg.
- 37.** Il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka u r-Renju Unit biss għamlu l-għotja suġġetta għall-kisba tal-ħolqien ta' impjegi fejn dan tal-aħħar kien previst mill-proġett. Fil-Polonja u fir-Renju Unit kellha tiġi sottomessa evidenza flimkien mal-klejm għall-pagament (għalkemm ir-Renju Unit aċċetta wkoll riżultati mistennija), filwaqt li fir-Repubblika Ċeka, il-promoturi tal-proġett ġew suġġetti għal kontrolli mmirati wara l-implimentazzjoni tal-proġetti. Regoli ċari dwar il-perjodu ta' impenn għaż-żamma tal-impjegi maħluqa ġew stipulati fil-Polonja u fir-Repubblika Ċeka — sentejn wara l-pagament finali u sal-aħħar tal-perjodu ta' impenn ta' ħames snin rispettivament.¹⁷
- 38.** Għall-kuntrarju l-awtoritajiet fl-Italja — Campania qagħdu biss fuq l-istima ta' impjegi li kellhom jinħolqu kif iddikjarata mill-benefiċjarju fl-applikazzjoni tiegħu. Il-ħolqien ta' dawn l-impjegi ma kienx kundizzjoni għall-pagament u ma ġiex iċċekkjat fil-pagament finali u lanqas matul attivitajiet ta' monitoraġġ li saru aktar tard. L-awditu żvela li erbgħa biss mid-disa' proġetti awditjati fittxu li joħolqu impjegi u għal tnejn minnhom il-ħolqien ta' impjegi kien ferm aktar baxx mit-twertiq mistenni.

¹⁶ Ikkalkulat bħala l-appoġġ pubbliku totali mħallas lill-benefiċjarju, diviż bin-numru ta' impjegi maħluqa (f'ekwivalenti full-time).

¹⁷ L-Artikolu 72 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

EBDA ĠESTJONI PROATTIVA TAL-MIŻURI

- 39.** Anke meta l-informazzjoni dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni wriet li l-miri tal-miżuri ma ntlewq, l-awtoritajiet tal-Istati Membri ma fasslux l-interventi mill-ġdid sabiex jimmassimizzaw l-impatt tagħhom, filwaqt li jappoġġaw proġetti aktar effettivi u effiċjenti li setgħu jagħtu riżultati reali fir-rigward tal-miri stabbiliti.
- 40.** Dan kien viżibbli b'mod partikolari fir-Repubblika Ċeka, fejn minkejja l-ilħuq insuffiċjenti sinifikanti tal-mira tal-ħolqien ta' impjegi, parzjalment minħabba l-miri irrealistiċi/ambizzjużi stabbiliti mill-awtoritajiet, ma ttieħdet l-ebda azzjoni biex tiżdied il-preferenza għal proġetti li ħolqu l-impjegi. Fl-Isvezja, ir-riallokazzjoni ta' parti mill-baġits tal-Assi 3 bejn il-kontei qieset l-livell tal-infiq imma mhux il-progress fil-kisba tar-riżultati. Fl-Italja, rata għolja ta' għajjnuna ġiet offruta biex jiżiedu l-applikazzjonijiet, imma mingħajr l-ebda konnessjoni mal-kisba tar-riżultati (ara l-**Kaxxa 8**).

KAXXA 8

EŻEMPJI TA' NUQQAS TA' ĠESTJONI PROATTIVA

Ir-Repubblika Ċeka: L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, maħruġa fl-2010, enfasizzat l-effett limitat tat-tliet miżuri awditjati. L-evalwatur sab li l-miżura 311 kisbet biss 0,8 % tal-indikatur għall-impjegi totali li kellhom jinħolqu. Il-miżura 312 laħqet biss 1,4 % tal-mira tal-ħolqien ta' impjegi stabbilita inizjalment u l-miżura 313 laħqet biss 1 % wara tliet snin ta' implimentazzjoni tal-programm. Minkejja dan in-nuqqas ta' suċċess, ir-Repubblika Ċeka ma kinitx adattat il-miżuri. Minflok, l-awtoritajiet Ċeki, filwaqt li żammew l-istess livell ta' nfiq ipprogrammat għal kull miżura, naqqsu l-miri tagħhom għall-indikatur tar-riżultati "Numru gross ta' impjegi maħluqa" b'aktar minn 90 %, minn 29 000 għal 2 700.

L-Italja — Campania: Sabiex jagħtu spinta lill-implimentazzjoni finanzjarja tal-miżuri, fl-2010, l-awtoritajiet żiedu r-rata massima ta' għajjnuna pubblika għal 100 % għal proġetti li jammontaw sa EUR 50 000 għall-miżuri 311 u 312. Din it-tneħħija tal-obbligu ta' benefiċjarju li jikkontribwixxi għall-proġett ma kinitx marbuta ma' kwalità aħjar meta mqabbla mal-prezz tal-proġetti f'termini tar-riżultati li kellhom jinkisbu.

L-Isvezja: Minkejja l-fatt li l-indikatur tar-riżultati tas-CMEF għall-impjegi maħluqa laħaq biss 6,6 % tal-mira fl-2010, il-miżuri jew il-kriterji tal-għażla ma ġew adattati biex isiru aktar effettivi u sabiex jiżguraw li l-mira tintlaħaq. Barra minn hekk il-kontei ġew infurmati li jekk ma kinux impenjaw minn tal-anqas 50 % sa Ottubru 2011, il-baġits tagħhom kienu se jiġu riallokati lil municiplitalitajiet oħrajn li kienu kapaċi jonfqu aktar malajr.

IL-KUMMISSJONI MA UŻATX L-INFORMAZZJONI DWAR IL-PRESTAZZJONI B'MOD SUFFIĊJENTI BIEX ITTEJJEJ L-EFFIĊJENZA U L-EFFETTIVITÀ TAL-MIŻURI TA' DIVERSIFIKAZZJONI

- 41.** Il-Kummissjoni timmonitorja u tissorvelja l-implimentazzjoni tal-programmi, b'mod partikolari permezz tal-parteċipazzjoni f'laqgħat tal-kumitat ta' monitoraġġ¹⁸, l-eżaminar tar-rapporti ta' progress annwali u ż-żjarat tal-awditjar lill-Istati Membri. Barra minn hekk, ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni għal ġestjoni finanzjarja tajba teħtieġ ukoll li din ittejjeb l-implimentazzjoni tal-programm kif xieraq. L-Artikolu 77(2) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jipprovdi lill-Kummissjoni l-opportunità li tiegħu sehem f'laqgħat tal-Kumitat ta' Monitoraġġ "f'kapaċità konsultattiva".
- 42.** Il-Kummissjoni insistiet, matul il-perjodu ta' programmazzjoni, fuq il-ħtieġa ta' aktar selettività u mmirar fl-implimentazzjoni tal-miżura, irrispettivament mis-'suffiċjenza baġitarja'. Madankollu, l-awditu żvela li l-Kummissjoni mhux dejjem żgurat li l-Istati Membri ddefinixxew kriterji tal-għażla adegwati u/jew applikawhom b'mod konsistenti. Fil-fatt, il-Kummissjoni ma ħaditx azzjoni effettiva minkejja l-fatt li Franza, il-Polonja u r-Repubblika Ċeka (fl-2009) ma applikaw l-ebda kriterji tal-għażla. Madankollu, fir-rigward ta' miżuri oħrajn ta' żvilupp rurali, il-Kummissjoni ħadet azzjoni għal dgħufijiet simili billi pproponiet korrezzjonijiet finanzjarji.
- 43.** Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma ħaditx passi adegwati matul il-Kumitat ta' Monitoraġġ jew l-eżaminar annwali tal-progress tal-programmi¹⁹ biex tiżgura li l-Istati Membri kienu effettivi fl-għażla u fl-approvazzjoni ta' proġetti li kkontribwixxew lejn l-ilħuq tal-oġġettivi stabbiliti. B'referenza għall-każ muri fil-**Kaxxa 8**, il-Kummissjoni ma rrikjedietx titjib fl-effettività tal-miżuri ta' diversifikazzjoni fir-Repubblika Ċeka, imma pjuttost aċċettat sempliċi tnaqqis fil-miri għan-numru gross ta' impjiegi li għandhom jinħolqu.

¹⁸ L-Artikolu 78 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jiddikjara li "Il-Kumitat ta' Monitoraġġ għandu jaċċerta l-effettività tal-implimentazzjoni tal-programm għall-iżvilupp rurali". Dan isir bil-kunsiderazzjoni u r-reviżjoni tal-kriterji tal-għażla, il-monitoraġġ tal-progress lejn l-oġġettivi, l-ilħuq tal-miri, eċċ.

¹⁹ L-Artikolu 83 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jiddikjara li "Kull sena, meta jiġi ppreżentat ir-rapport ta' progress annwali, il-Kummissjoni u l-Awtorità ta' Ġestjoni għandhom jeżaminaw ir-riżultati prinċipali tas-sena preċedenti, skont il-proċeduri li għandhom jiġu ddeterminati bi qbil mal-Istat Membru u l-Awtorità ta' Ġestjoni kkonċernati".

IT-TIENI PARTI — IR-RISKJI GĦALL-EFFIĊJENZA U L-EKONOMIJA ĠEW MITIGATI B'MOD SUFFIĊJENTI?

- 44.** Il-kisba tal-aħjar kwalità meta mqabbla mal-prezz hija dwar l-aħjar użu tar-riżorsi biex jitwettqu r-riżultati intenzjonati. Barra mill-effettività, ir-riskji ġenerali għal ġestjoni finanzjarja tajba huma r-riskji għall-effiċjenza u l-ekonomija.
- 45.** Ir-riskju għall-effiċjenza huwa l-possibbiltà li attività:
- ma timmassimizzax il-prodott għal dħul partikolari jew li tagħmel dan mingħajr ma tqis b'mod xieraq il-kwalità xierqa, jew
 - ma timminimizzax id-dħul għal prodott partikolari, jew li tagħmel dan mingħajr ma tqis b'mod xieraq il-kwalità xierqa.
- 46.** Ir-riskju għall-ekonomija huwa l-possibbiltà li attività:
- ma timminimizzax l-ispiża tar-riżorsi, jew li tagħmel dan mingħajr ma tqis il-kwalità xierqa.
- 47.** Ir-riskji għall-effiċjenza u l-ekonomija jistgħu diġà jiġu mitigati b'mod sinifikanti bi programmazzjoni tajba. Madankollu, dan ma jnaqqasx ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet milli jwettqu l-kontrolli rilevanti fuq l-implimentazzjoni.
- 48.** Għal din ir-raġuni, u f'konformità mal-prinċipji ta' effiċjenza u ekonomija stipulati fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012²⁰ il-Qorti tqis li l-Istati Membri għandhom:
- jiżguraw, qabel jagħtu l-finanzjament, li l-applikanti kienu kapaċi juru li l-proġetti tagħhom huma vijabbli u sostenibbli finanzjarjament,
 - japplikaw proċeduri biex jimmitigaw ir-riskju ta' deadweight u spustament²¹,
 - jiżguraw li l-proġetti għandhom spejjeż raġonevoli,
 - jiżguraw li l-proġetti jistgħu jiġu implimentati fi żmien raġonevoli u mingħajr burokrazija u spejjeż mhux iġġustifikati.

²⁰ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

²¹ Għad-definizzjonijiet, ara l-paragrafi 51 u 58.

EFFIĊJENZA

IL-KONTROLLI TAL-ISTATI MEMBRI JAGĦTU AĊĊERTAMENT LIMITAT TAS-SOSTENIBBILTÀ FINANZJARJA TAL-PROĠETTI

- 49.** Sabiex jiġi evitat li l-finanzjament pubbliku jinħela fuq proġetti li jfallu qabel iż-żmien, l-Istati Membri għandhom, permezz ta' kontrolli ta' vijabbiltà proporzjonati, janalizzaw kemm is-sitwazzjoni finanzjarja u l-ippjanar ta' direzzjoni tan-negozju tal-applikant huma tajbin u jiddokumentaw l-evalwazzjoni tagħhom.
- 50.** Il-leġiżlazzjoni attwali ma teħtieġx b'mod espliċitu tali kontrolli ta' vijabbiltà²², u tlieta biss mill-Istati Membri awditjati (il-Polonja, l-Isvezja u r-Renju Unit) wettqu b'mod sistematiku kontrolli fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-applikanti. Madankollu, b'mod partikolari fil-Polonja u l-Isvezja, l-awditu sab numru ta' nuqqasijiet, prinċipalment fir-rigward ta' valutazzjonijiet superfiċjali u mhux affidabbli, u dokumentazzjoni dgħajfa. L-Istati Membri l-oħrajn awditjati ma wettqu l-ebda kontroll sistematiku ta' vijabbiltà (Franza (Aquitaine) u l-Italja — Campania) jew kienu ssospendewhom (ir-Repubblika Ċeka)(ara l-**Kaxxa 9**).

²² Madankollu, l-Artikolu 72 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jirrikjedi li l-proġetti kollha appoġġjati jeħtieġu jkunu sostenibbli fis-sens li l-Istat Membru għandu jiżgura li operazzjoni ta' investiment, fi żmien f'ames snin mid-deċiżjoni ta' finanzjament, ma tgħaddix minn modifika sostanzjali, inkluż il-waqfien jew ir-rilokazzjoni ta' attività produttiva. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rrikonossiet li tali kriterji għandhom ikunu parti mill-evalwazzjoni tal-proġett fl-Eżami Rurali tal-UE Nru 1: Qed tingħata attenzjoni biex tkun żgurata kwalità massima meta mqabbla mal-prezz mis-somom sinifikanti tal-finanzjament tal-assi 3 u s-sostenibbiltà ekonomika tiffirma kriterju ewlieni waqt il-valutazzjoni tal-proposti tal-proġetti FAEŻR kollha (il-paġna 31) (ara: http://enrd.ec.europa.eu/publications-and-media/eu-rural-review/en/eu-rural-review_en.cfm).

KONTROLLI TA' VIJABBILTÀ EŻEMPJI TA' PRATTIKA TAJBA U DGĦUFIJET

Ir-Renju Unit — L-Ingilterra: L-awtoritajiet japplikaw diversi proċeduri, skont id-daqs tal-għotja, li jistgħu jitqiesu bħala prattika tajba: il-proporzjonijiet finanzjarji jiġu kkalkulati fuq il-bażi tal-informazzjoni kontabilistika u tal-projezzjonijiet ta' flussi tal-flus, tiġi pprovduta opinjoni indipendenti minn kontabilista u għandhom jiġu pprovduti pjan ta' direzzjoni tan-negozju bi projezzjonijiet ta' bejgħ u analiżi tas-suq. Is-suppożizzjonijiet ta' bażi jiġu analizzati b'mod kritiku mill-evalwatur u jitqiesu r-riskji tal-ġestjoni u tat-twassil.

Il-Polonja: F'każ wieħed, il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju inizjali tal-benefiċjarju wera valur preżenti nett (VPN) negattiv li, kieku, kien irendi lill-proġett ineliġibbli. Meta l-awtoritajiet Pollakki talbu lill-benefiċjarju jispjega l-VPN negattiv, huwa sempliċement ippreżenta pjan ġdid li żied b'mod sinifikanti l-projezzjonijiet tal-bejgħ. Il-VPN inbidel minn negattiv għal pożittiv u l-proġett ġie aċċettat. Il-Qorti sabet li r-riżultati tal-proġett ma laħqu b'mod sinifikanti la l-projezzjonijiet inizjali u lanqas dawk riveduti.

Franza (Aquitaine): Analiżijiet finanzjarji u studji ta' fattibbiltà huma mitluba għal ċerti proġetti, għalkemm l-ebda kontroll formali ta' vijabbiltà ma jitwettaq fuq il-bażi ta' dawn id-dokumenti. F'każ wieħed, proġett ġie approvat u ffinanzjat minkejja studju ta' fattibbiltà li enfasizza li l-impriża kienet qed tesperjenza diffikultajiet finanzjarji peress li s-solvenza kumplessiva tagħha kienet dgħajfa, b'riskji sinifikanti fuq tul ta' żmien qasir u awtonomija finanzjarja limitata ħafna. Iż-żjara tal-awditjar tal-Qorti żvelat li n-negozju appoġġat kien f'falliment.

Ir-Repubblika Ċeka: Kontrolli fuq l-affidabbiltà kreditizja tal-applikant twettqu inizjalment għal proġetti ta' aktar minn CZK 2 miljun (madwar EUR 78 000) fi spejjeż eliġibbli. Fid-dawl tal-kriżi ekonomika u sabiex jiġi evitat li jitnaqqas in-numru ta' applikanti eliġibbli waqt il-kriżi, l-awtoritajiet Ċeki ddeċidew li jieqfu milli jivvalutaw l-affidabbiltà kreditizja tal-benefiċjarji minn nofs l-2009 'l quddiem.

IL-PROGRAMMAZZJONI U L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-MIŻURA MILL-ISTATI MEMBRI MA JIMMITIGAWX B'MOD EFFETTIV IR-RISKJI TA' DEADWEIGHT...

- 51.** Deadweight jirreferi għall-punt sa fejn benefiċjarju seta' jwettaq l-investment anke mingħajr il-finanzjament tal-għotja. L-għoti ta' għotjiet f'tali każijiet inaqqas l-effiċjenza tal-fondi tal-baġit tal-UE u nazzjonali, peress li n-nefqa pubblika mhix meħtieġa biex jinkiseb l-effett mixtieq.
- 52.** Il-mezzi primarji li jnaqqsu r-riskju ta' deadweight huma li jiġu mfassla u pprogrammati l-miżuri 311-313 b'tali mod li l-finanzjament pubbliku jiġi mmirat lejn fejn hemm ħtieġa identifikata (pereżempju, nuqqasijiet tas-suq) jew l-inkoraġġiment għall-provvediment ta' esternalitajiet pożittivi u oġġetti pubbliċi (pereżempju, permezz ta' assistenza fl-ispejjeż tal-introduzzjoni ta' teknoloġiji ambjentalment sostenibbli jew proġetti li jipprovdu benefiċċji pubbliċi usa'). Madankollu, anke meta s-sistema ġiet imfassla biex tinkoraġġixxi t-twassil ta' oġġetti pubbliċi permezz ta' appoġġ għal benefiċjarji privati, l-impatt pożittiv potenzjali, f'xi każijiet, fil-prattika ġie fix-xejn (ara l-**Kaxxa 10**).
- 53.** L-Istati Membri jistgħu jimmitigaw ukoll ir-riskju ta' deadweight permezz tal-proċess tal-għażla tal-proġett. L-Istati Membri setgħu talbu lill-applikanti juru li jeħtieġu għotja b'referenza għall-informazzjoni finanzjarja, ta' kummerċjalizzazzjoni u ġestjonarja miksuba għall-kontroll ta' vijabilità. Jekk applikant kellu kapital suffiċjenti jew aċċess għal kapital biex jiffinanzja l-proġett kollu jew jekk il-prospetti tal-proġett għas-suċċess kienu għoljin, l-investment isir normalment xorta waħda bi jew mingħajr l-għajjnuna. Dan kieku jirrappreżenta użu ineffiċjenti tal-fondi pubbliċi skarsi.

EŻEMPJU TA' IMPATT POŻITTIV POTENZJALI LI FIL-PRATTIKA ĠIE FIX-XEJN

L-Italja — Campania: Is-sistema ta' valutazzjoni tal-proġett ipprevediet kalkolu ta' punteġġ relatat mal-kriterji ambjentali. Madankollu, l-awditu sab li 10 punti setgħu ġew attribwiti għall-kriterju "iffrankar tal-ilma" jew 5 punti għal "imur lil hinn mit-trattament ta' skart normali" billi jwiegħed biss li se jwettaq l-aktar investimenti bażiċi bħal tojlits bi flaxx doppju jew landa rħisa għar-rimi tal-kompost (spiża tal-landa għar-rimi tal-kompost: EUR 350 meta mqabbla mal-ispiża totali ta' EUR 247 000 tal-proġett f'eżempju minnhom). L-ebda ffrankar kumplessiv tal-ilma ma kien meħtieġ li jiġi mwiegħed, u lanqas ma ġie vvalutat. Għalhekk setgħu jinkisbu 15-il punt (numru deċiżiv f'ħafna każijiet) mingħajr l-ebda ffrankar sinifikanti tal-ilma jew impatt ambjentali previst mill-proġett.

- 54.** Il-programmi ta' żvilupp rurali ta' tnejn mis-sitt Stati Membri awditjati (l-Isvezja u r-Renju Unit — l-Ingilterra) jenfasizzaw il-fatt li d-deadweight jimplika riskju serju għal ġestjoni finanzjarja tajba. Madankollu, fir-Renju Unit biss l-awtoritajiet irrikjedew li l-benefiċjarji juru l-ħtieġa għall-għotja, bir-rifjut ta' proġetti fejn ma ġietx mogħtija prova tal-ħtieġa għal finanzjament pubbliku. L-elementi li ġejjin tqiesu mill-awtoritajiet tar-Renju Unit matul l-evalwazzjoni tal-proġetti: kemm kienet konvinċenti l-applikazzjoni meta ġġustifikat għaliex għotja hija meħtieġa, in-nuqqasijiet tas-suq li l-proġett jindirizza, l-eżistenza ta' diskrepanza fil-finanzjament (pereżempju t-tqabbil ta' projezzjonijiet ta' flussi tal-flus alternattivi bejn "xenarju ta' self" u "xenarju ta' intervent pubbliku"), u l-valur tar-riżultati tal-proġetti għar-reġjun billi jiġi stmat il-proporzjon tar-riżultati li setgħu twasslu mingħajr l-għotja.
- 55.** Il-Qorti diġà nnutat (pereżempju, fir-rapporti tagħha dwar l-approċċ Leader, il-miżura 121 u l-miżura 123²³) li l-każijiet fejn l-investimenti kienu diġà bdew jew anke ġew ikkompletati qabel ma ttieħdet deċiżjoni biex tingħata għotja huma indikazzjoni qawwija tal-effett deadweight. F'dawn is-sitwazzjonijiet, id-deċiżjoni ta' investiment inizzjali tal-benefiċjarju diġà turi li hu kien irid u seta' jwettaq l-investiment anke mingħajr l-għajjnuna. Konsegwentement, titqies bħala Prattika tajba għall-Istati Membri li jqisu biss il-proġetti eliġibbli għal finanzjament mid-data tal-approvazzjoni tal-għotja.
- 56.** Ir-Renju Unit (l-Ingilterra) applika din il-prattika tajba. Fl-Istati Membri l-oħrajn li ġew awditjati, l-investimenti kienu ġeneralment eliġibbli mid-data li fiha ġiet sottomessa l-applikazzjoni. L-awdituri sabu li 25 mis-27 proġett li saritlu żjara (jiġifieri 44 %) kienu bdew qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni tal-għotja (ara t-Tabella).
- 57.** Ir-riskju ta' deadweight ġie vvalutat aktar fil-fond fuq il-bażi ta' intervisti mal-benefiċjarji u evidenza dokumentarja fir-rigward tas-sorsi ta' finanzjament użati biex jitkomplew il-proġetti, il-profittabbiltà tal-investiment u t-twaqqit tal-investiment fir-rigward tad-deċiżjoni tal-għotja. L-analiżi turi li 35 mis-57 proġett (61 % tal-kampjun) kienu se jiġu implimentati xorta waħda, għalkemm f'xi każijiet fuq skala iżgħar jew fuq perjodu ta' żmien itwal (ara l-**Anness II**). Dan kien partikolarment il-każ fejn l-ammont tal-għotja kien żgħir ħafna, bħal fl-Isvezja fejn aktar minn terz tal-għotja mogħtija kienu ta' madwar EUR 10 000 jew anqas. Barra minn hekk, fl-Isvezja, il-Qorti sabet ukoll każ fejn proġett ġie approvat wara li kien ġie kkompletat (ara l-**Kaxxa 11**).

²³ Ir-Rapport Speċjali Nru 5/2010 dwar l-implimentazzjoni tal-approċċ Leader għall-iżvilupp rurali; ir-Rapport Speċjali Nru 8/2012 dwar identifikazzjoni ta' għajjnuna għall-modernizzazzjoni tal-azzjendi agrikoli u r-Rapport Speċjali Nru 1/2013 L-appoġġ tal-UE lill-industrija tal-ipproċessar tal-ikel kien effettiv u effiċjenti fiż-żieda tal-valur lill-prodotti agrikoli? (<http://eca.europa.eu>).

TABELLA

PROĠETTI LI KIENU NBDEW QABEL L-APPROVAZZJONI TAL-GĦOTJA

Stat Membru	Numru totali ta' proġetti suġġetti għal żjarat tal-awditjar	Proġetti awditjati mibdija qabel approvazzjoni
Ir-Repubblika Ċeka	11	4
Franza (Aquitaine)	10	8
L-Italja — Campania	9	3
Il-Polonja	8	3
L-Isvezja (Västra Götaland)	10	7
Ir-Renju Unit — L-Ingilterra (Yorkshire u Humber)	9	0
Total	57	25

KAXXA 11

INDIKAZZJONI QAWWIJA TA' DEADWEIGHT: GĦOTI TA' FINANZJAMENT TAL-UE GĦAL PROĠETT LI DIĠÀ ĠIE IKKOMPLETAT

Fl-**Isvezja**, għotja ta' SEK 240 000 (EUR 22 000) ingħatat għal estensjoni għall-bini ta' ħanut tax-xogħol ta' negozju eżistenti li jisservizzja u jsewwi makkinarju tal-forestrija. Il-benefiċjarju ssottometta applikazzjoni mhux kompluta għal għotja f'Mejju 2008, b'deskrizzjoni tal-proġett li kienet twila linja waħda u mingħajr pjan ta' direzzjoni tan-negozju. Sussegwentement, huwa kkompleta l-applikazzjoni tiegħu għal għotja fil-bidu ta' Mejju 2009 bl-informazzjoni mitluba mill-Bord tal-Kontea. Id-deċiżjoni li tingħata l-għotja ttieħdet ġimgħa aktar tard u, fl-istess xahar, il-benefiċjarju għadda talba għall-pagament. Il-proġett kien diġà kkompletat f'April 2009 qabel ma ġiet sottomessa l-applikazzjoni kompluta.

Waqt iż-żjara tal-awditjar tal-Qorti, il-benefiċjarju ddikjara li kien diġà ddeċieda li jwettaq il-proġett qabel ma sar jaf bil-possibbiltà ta' għotja. Huwa kellu fis-seħħ ftehim għal self mill-bank sa SEK 1,2 miljun (madwar EUR 110 000), li kieku kien juża biex jiffinanzja l-proġett kollu li kieku l-għotja ma kinitx ingħatat.

... U SPUSTAMENT

- 58.** L-ispustament huwa l-grad sa fejn il-benefiċċji li jirriżultaw minn attività appoġġata bl-użu ta' fondi pubbliċi jkunu kkompensati bi tnaqqis f'attività xi mkien ieħor. Sussidju li jippermetti li benefiċjarju jżid is-sehem tas-suq tiegħu skapitu ta' kompetitur jista' ma jkollu l-ebda effett nett fuq l-oġġettivi tal-politika bħall-ħolqien tal-impjeg. Għalhekk, tali sussidji mhumiex *a priori* użu effiċjenti mill-fondi tal-UE u jistgħu jwasslu għal distorsjoni fis-suq fil-livell lokali. Madankollu, jista' jiġi ġġustifikat grad ta' spustament fejn ikun hemm effett nett suffiċjenti f'termini tal-oġġettivi tal-politika.
- 59.** Bħal fil-każ tad-deadweight, il-mezz primarju li jimmitiga r-riskju ta' spustar mhux iġġustifikat jinsab fi ħdan it-tfassil tal-miżuri. Il-PŻR għandu jstabbilixxi l-ħtieġa għall-infiq (pereżempju, billi janalizza d-domanda mistennija u jeskludi s-setturi fejn is-suq jidher saturat), jidentifika l-ħtiġijiet li huma qawwija b'mod suffiċjenti biex jiġġustifikaw kwalunkwe spustament li jista' jseħħ u jstabbilixxi oġġettivi u kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà li huma speċifiċi għal dawk il-ħtiġijiet. Kif muri fl-ewwel parti ta' dan ir-rapport, dan ma seħħx fl-Istati Membri awditjati. Il-programmi ta' żvilupp rurali tal-Isvezja u tar-Renju Unit jirrikonoxxu madankollu l-ispustament bħala riskju potenzjali għall-ġestjoni finanzjarja tajba.
- 60.** L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-proposti tal-proġetti għar-riskju ta' spustament matul l-istadju tal-approvazzjoni tal-proġett. Fejn x'aktarx iseħħ spustament, għandhom jiżguraw li l-kontribut li l-proġett kieku jagħmel għall-oġġettivi tal-miżuri, huwa kbir b'mod suffiċjenti biex jiġġustifika l-għotja.
- 61.** Ir-Renju Unit²⁴ biss kien ħa passi xierqa biex jivvaluta u jimmitiga l-ispustar; b'mod speċifiku r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu jeskludu proposti f'setturi tal-ekonomija li laħqu punt ta' saturazzjoni, li jwassal għal provvedimenti eċċessiv, jagħmel ħsara lill-produttività u jwassal għall-ispustament ta' negozji simili. Barra minn hekk, il-Qorti identifikat l-elementi ta' prattika tajba li ġejjin fis-sistema ta' evalwazzjoni tar-Renju Unit: rekwiżit għall-benefiċjarju li jagħti prova tad-domanda tas-suq u jiddeskrivi l-impatt fuq il-kompetituri, il-valutazzjoni tar-riskju ta' spustament bħala parti mill-evalwazzjoni u l-għażla tal-proġett, u r-rifjut ta' proġetti fejn x'aktarx kien se jseħħ spustament.

²⁴ Franza (Aquitaine) ukoll, għal tip speċifiku ta' investiment f'faċilitajiet ta' kampeġġ, ipprevediet valutazzjoni tar-riskji ta' spustament.

- 62.** Il-Qorti vvalutat is-57 proġett li saritlilhom żjara għar-riskju ta' spustament, billi bbażat l-eżami tagħha fuq eżaminar tad-dokumentazzjoni u fuq diskussjonijiet mal-benefiċjarji dwar il-prodotti, is-swieq u l-kompetituri tal-kumpaniji tagħhom, u dwar l-effetti tal-investment fuq dawn il-fatturi. Indikazzjonijiet tar-riskju ta' spustament ġew identifikati għal 19-il proġett (ara l-**Anness II**). Eżempji ta' indikazzjonijiet ta' spustament huma deskritti fil-**Kaxxa 12**. Għal tliet proġetti, ir-riskju ta' spustament tqies bħala mhux applikabbli u għal erba' proġetti l-Qorti ma kellhiex biżżejjed evidenza biex tivvalutah.

EKONOMIJA

- 63.** Il-prinċipju tal-ekonomija jeħtieġ li r-riżorsi finanzjarji jridu jkunu disponibbli fi żmien xieraq, fi kwantità u kwalità xierqa u bl-aħjar prezz. Hemm ir-riskju li benefiċjarji jistgħu ma jfittxux li jimplimentaw il-proġetti bl-orħos spejjeż b'konsistenza mal-kwalità meħtieġa. F'dan il-każ, tista' tkun hemm inflazzjoni bla bżonn fl-ispiża għall-baġits tal-UE u nazzjonali. Dan mhuwiex ekonomiku u effiċjenti u jnaqqas il-finanzjament disponibbli għal proġetti oħra. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispejjeż tal-proġett proposti mill-applikanti tal-miżuri 311-313 jkunu raġonevoli u li l-proċeduri amministrattivi għandhom ikunu sempliċi kemm jista' jkun biex jippermettu implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-proġetti għall-benefiċċju taż-żoni rurali.

EŻEMPJU LI JURI R-RISKJU TA' SPUSTAMENT

L-Isvezja: Il-miżura 313 appoġġat il-kostruzzjoni ta' swali tal-konferenzi għal ċentru tal-viżitaturi. Il-benefiċjarju jipprovdi konferenzi fuq jumejn li matulhom madwar 15-il parteċipant jiġu rreġistrati f'lukanda qrib. Proġett ta' investment ġdid promoss miċ-ċentru tal-viżitaturi u appoġġat mill-fondi tal-UE jinkludi l-kostruzzjoni ta' guest-house li tesa' sa 20 persuna. L-awtoritajiet Svediżi ma qisux ir-riskju tal-ispustament meta approvaw l-għotja, minkejja l-fatt li l-proġett probabbli se jirriżulta f'telf ta' negozju għal-lukanda qrib, fejn il-parteeipanti jqattgħu l-lejl attwalment.

Madankollu, l-awditu tassew sab eżempji ta' prattika tajba

Ir-Renju Unit — L-Ingilterra: Fil-każ ta' ħanut agrikolu, l-aġenzija għall-iżvilupp reġjonali vvalutat bħala parti mill-evalwazzjoni tal-proġett kemm kienu viċin l-eqreb ħwienet agrikoli kompetituri u jekk dan kienx x'aktarx se jolqot lin-negozji tagħhom. Il-livell baxx ta' spustament ġie meqjus iġġustifikat minħabba l-valutazzjoni pożittiva tal-awtoritajiet reġjonali għat-turiżmu.

KONTROLLI DGĦAJFA FUQ IR-RAĠONEVOLEZZA TAL-ISPEJJEŻ

- 64.** L-Artikolu 24(2)(d) tar-Regolament (KE) Nru 65/2011²⁵ jispeċifika li l-Istati Membri għandhom jivverifikaw ir-raġonevolezza tal-ispejjeż tal-proġett sottomessi bħala parti mill-kontrolli amministrattivi fuq l-applikazzjonijiet għall-appoġġ. Din l-evalwazzjoni trid tiġi mwettqa bl-użu ta' sistema xierqa, bħal spejjeż ta' referenza, it-tqabbil ta' offerti differenti jew kumitat tal-evalwazzjoni.
- 65.** Il-Qorti sabet li Franza ma applikat l-ebda tali proċeduri. Dan kien aktar u aktar serju għax il-Kummissjoni kienet diġà (fl-2008) talbet lill-awtoritajiet Franċiżi jintroduċu sistema li tivverifika r-raġonevolezza tal-ispejjeż bħala parti mill-kontrolli amministrattivi tagħha u applikat, fil-passat, korrezzjoni finanzjarja għal dan it-tip ta' dgħufijiet li kienu jikkonċernaw miżuri oħra ta' investment.
- 66.** L-Istati Membri l-oħra li ġew awditjati applikaw sistemi rilevanti, li jikkonsistu minn regoli tal-akkwist speċifiċi, kontrolli kontra spejjeż standard jew kombinazzjoni tat-tnejn. Madankollu, dawn il-kontrolli varjaw fil-kwalità. Il-Qorti identifikat każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-UE fl-Isvezja u dgħufijiet sinifikanti fir-Repubblika Ċeka, fl-Italja — Campania u fil-Polonja, li jinvolvu kontrolli mhux ikkompletati, superfiċjali u mhux iddokumentati tajjeb (ara l-**Kaxxa 13**). B'segwitu għaż-żjara tal-Qorti, l-awtoritajiet Taljani ħarġu ordni ta' revoka għall-għajjnuna mogħtija lil muniċipalità lokali (EUR 46 780) parzjalment minħabba problemi dwar l-offerta magħżula u l-prezz aċċettat għas-servizzi ffinanzjati.

²⁵ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 65/2011 tas-27 ta' Jannar 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005, dwar l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' kontroll kif ukoll kundizzjonalità fir-rigward ta' miżuri ta' appoġġ għall-iżvilupp rurali (ĠU L 25, 28.1.2011, p. 8).

EŻEMPJI TA' REGOLI U KONTROLLI DGĦAJFA U TA' "PRATTIKA TAJBA" IDENTIFIKATI FL-ISTATI MEMBRI

L-Isvezja: Il-metodu li s-soltu jintuża biex tiġi stabbilita r-raġonevolezza tal-ispejjeż għandu jirrikjedi li l-applikanti jipprovdu żewġ kwotazzjonijiet għall-ispejjeż li jirrappreżentaw minn tal-anqas 25 % tat-total. Dan ifisser li promotur ta' proġett ma għandux juri, sa 75 % tat-total propost, li l-ispejjeż huma raġonevoli.

L-infiq eliġibbli mhux limitat għall-ammonti kkwotati u l-benefiċjarji jistgħu għaldaqstant jikklejmjaw għal spejjeż li jaqbu l-ammonti (aċċettati bħala 'raġonevoli') u xorta jieħdu l-għotja sħiħa dment li huma jiksbu prezzijiet aktar baxxi fuq oġġetti oħra (li ma ġietx ikkontrollata 'r-raġonevolezza' tagħhom), jew billi ma jixtrux oġġetti oħra inklużi fl-applikazzjoni. Dan ma jirriżultax fi ffrankar għall-baġit tal-UE peress li l-benefiċjarju jista' juża "l-iffrankar" biex jixtri oġġetti addizzjonali sal-limitu massimu tal-ispiża totali approvata tal-proġett.

F'wieħed mill-proġetti awditjati, ma ġiet ipprovduta l-ebda kwotazzjoni għal SEK 2,5 miljun jew EUR 290 000 li jinvolvu l-konstruzzjoni u s-sistemat ta' ristoranti ġdid u guesthouse separata (l-għotja: SEK 900 000 jew EUR 94 000, ir-rata tal-għotja: 30 %). Fil-fajl tal-proġett ma ssemmiet l-ebda miżura biex jiġi ċċekkjat li l-ispejjeż kienu raġonevoli.

L-Italja — Campania: Fl-Italja, l-uniku kontroll li twettaq mill-awtoritajiet provinċjali fuq ir-raġonevolezza tal-ispejjeż għal spejjeż ġenerali kien li l-valur tagħhom ma għandux jaqbeż il-limiti massimi msemmija fis-sejħa għal proposti mingħajr ma tqiesu n-natura ddettaljata u l-ambitu tas-servizzi (normalment servizzi ta' konsulenza) ipprovduti. Pereżempju, għal proġett sempliċi li jinvolvi x-xiri ta' xarabank ġdid, il-konsulent talab ħlas ta' EUR 15 000 (5,1 % tal-prezz tax-xarabank); din it-tariffa kienet eliġibbli għal appoġġ pubbliku.

Barra minn hekk, għal xi proġetti, makkinarju u/jew tagħmir ġew ipprovduti minn kumpaniji differenti minn dawk magħżula mill-espert indipendenti u awtorizzati mill-evalwatur espert. F'każ minnhom il-benefiċjarju stqarr li huwa kien ta l-kuntratt għall-ħolqien ta' websajt lil ħabib li kien kapaċi jagħmel ix-xogħol għall-istess prezz tal-kumpanija magħżula mill-espert. Madankollu, l-awdituri sabu li l-websajt ma kinitx qed taħdem kompletament fiż-żmien tal-awditu (Marzu 2012) minkejja li l-fattura kienet ġiet imħallsa fid-9 ta' Awwissu 2010. Il-websajt mhux kompluta ma ġietx innutata matul iż-żjara li kienet saret bħala parti mill-kontrolli ta' qabel il-pagament.

Il-Qorti identifikat il-prattiki tajbin li ġejjin: fl-**Ingilterra**, l-ispezzjonijiet imwettqa f'konformità mal-Artikoli 27 u 30 tar-Regolament (KE) Nru 1975/2006 (5 % mal-pagament u 1 % *ex post*) inkludew kontrolli għal noti ta' kreditu jew skontijiet. Fl-**Italja — Campania**, ir-Reġjun inkluda fis-sejħa għal proposti 2011 ir-rekwiżit li tiġi mehmuża l-lista tal-prezzijiet tal-bejjieġħ ippubblikata mal-offerta u li jiġi indikat kwalunkwe skont offrut.

IL-PIŻ AMMINISTRATTIV IXEKKEL L-IMPLIMENTAZZJONI EFFETTIVA U EFFIĊJENTI TAL-PROGRAMMI

- 67.** Kif iddikjarat fil-paragrafu 63, il-proċeduri tal-Istati Membri ma jridux ikunu twal iżżejjed u ta' piż sabiex ma jaqtgħux qalb l-applikanti milli jissottomettu l-proposti tal-proġett. Dan ir-riskju huwa evidenti b'mod partikolari għal benefiċjarji potenzjali li ma jistgħux jaffordjaw li jieħdu r-riskju li l-applikazzjoni tagħhom għall-għotja tiġi rrifjutata, u jispiċċaw jiffinanzjaw il-proġett kollu waħedhom — jew inkella li jdewmu l-investment u potenzjalment jitilfu opportunità kummerċjali.
- 68.** Il-piż amministrativ u l-ispejjeż u d-dewmien burokratiċi assoċjati miegħu jispikkaw bħala fatturi li jxekklu l-ilħuq tal-oġettivi tal-programm, b'mod partikolari fejn ma jiġux iġġustifikati bl-għażla ta' proġetti aktar effettivi (ara l-**Kaxxa 14**).

KAXXA 14

SISTEMA LI TNAQQAS IL-PIŻ FUQ L-APPLIKANT U WAĦDA LI MA GĦAMLITX DAN

Ir-Renju Unit — L-Ingilterra: L-awtoritajiet tar-Renju Unit eżaminaw formoli qosra ta' Espressjoni ta' Interess kull ġimġha u taw feedback lill-applikanti dwar l-eliġibbiltà probabbli tal-proġett tagħhom u l-punt sa fejn dan qabel mal-prijoritajiet tar-reġjun. Din il-proċedura ffrankat lill-applikanti l-ispiża tat-tnejjja ta' applikazzjoni sħiħa li x'aktarx kienet tiġi rrifjutata filwaqt li naqqset il-piż amministrattiv għall-evalwazzjoni, eċċ. Inħatru faċilitaturi tan-negozju rurali għal kull proġett sabiex jappoġġaw lill-applikant fl-għemil tal-applikazzjoni.

Ladarba l-promotur kien issottometta applikazzjoni, il-proċess tal-għażla ġie kkompletat f'madwar disa' ġimġhat. L-evalwazzjoni kopriet il-qbil strateġiku mal-prijoritajiet reġjonali, l-innovazzjoni, l-effett multiplikatur, id-doman-da għall-prodott/għas-servizz, il-vijabbiltà finanzjarja, ir-raġonevolezza tal-ispejjeż; il-prodotti u r-riżultati tal-proposta, id-deadweight u l-aħjar kwalità meta mqabbla mal-prezz tal-finanzjament pubbliku.


Il-Polonja: Fil-Polonja, il-proċedura ta' approvazzjoni għall-biċċa l-kbira tal-applikazzjonijiet damet aktar minn sitt xhur – u aktar minn sena għal 55 % tal-applikazzjonijiet tal-miżura 312. Ir-raġunijiet prinċipali għal dan kienu l-kwalità baxxa/l-inkompletezza tal-applikazzjonijiet u r-regoli flessibbli li ppermettew lill-benefiċjarji jemendaw l-applikazzjoni tagħhom darbtejn matul kull stadju tal-valutazzjoni. Il-kriterji tal-għażla stipulati mill-awtoritajiet Pollakki ma vvalutawx il-"kwalità tal-proġetti individwali" peress li rreferew għal indikaturi kwantifikabbli relatati mal-karatteristiċi tal-azjenda (pereżempju, daqs, ebda użu preċedenti ta' fondi tal-UE) jew iż-żona fejn kienu jinsabu. Ma kien hemm l-ebda evalwazzjoni tal-merti relattivi tal-proposti tal-proġett.

69. Fi Franza, l-Italja — Campania, fil-Polonja u fl-Isvezja, l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal għotja dam minn seba' sa tmien xhur²⁶ (ara l-**Graff 1**). Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi ħtieġu madwar ħames xhur biex ipproċessaw it-talbiet għall-pagament u għamlu pagamenti finali, b'każijiet estremi ta' aktar minn sena. Il-Qorti tqis dan bħala dewmien sproporzjonat, minħabba l-valur u l-livell baxx ta' kumplessità tal-biċċa l-kbira tal-proġetti appoġġati taħt il-miżuri 311-313.

²⁶ Valur medjan (f'jiem kalendarji).

GRAFF 1

IPPROĊESSAR TAL-APPLIKAZZJONIJIET U TAL-KLEJMS GĦALL-PAGAMENT (F'JIEM KALENDARJI)



- 70.** Dewmien fl-approvazzjoni tal-proġett u fil-pagamenti jista' jkollu impatti negattivi fuq l-implimentazzjoni f'waqtha tal-proġett u fuq l-ambitu tal-proġetti ffinanzjati, u fl-aħħar mill-aħħar fuq is-sitwazzjoni ekonomika tal-applikant (ara l-**Kaxxa 15**).
- 71.** Fl-Italja — Campania, fi Franza (Aquitaine) u fir-Repubblika Ċeka, is-sidien tal-proġetti intervistati qiesu li l-proċeduri fil-pajjiżi tagħhom stess kienu wisq ta' piż. Barra minn hekk, ta' min wieħed jinnota li l-Qorti awditjat biss proġetti li kienu ġew ikkompletati b'suċċess, u għaldaqstant ma qisux lill-applikanti li kienu qatgħu qalbhom minħabba l-piż amministrattiv jew id-dewmien. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-benefiċjarji użaw konsulenti biex iħejju l-applikazzjonijiet tagħhom, xi kultant bi spiża sinifikanti, parzjalment għax ma kinux kapaċi jagħmlu dan huma stess.

SISTEMI TA' PAGAMENT JISTGĦU JGĦINU JEW IXEKKLU LILL-BENEFIĊJARJI

Ir-Renju Unit — L-Ingilterra: Fir-Renju Unit, is-sistema pprovdiet ċertezza relattiva lill-benefiċjarji dwar l-approvazzjoni tal-proġetti u d-dati tal-pagament, li ppermettiet li jiġi rranġat finanzjament fuq tul ta' żmien qasir u li inkoraġġiet it-teħid ta' għotjiet minn kumpaniji li kieku ma kinux ikunu kapaċi jlaħħqu mal-ispiża tal-proġetti. Barra minn hekk, l-applikanti ġew infurmati minn qabel bid-dati tal-laqqgħa tal-bord tal-għażla u l-applikazzjonijiet twaqqtu biex jiġu sottomessi f'laqqgħa speċifika. Għal klejms għall-pagament, il-promoturi tal-proġett ġew infurmati li jistgħu jippjanaw li l-għotjiet tagħhom se jitħallsu fix-xahar wara s-sottomissjoni tal-klejm tagħhom. Il-Qorti qieset dawn bħala eżempji ta' prattika tajba.

L-Italja — Campania: Sabiex jirċievu pagament bil-quddiem, il-benefiċjarji huma meħtieġa jippreżentaw polza ta' assigurazzjoni li tagħti garanzija tal-ammont mitlub. Il-proċedura tal-Aġenzija tal-Pagamenti Taljana (AGEA) għall-ipproċessar tal-garanziji bdiet taħdem bis-siħh biss minn Mejju 2010 għalkemm is-sejħa għal proposti kienet diġà għet ippubblikata fl-2008. Dan wassal għal dewmien serju fil-pagamenti bil-quddiem, b'impatt konsegwenti fuq l-implimentazzjoni tal-programm: minn 430 proġett approvati fil-perjodu 2008–11, 27 proġett biss kienu fl-istadju tal-pagament finali (6 %) fl-2012. Il-benefiċjarji ffaċċjaw aktar problemi bir-rilaxx tal-garanziji li wassal għal każijiet fejn, fiż-żmien tal-awditu f'Marzu 2012, xi benefiċjarji xorta ġarrbu spejjeż sinifikanti relatati mal-garanzija minkejja li kienu rċewew il-pagamenti finali tagħhom fl-2011.

IT-TIELET PARTI — ĠEW FIL-FATT IFFINANZJATI PROĠETTI EFFETTIVI U EFFIĊJENTI?

- 72.** L-informazzjoni dwar il-prestazzjoni fir-rigward tal-effettività u l-effiċjenza tal-infiq tal-iżvilupp rurali hija meħtieġa biex turi dak li nkiseb bil-baġit tal-UE u li ntnefaq tajjeb (għoti ta' rendikont); tintuża biex ittejjeb l-effiċjenza u l-effettività tal-baġit tal-UE billi tinforma l-ġestjoni kontinwa (sejħiet għal proposti jew deċiżjonijiet ta' għotja), tidentifika t-titjib li għandu jsir fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali, u tinforma dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet fuq politika futura.
- 73.** Sabiex juru dak li nkiseb bil-baġit tal-UE li ntnefaq fuq miżuri ta' diversifikazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiġbru *data* dwar ir-riżultati miksuba mill-proġetti. Taħt il-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni (CMEF), l-Istati Membri għandhom jiġbru informazzjoni minn tal-anqas għall-indikaturi komuni tal-prodotti u tar-riżultati (ara n-nota 12 f'qiegħ il-paġna). Iż-żewġ indikaturi tar-riżultati komuni stipulati għall-miżuri 311-313 għandhom jipprovdu informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-proġetti f'termini ta' żieda fil-valur miżjud gross (VMG)²⁷ mhux agrikolu u fin-numru gross ta' impjiegi maħluqa.
- 74.** Il-Qorti eżaminat il-ġbir tad-*data* u s-sistemi ta' monitoraġġ fis-sitt Stati Membri u sabet, bħal f'rapporti preċedenti²⁸, li kien hemm nuqqas ta' informazzjoni rilevanti u affidabbli biex tikkonkludi dwar l-effettività ta' dawn il-miżuri. Għaldaqstant, l-awdituri keġlu r-riżultati tal-proġetti (f'termini taż-żewġ indikaturi tas-CMEF imsemmija hawn fuq) u l-ilhuk tal-obiettivi speċifiċi tal-proġetti, fejn possibbli, fuq il-bażi tal-evidenza miksuba miż-żjarat tal-proġett.

L-INFORMAZZJONI DWAR IL-MONITORAĠĠ HIJA NIEQSA U R-RIŻULTATI TAL-PROĠETTI JURU STAMPA MĦALLTA F'TERMINI TA' EFFIĊJENZA U EFFETTIVITÀ

- 75.** Minħabba l-element ta' kofinanzjament u irrispettivament mix-xogħol ta' monitoraġġ u evalwazzjoni meħtieġ mis-CMEF, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom fl-interess tagħhom stess iqisu l-monitoraġġ tal-proġett bħala għodda importanti biex isegwu l-progress tal-proġetti u li jkunu infurmati dwar jekk humiex jiksbu r-riżultati mistennija u jilħqu l-obiettivi tal-PŻR. Dan jista' jitwettaq billi l-Istati Membri jużaw l-informazzjoni amministrattiva u ta' kontroll disponibbli u billi jiġbru kull tant żmien informazzjoni rilevanti mingħand il-benefiċjarji, tal-anqas sakemm jiskadi l-perjodu ta' ħames snin għaż-żamma ta' assi ddeterminat mill-Artikolu 72 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

²⁷ Biex jitkejjel il-VMG tan-negozji appoġġjati, in-Nota ta' Gwida 1 tal-linji gwida tas-CMEF tissuġġerixxi li jintuża l-indikatur li ġej: "Prodott Totali — Konsum Intermedju Totali". In-nota ta' gwida tirrikonoxxi li bidla fil-VMG matul is-snin tista' tiġi spjegata wkoll minn fatturi oħra għajr l-appoġġ riċevut.

²⁸ Ara r-Rapporti Speċjali Nru 8/2012 u Nru 1/2013 (<http://eca.europa.eu>).

- 76.** L-awditu sab li l-Istati Membri ma mmonitorjawx is-suċċess fuq tul ta' żmien qasir sa medju tal-proġetti, la f'termini ta' kemm laħqu indirizzaw objettivi tal-PŻR u lanqas f'termini tal-objettivi stabbiliti għall-proġett stess. Dan ġie mxekkel min-nuqqas ta' objettivi ċari, speċifiċi u realistiċi u l-miri stipulati fl-applikazzjoni u/jew id-deċiżjoni ta' għotja (ara l-**Kaxxa 16**). Franza (Aquitaine) ma kinitx issottomettiet lanqas l-informazzjoni obbligatorja dwar il-monitoraġġ meħtieġa mis-CMEF fid-data tal-awditu.
- 77.** L-awdituri sabu li l-informazzjoni dwar il-monitoraġġ ipprovduta mill-Istati Membri awditjati ma kinitx affidabbli. Id-*data* miġbura mill-Istati Membri kienet ibbażata fil-biċċa l-kbira tagħha fuq stimi jew fiż-żmien tal-applikazzjoni (l-Italja, l-Isvezja u r-Repubblika Ċeka) jew fiż-żmien tal-klejm għall-pagament finali (ir-Renju Unit). Barra minn hekk, *data* minn sħarriġijiet ta' monitoraġġ dwar il-benefiċjarji ma ġietx ivverifikata mill-awtoritajiet (il-Polonja u r-Repubblika Ċeka). L-awdituri identifikaw diversi inkonsistenzi u żbalji fid-*data* rrappurtata, b'mod partikolari differenzi bejn it-tbassir u ċ-ċifri reali (ara l-eżempji fil-**Kaxxa 17**).
- 78.** Għalkemm *data* affidabbli li tikkonċerna l-ilħuq tal-objettivi u l-kisba tar-riżultati tal-proġetti setgħet tinkiseb mill-awtoritajiet tal-Istati Membri matul il-kontrolli fuq il-post u l-ispezzjonijiet *ex post*, l-awditu żvela li dan il-kontroll ma kienx parti mill-proċeduri. Pereżempju, għalkemm proġett minnhom fl-Italja kien għadda minn diversi kontrolli dwar l-eżistenza tax-xirjiet u x-xogħlijiet wara l-implimentazzjoni tiegħu, l-ebda wieħed minn dawn ma enfasizza l-fatt li d-dħul reali kien ferm aktar baxx mit-tbassir li kien hemm fl-applikazzjoni.
- 79.** Minħabba li informazzjoni affidabbli dwar il-monitoraġġ affidabbli ma kinitx disponibbli, u li, fil-livell ta' programmazzjoni, kien hemm ftit li xejn aċċertament li appoġġ għall-miżuri tal-Assi 3 jiġi indirizzat lejn il-proġetti li jissodisfaw l-aħjar l-objettivi tal-miżuri, l-awdituri tal-Qorti vvalutaw l-effiċjenza u l-effettività tas-57 proġett awditjati fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta matul iż-żjarat tal-awditjar. L-analiżi turi li l-biċċa l-kbira tal-proġetti laħqu l-objettivi tagħhom f'termini ta' prodott fiżiku u effetti pożittivi fuq il-VMG, iżda daww bl-objettiv li joħolqu impjiegi rnextew biss b'mod moderat fil-ħolqien ta' impjieg (ara l-**Anness II**).

KAXXA 16

OBJETTIVI ĠENERIĊI JWASSLU GĦAL SITWAZZJONI FEJN IT-“TISĦIĦ TAL-BIJODIVERSITÀ” JIĠI AĊĊETTAT BĦALA OBJETTIV GĦAL ĦANUT TAL-KEJKIJET

Għall-proġett mill-**Italja — Campania**, li jikkonċerna r-rinovament ta' ħanut tal-kejkijiet (il-miżura 312), l-objettivi li ġejjin li jistgħu jidhru mhux relatati ġew iddikjarati fl-applikazzjoni: l-ibbilanċjar ta' sitwazzjonijiet ta' riskju għoli bħad-depopolazzjoni tal-kampanja, it-tnaqqis fid-diskrepanza ma' żoni aktar żviluppati, it-tisħiĦ tal-bijodiversità kif ukoll l-għarfien tal-agrikoltura tradizzjonali. Dawn l-objettivi ma jistgħux jiġu kwantifikati jew imkejla għal tali proġett.

KAXXA 17

EŻEMPJI TA' INKONSISTENZI FID-DATA TA' MONITORAĠĠ MIĠBURA MILL-ISTATI MEMBRI

L-Isvezja: *Data* għall-indikaturi tas-CMEF ġiet ikkompilata mill-informazzjoni dwar il-proġett miġbura mingħand il-benefiċjarji fl-istadju tal-applikazzjoni għall-għotja (il-pjan ta' direzzjoni tan-negożju u t-tbassir finanzjarju), u ma kinitx aġġornati abbażi ta' dak li fil-fatt ġie miksub. Għal proġett ta' ristoranti u guesthouse, evidenza miksuba matul iż-żjara wriet li *data* tas-CMEF għall-valur miżjud gross ġiet stmata b'mod eċċessiv għal ammont ta' SEK 1 800 000 (EUR 202 000), meta mqabbla mar-riżultat reali ta' SEK 238 000 (EUR 27 000) u tliet impjegji ekwivalenti full time ġew irrappurtati fid-database tas-CMEF meta mqabbla mar-riżultat reali ta' impjegj wieħed ekwivalenti full time maħluq bl-investment appoġġat.

Ir-Renju Unit — L-Ingilterra: L-evidenza miksuba fiż-żjarat tal-proġett turi li r-riżultati rrekordjati fid-database tas-CMEF ma kinux preċiżi. F'ħames każijiet minn disgħa awditjati, *id-data* dwar l-impjegji maħluqa u l-impjegji ssalvagwardjati ġiet stmata b'mod eċċessiv, fil-każijiet l-oħra ġiet stmata b'mod insuffiċjenti.

Il-Polonja: L-ċifra tal-VMG mhux agrikolu iddikjarata minn benefiċjarju fl-istħarriġ ta' monitoraġġ ma setgħetx tiġi mqabbla mad-*data* dwar id-dħul miġbura matul iż-żjara tal-awditjar. Il-VMG ddikjarat kien oġġla mill-prodott totali għan-negożju appoġġat, li mhuwiex possibbli skont id-definizzjoni tal-valur miżjud gross.

- 80.** Filwaqt li l-proġetti setgħu jidhru li qed jiksbu l-prodott fiżiku mistenni (pereżempju, kostruzzjoni ta' binja, xiri ta' vettura) l-objettivi tal-miżuri biex jiddiversifikaw l-ekonomija rurali mhux bilfors ġew milfuqa. Dan kien il-każ fejn l-iskop tal-investiment ma kienx konformi (jew kien biss parzjalment konformi) mal-objettivi tal-miżura (11-il proġett b'kolloxx: 3 fi Franza u l-Polonja, 2 fl-Isvezja u l-Italja, u 1 fir-Repubblika Ċeka) jew/u fejn kien hemm indikazzjonijiet qawwija li ma kienx sostenibbli (2 każijiet fir-Repubblika Ċeka) jew in-negozju kien falla (proġett 1 fi Franza).
- 81.** Il-Qorti sabet każijiet fejn kien hemm indikazzjoni li l-fondi tal-UE għall-iżvilupp tas-settur turistiku jew għall-appoġġ ta' mikrointrapriżi intnefqu fuq investimenti li kienu minn tal-anqas parzjalment użati għal skopijiet privati (ara l-**Kaxxa 18** għal xi eżempji).

INVESTIMENTI LI MA KKKONTRIBWIXXEWX B'MOD EFFETTIV GĦALL-IŻVILUPP TAS-SETTUR TURISTIKU U L-APPOĠĠ TA' INIZJATTIVI IMPRENDITORJALI

L-Italja — Campania: Fiż-żmien taż-żjara fuq il-post ta' proġett ta' agrituriżmu, appartamenti li ġie rranġat mill-ġid bil-fondi tal-miżura 311 kien qed jiġi użat minn membru tal-familja tal-benefiċjarju, li jfisser li ma kkontribwixxiex b'mod sħiħ għall-objettiv tal-miżura li jżid il-VMG mhux agrikolu permezz ta' attivitajiet iddiversifikati.

Il-Polonja: Indikazzjonijiet ta' użu privat ġew identifikati għal proġett għax-xiri ta' tagħmir tal-uffiċċji li rċieva l-għajjnuna tal-miżura 312. Sufan tal-ġilda biex jilqa' l-klijenti ġie ffinanzjat fid-dar tal-benefiċjarju (li serviet ukoll bħala l-post għan-negozju) u użat f'salott. Ma saret l-ebda żjara qabel il-pagament lil dan il-proġett li setgħet tqajjem dubji mill-ispetturi dwar l-użu privat potenzjali tal-oġġetti ffinanzjati.

**PROĠETTI TA' DIVERSIFIKAZZJONI JISTGĦU JGĦINU BIEX JAGĦTU
SPINTA LILL-PRESTAZZJONI FINANZJARJA TAL-BDIEWA...**

- 82.** 33 negozju appoġġat (58 %) irnexxielhom iżidu l-VMG mhux agrikolu tagħhom; madankollu, għal 8 minn dawn il-każijiet, kien hemm konnessjoni dgħajfa bejn dan u l-investment meġġun mill-għotja. Il-VMG ma setax jiġi kkalkulat għal 5 proġetti awditjati fil-Polonja u fir-Repubblika Ċeka għax ġew suġġetti għal regoli ta' kontabilistiċi simplifikati. Minkejja din is-sitwazzjoni, l-awtoritajiet ma kinux introduċew sistema biex tiġbor *data* affidabbli. Iż-żieda tal-VMG ma setgħetx tiġi vvalutata f'sitt proġetti oħra (fil-Polonja u l-Italja) għax jew kien kmieni wisq biex jiġi vvalutat l-impatt finanzjarju tagħhom, jew il-benefiċjarju ma kienx iprovda d-*data* finanzjarja rilevanti. Sitt proġetti ma ġġenerawx żieda fil-VMG mhux agrikolu.

**... IMMA META JKOLLHOM L-GĦAN LI JOĦOLQU L-IMPJIEGI, HUMA
EFFETTIVI BISS B'MOD PARZJALI...**

- 83.** Mis-27 proġett li kienu intenzjonati biex joħolqu l-impjiegi, 13-il proġett biss laħqu l-miri stabbiliti (għalkemm il-Qorti għandha dubji f'2 każijiet dwar is-sostenibbiltà tal-impjiegi maħluqa) filwaqt li 9 proġetti ħolqu biss parzjalment in-numru mbassar ta' impjiegi intenzjonati u 5 ma ħolqu l-ebda impjeg. L-awditu żvela li l-impjiegi kienu fil-biċċa l-kbira tagħhom maħluqa kif previst f'dawk l-Istati Membri fejn l-għotja saret bil-kundizzjoni li jinħolqu l-impjiegi, u kontrolli mmirati ġew imwettqa biex jiżguraw konformità ma' din il-kundizzjoni. Dan kien il-każ fil-Polonja, fir-Repubblika Ċeka (għal ċerti submiżuri) u r-Renju Unit (ara l-paragrafu 36). Għall-kuntrarju, l-awdituri nnutaw li l-impatt fuq il-ħolqien tal-impjiegi kien minuri għall-proġetti awditjati fi Franza, fl-Italja u fl-Isvezja, fejn dan it-tip ta' kundizzjoni ma applikax u kontrolli mmirati ma twettqux (ara l-**Anness II**).

... U HEMM EFFETT MHUX MAGĦRUF FUQ IŻ-ŻAMMA TAL-IMPJIEGI

- 84.** Għalkemm il-proġetti jistgħu ma jkunux kollha intenzjonati biex joħolqu l-impjiegi, l-investimenti jistgħu jżommu jew jissalvagwardjaw l-impjiegi. Madankollu, l-Istati Membri mhumiex meħtieġa mill-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni li jiġbru din *id-data*. Ir-Renju Unit – l-Ingilterra biss id-definixxa indikatur addizzjonali fid-database tas-CMEF tiegħu li tkejjel is-salvagwardja tal-impjiegi' bħala impjiegi li jintilfu jekk l-investment megħjun mill-għotja ma jitwettaqx, għalkemm l-applikazzjoni ta' din id-definizzjoni kienet inkonsistenti. Fi proġett minnhom li rrapporta żewġ impjiegi bħala ssalvagwardjati, il-Qorti sabet li n-numru li kellu jiġi rrapportat kien żero. Fil-Polonja, l-awditu żvela li data dwar impjiegi miżmuma ġiet irrappurta imma mħallta ma' data dwar il-ħolqien ta' impjiegi. B'riżultat ta' dan, l-awdituri ma setgħux jikkonkludu dwar l-impatt tal-proġetti fuq l-impjiegi ssalvagwardjati jew miżmuma, peress li l-ebda evidenza ma kienet disponibbli biex dan jiġi vvalutat fil-livelli tal-Istat Membru u tal-benefiċjarju.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

- 85.** Bħala parti mill-politika ta' żvilupp rurali l-Istati Membri jistgħu jużaw il-baġit tal-UE biex jiffinanzjaw proġetti li jfittxu li jiddiversifikaw l-ekonomija rurali sabiex jappoġġaw tkabbir, impjieg u żvilupp sostenibbli f'żoni rurali. Dan jitwettaq permezz tal-kofinanzjament mill-UE u mill-Istati Membri tal-proġetti fiż-żoni ta' diversifikazzjoni f'attivitajiet mhux agrikoli, ħolqien ta' mikrointrapriżi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet tat-turiżmu.
- 86.** Dan l-awditu eżamina l-mistoqsija "L-Istati Membri u l-Kummissjoni kisbu l-aħjar kwalità meta mqabbla mal-prezz b'miżuri għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali?" Il-Qorti tikkonkludi b'mod kumplessiv li l-Kummissjoni u l-Istati Membri kisbu, sa punt limitat biss, l-aħjar kwalità meta mqabbla mal-prezz permezz tal-miżuri għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali, peress li l-għajjnuna ma ġietx indirizzata b'mod sistematiku lejn il-proġetti li kellhom l-akbar probabbiltà li jiksbu l-aktar l-iskop tal-miżuri. Dan kien dovut għal nuqqas ta' ħtiġijiet ċari għal intervent jew objettivi speċifiċi stabbiliti fil-PŻR, kriterji ta' eliġibbiltà wesgħin adottati li ma limitawx il-proġetti għal dawk li kellhom l-akbar probabbiltà li jiksbu l-aktar id-diversifikazzjoni u kriterji tal-għażla li ma għażlux l-aktar proġetti effettivi jew ma ġew applikati xejn.
- 87.** Ta' spiss, u b'mod partikolari fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni, l-għażla tal-proġetti ġiet immexxija aktar mill-ħtieġa li jintnefaq il-baġit allokat milli mill-kwalità tal-proġetti stess. F'xi Stati Membri awditjati, il-proġetti kollha eliġibbli ġew iffinanzjati fejn baġit suffiċjenti kien disponibbli irrispettivament minn kif il-proġett ġie vvalutat mis-sistemi tal-għażla tagħhom. Il-prijorità predominanti ta' ħolqien ta' impjieg ma ġietx mmirata kif xieraq, il-monitoraġġ ma ppermettix li l-istampa vera tal-impjieg maħluqa tiġi aċċertata u kien hemm nuqqas ta' ġestjoni attiva b'mod partikolari meta kien evidenti li l-miri stabbiliti ma kinux se jintlaħqu.
- 88.** L-Istati Membri ma mmitigawx b'mod suffiċjenti r-riskji ta' deadweight u spustament, u għaldaqstant ma żgurawx l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi. Il-kontrolli tal-Istati Membri fuq ir-raġonevolezza tal-ispejjeż ma naqqas b'mod suffiċjenti r-riskju ta' nfiq eċċessiv u kien hemm eżempji ta' piż amministrattiv eċċessiv u dewmien fil-pagamenti.
- 89.** Dawn id-dgħufijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti relatati magħhom huma żviluppati aktar hawn taħt:

- 90.** Immirar aħjar tal-appoġġ għall-iżvilupp rurali hija kwistjoni ewlenija fit-titjib tal-effiċjenza fil-livell tal-miżura. Peress li l-immirar huwa bbażat fuq l-identifikazzjoni ta' żoni bi prijorità, benefiċjarji jew tipi ta' attività jew kisbiet, l-effettività tiegħu tiddependi primarjament fuq il-kwalità tal-istrateġija li l-programm huwa bbażat fuqha. Għaldaqstant, titjib fl-immirar jirriżulta minn titjib fit-tfassil tal-istrateġija u fuq kolloxx qafas ċar dwar kif id-diversifikazzjoni tista'/se tikkontribwixxi għal tkabbir sostenibbli (jiġifieri l-bażi loġika għall-intervent). Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-PŻR li ġew awditjati ma stabbilixxew ir-riżultat li jippjanaw li jiksbu u ma spjegawx kif il-provvediment ta' finanzjament taħt il-miżuri ta' diversifikazzjoni jista' jtejjeb is-sostenibbiltà ekonomika taż-żona rurali. Madankollu, il-Kummissjoni approvat dawn il-PŻR.

RAKKOMANDAZZJONI 1

Fil-PŻR tagħhom, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw b'mod ċar għaliex u kif l-intervent pubbliku għall-investimenti f'attivitajiet mhux agrikoli jista' jgħin biex jirrimedja pereżempju n-nuqqasijiet tas-suq relati mal-ostakoli għall-impjeg u t-tkabbir.

Il-PŻR għandhom jistabbilixxu objettivi speċifiċi u li jistgħu jitkejlu b'rabta ma' dawn il-ħtiġijiet.

Il-Kummissjoni għandha tapprova biss dawk il-PŻR li jippreżentaw strateġiji ssostanzjati u komprensivi b'bażi loġika ċara li turi kif il-politika ta' intervent se tikkontribwixxi għall-għanijiet strateġiċi ta' ħolqien ta' kundizzjonijiet ta' tkabbir u opportunitajiet ta' impjeg.

- 91.** Il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti mill-Istati Membri ma rristringewx l-għajnuna għall-attivitajiet li jappoġġaw id-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali lejn attivitajiet mhux agrikoli. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni tal-UE tirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu kriterji tal-għażla; dawn għandhom jippermettu li l-aktar proġetti eliġibbli effettivi u effiċjenti jingħataw prijorità, u jipprovdu bażi għar-rifjut ta' dawk li ma jirrappreżentawx l-aħjar kwalità meta mqabbla mal-prezz. Erbgħa biss mis-sitt Stati Membri/reġjuni awditjati stabbilixxew kriterji tal-għażla, u anke dawn ma ġewx dejjem applikati fil-prattika.

- 92.** Fejn l-Istati Membri awditjati kien għad għandhom fondi disponibbli mill-ammont li kien bbaġitjat, huma ffinanzjaw il-proġetti eliġibbli kollha, irrispettivament mill-effettività u l-effiċjenza tagħhom. Aktar tard fil-perjodu meta l-finanzjament kien limitat, proġetti “aħjar” ġew irrifjutati.

RAKKOMANDEZZJONI 2

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u japplikaw kriterji b'mod konsistenti biex jiżguraw l-għażla tal-aktar proġetti effettivi u sostenibbli fir-rigward tal-oġġettivi speċifiċi tal-Istati Membri sabiex jiżviluppaw attivitajiet mhux agrikoli u jippromwovu l-impjieġ. Il-potenzjal tal-proġetti li jipproduċu effetti pożittivi fuq l-impjieġ u l-introjti għandu jitqies fit-tfassil tal-politika futura u jiġi meqjus b'mod aktar prominenti mill-Istati Membri fis-sistemi tal-għażla ta' proġetti tagħhom. Dawn is-sistemi tal-għażla għandhom jistabbilixxu b'mod sistematiku livell limitu minimu li jqis il-“kwalità tal-proġett”. Għandhom jitwettqu kontrolli mmirati biex jiżguraw li tali kriterji jiġu rrispettati pereżempju waqt il-kontrolli fuq il-post u *ex post*.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn il-kriterji jiġu applikati b'mod korrett u kontinwu, mhux biss f'każijiet ta' nuqqas baġitarju.

- 93.** Il-Qorti sabet li l-Istati Membri ma wasslux il-finanzjament b'mod sistematiku lil proġetti li għalihom kienet tidher ħtieġa ta' appoġġ pubbliku. Konsegwentement, il-probabbiltà ta' deadweight hija għolja u r-riżultati miksuba mill-proġetti ma jistgħux jiġu attribwiti neċessarjament għall-għotja. Barra minn hekk, tali sussidji jistgħu jikkostitwixxu ħela ta' flus pubbliċi skarsi meta jwasslu għal distorsjoni fis-suq fil-livell lokali (jiġifieri effett ta' spustament). Stat Membru wieħed biss qies dawn ir-riskji fl-ewalwazzjoni tal-proġetti.

RAKKOMANDEZZJONI 3

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jippromwovu l-adozzjoni tal-aħjar prattiki fir-rigward tal-mitigazzjoni tar-riskji ta' deadweight u spustament. Dan jeħtieġ li l-Istati Membri jagħżlu proġetti li għalihom tidher il-ħtieġa ta' appoġġ pubbliku (u li jwasslu valur miżjud). L-Istati Membri għandhom iqisu r-riskji ta' deadweight u spustament kemm meta jfasslu l-PŻR tagħhom kif ukoll meta jagħżlu l-proġetti. Il-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jadottaw il-prattika li tippermetti li n-nefqa għall-investimenti tkun eliġibbli biss mid-data tal-approvazzjoni tal-għotja.

- 94.** Il-Qorti identifikat dgħufijiet fis-sistemi mdaħħla fis-seħħ mill-Istati Membri biex jivvalutaw ir-raġonevolezza tal-ispejjeż tal-proġett. Dawn id-dgħufijiet iżidu r-riskju li l-fondi pubbliċi jintnefqu mingħajr ma jitqies il-prinċipju tal-ekonomija b'mod xieraq.

RAKKOMANDAZZJONI 4

L-Istati Membri għandhom jimmitigaw ir-riskju għall-ekonomija b'valutazzjoni sistematika tal-ispejjeż li ma għandhiex tkun limitata biss għall-kwistjonijiet ta' eliġibbiltà u r-riżultati ta' din il-valutazzjoni għandhom jiġu ddokumentati b'mod adegwat. Fejn ikun fattibbli, għandhom jiġu żviluppati punti ta' riferiment għal elementi ta' spejjeż komuni sabiex jiffaċilitaw il-valutazzjoni tal-ispejjeż fil-proposti tal-proġett.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Istati Membri jkollhom sistemi effettivi biex iwettqu kontrolli fuq ir-raġonevolezza tal-ispejjeż.

- 95.** Is-CMEF ġie stabbilit bħala għodda ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-Istati Membri u l-Kummissjoni. Il-Qorti sabet li dan ma jiġġenerax *data* affidabbli li tista' tintuża biex timmonitorja l-effettività tal-implimentazzjoni tal-miżuri u tidentifika problemi u soluzzjonijiet fil-ħin. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ma użawx l-informazzjoni dwar il-monitoraġġ għall-ġestjoni attiva ta' dawn il-miżuri sabiex titjeb l-effettività tagħhom.
- 96.** F'termini ta' ħolqien ta' impjiegi, parti mill-prijorità predominanti tal-Assi 3, l-Istati Membri awditjati ma setgħux jipprovdu informazzjoni preċiża dwar l-impjiegi maħluqa jew miżmuma u lanqas, fejn il-miri ma kinux qed jiġu milħuqa, ma adattaw l-infiq biex iqisu dan.

RAKKOMANDEZZJONI 5

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, informazzjoni rilevanti u affidabbli tiġi miksuba biex tiffaċilita l-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-miżura u biex turi l-punt sa fejn l-għajnuna mogħtija qed tikkontribwixxi għall-kisba tal-prijoritajiet tal-UE. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu stabbiliti objettivi speċifiċi u ċari għall-proġetti li għalihom jiġu impenjati l-fondi. L-objettivi għandhom jiġu kwantifikati fejn possibbli biex jiffaċilitaw it-twettiq u l-monitoraġġ tal-proġetti u biex jipprovdu feedback utli lill-Awtorità Maniġerjali.

Il-miri għall-ħolqien ta' impjegi għandhom ikunu realistiki u n-numri ta' impjegi maħluqa mmonitorjati b'mod preċiż, il-miżuri għandhom jiġu ġestiti aħjar matul il-perjodu ta' programmazzjoni u b'mod partikolari jekk jidher li l-miri stabbiliti ma jkunux se jintlaħqu.

L-Istati Membri għandhom jiġu inkoraġġati jiżviluppaw indikaturi mfassla apposta li jirriflettu l-kuntest u l-ħtieġa speċifiċi tagħhom stess, għall-iskopijiet ta' ġestjoni u evalwazzjoni tagħhom stess.

97. Il-piż amministrattiv għandu jitnaqqas kemm jista' jkun, b'mod speċjali fir-rigward ta' proġetti iżgħar; dewmien ta' pagament eċċessiv jista' jaqta' qalb il-benefiċjarji.

RAKKOMANDEZZJONI 6

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iżidu l-isforzi tagħhom fit-tnaqqis tal-piż amministrattiv u jiżguraw li l-pagamenti jsiru f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Tista' tingħata kunsiderazzjoni għal proċedura ta' tħaffif għall-investimenti fuq skala żgħira (perjodi iqsar għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet) u pagamenti.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla I, immexxija mis-Sur Ioannis SARMAS, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-lagħha tagħha tal-5 ta' Ġunju 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri




Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
President

ANNEX I

FONDI TAL-UE GĦALL-MIŻURI TA' DIVERSIFIKAZZJONI TAL-ASSI 3 PPROGRAMMATI U MINFUQA (SA FRAR 2012)

- Infiq ipprogrammat oriġinarjament (2007–13): EUR 4 922 400 000
- Infiq ipprogrammat rivedut (2007–13): EUR 4 619 133 731¹
- Infiq implimentat (2007–Frar 2012): EUR 1 090 970 738



¹ Sal-31 ta' Diċembru 2011.

Sors: Il-kompilazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fuq il-bażi ta' data pprovduta fuq il-websajt tan-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali: Indikaturi finanzjari u fiżiċi (http://enrd.ec.europa.eu/policy-in-action/rural-development-policy-in-figures/rdp-monitoring-indicator-tables/financial-and-physical-indicators/en/financial-and-physical-indicators_en.cfm). L-Irlanda u l-Portugall ma pprogrammawx il-miżuri 311, 312 u 313. Is-simbolu "*" jindika l-Istati Membri (id-Danimarka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja) li ma pprogrammawx it-tliet miżuri kollha. Sa Frar 2012, l-ebda nfiq ma kien ġie ddikjarat minn Ċipru.

ANNEX II

VALUTAZZJONI MILL-QORTI TAL-PROĠETTI AWDITJATI


Stat Membru	Miżura	Deskrizzjoni tal-proġett	Spejjeż eliġibbli (arrotondati EUR)	Għajjuna pubblika bħala % tal-ispejjeż eliġibbli	Prodott tal-proġett imwassa f'konformità mal-obiettivi ġenerali tal-miżura	Riżultati tal-proġett		Indikazzjonijiet ta' dead-weight	Indikazzjonijiet ta' spusta-ment
						Żieda fil-VMG mhux agrikolu	Numru ta' impjegi maħluqa / ippjanati (fl-FTE)		
Ir-Repubblika Ċeka	312	Kostruzzjoni ta' sala tal-istampar	200 000	60%			0 / 0	qawwijin	xi wħud
	312	Xiri ta' linja tal-produzzjoni għal-legatura tal-kotba	95 000	49%			1 / 1	qawwijin	xi wħud
	313	Installazzjoni ta' pannelli tal-informazzjoni u żoni ta' mistrieħ f'rotta tal-inbid	20 000	90%			0 / 0	ftit	xi wħud
	313	Kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni għat-turisti permezz ta' estensjoni ta' kantina eżistenti tal-inbid	75 000	60%			0 / 0	xi wħud	xi wħud
	312	Xiri ta' magna tas-serrar u tagħmir awżiljarju	45 000	50%			2 / 2 **	ftit	ftit***
	311	Kostruzzjoni ta' impjant tal-bijogass (500 kW)	1 600 000	35%			0 / 0	ftit	evidenza insuffiċjenti
	311	Estensjoni ta' impjant tal-bijogass (b'250 kW) u xogħlijiet oħra ta' kostruzzjoni	550 000	30%			0 / 0	xi wħud	evidenza insuffiċjenti
	312	Rikostruzzjoni ta' sala tal-produzzjoni u xiri ta' tagħmir li jipproċessa l-metall	190 000	50%	*		6 / 6 **	qawwijin	qawwijin
	311	Kostruzzjoni ta' impjant tal-bijogass (537 kW)	2 380 000	45%			0 / 0	ftit	evidenza insuffiċjenti
	311	Xiri ta' faċilitajiet għat-tnixxif tal-injam u xogħlijiet fuq it-tħejjija tas-sit	155 000	60%			0 / 0	ftit	ftit
311	Kostruzzjoni ta' impjant tal-bijogass (526 kW)	1 890 000	46%			0 / 0	ftit	evidenza insuffiċjenti	

 valutazzjoni pożittiva

 valutazzjoni negattiva

 mhux applikabbli

 prinċipalment valutazzjoni pożittiva

 ma nħoloq l-ebda impjeg / ma hemm ippjanat l-ebda impjeg

 prinċipalment valutazzjoni negattiva

 evidenza insuffiċjenti / kmieni wisq biex issir valutazzjoni

ANNEX II


Stat Membru	Miżura	Deskrizzjoni tal-proġett	Spejjeż eliġibbli (arrotondati EUR)	Għajnuna pubblika bħala % tal-ispejjeż eliġibbli	Prodott tal-proġett imwassal f'konformità mal-objettivi ġenerali tal-miżura	Riżultati tal-proġett		Indikazzjonijiet ta' dead-weight	Indikazzjonijiet ta' spustament
						Żieda fil-VMG mhux agrikolu	Numru ta' impjegi maħluqa / ippjanati (fl-FTE)		
Franza (Aquitaine)	311	Ħolqien ta' ħanut għal bejgħ lokali	135 000	29%			0,8 / 0	qawwijin	ftit
	311	Ħolqien ta' kamra għad-dewqan tal-inbid	130 000	21%			0 / 0	qawwijin	xi wħud
	311	Ħolqien ta' ħanut agrikolu li jbigħ il-prodotti tiegħu stess (ġobon)	60 000	38%			0 / 0	xi wħud	xi wħud
	311	Ħolqien ta' ħanut agrikolu li jbigħ il-prodotti tiegħu stess (ġobon)	55 000	50%			0 / 0	ftit	xi wħud
	312	Rilokazzjoni ta' ħanut f'żona kummerċjali ġdida	35 000	25%			0 / 0	qawwijin	xi wħud
	312	Ħolqien ta' ħanut ta' tagħmir elettriku	35 000	25%			0 / 0	qawwijin	ftit
	312	Xiri ta' forn elettriku tal-ħobż	35 000	25%			-3,3 / 0	xi wħud	ftit
	313	Kostruzzjoni u titjib ta' ekoħostel	3 000 000	10%			0 / 1	xi wħud	ftit
	313	Ħolqien ta' post tal-kampejġ ekoloġiku	625 000	16%			2,58 / 2	ftit	xi wħud
	313	Kostruzzjoni ta' sala tal-festini / ħanut bħala parti minn xogħlijiet ta' restawr f'kastell pubbliku	200 000	50%			1,2 / 0	qawwijin	MA

 valutazzjoni pożittiva

 valutazzjoni negattiva

 mhux applikabbli

 prinċipalment valutazzjoni pożittiva

 ma nħoloq l-ebda impjieg / ma hemm ippjanat l-ebda impjieg

 prinċipalment valutazzjoni negattiva

 evidenza insuffiċjenti / kmieni wisq biex issir valutazzjoni

ANNEX II


Stat Membru	Miżura	Deskrizzjoni tal-proġett	Spejjeż eliġibbli (arrotondati EUR)	Għajjnuna pubblika bħala % tal-ispejjeż eliġibbli	Prodott tal-proġett imwassal f'konformità mal-oġġettivi ġenerali tal-miżura	Riżultati tal-proġett		Indikazzjonijiet ta' dead-weight	Indikazzjonijiet ta' spusta-ment
						Żieda fil-VMG mhux agrikolu	Numru ta' impjegi maħluqa / ippjanati (fl-FTE)		
L-Italja (Campania)	311	Rinnovament ta' ċentru agrituristiku u xiri ta' tagħmir għax-xogħol tal-ġnien	400 000	50%			0 / 0	qawwijin	ftit
	311	Rikostruzzjoni ta' dar għat-turiżmu rurali	245 000	50%			0,75 / 0	ftit	xi wħud
	311	Iċċangar taż-żona ta' barra ta' azjenda u xiri ta' għamara għal kamra użata għat-tagħlim f'razzett edukattiv	125 000	50%			0 / 0	qawwijin	ftit
	313	Organizzazzjoni ta' avvenimenti rurali u festivals u l-ħolqien ta' websajt	45 000	100%	****	MA	MA	ftit	MA
	312	Xiri ta' xarabank b'faċilitajiet għall-persuni b'diżabbiltà biex jippermetti żjarat lejn attrazzjonijiet turistiċi	305 000	50%			1,2 / 3	qawwijin	ftit
	312	Rinnovament ta' ħanut tal-kejkijiet u xiri ta' pannelli solari u ta' tagħmir ieħor għall-kejkijiet	205 000	40%			1 / 1	xi wħud	ftit
	312	Rinnovament ta' trattorija u l-ħolqien ta' pizzerija inkluż forn tal-ħatab	50 000	50%			1 / 3	xi wħud	xi wħud
	311	Restawr ta' djar żgħar għat-turiżmu rurali	190 000	50%			0 / 0	xi wħud	ftit
	311	Restawr ta' binja ta' azjenda għat-turiżmu rurali	400 000	50%			0,92 / 1	ftit	xi wħud

 valutazzjoni pożittiva

 valutazzjoni negattiva

 mhux applikabbli

 prinċipalment valutazzjoni pożittiva

 ma nħoloq l-ebda impjieg / ma hemm ippjanat l-ebda impjieg

 prinċipalment valutazzjoni negattiva

 evidenza insuffiċjenti / kmieni wisq biex issir valutazzjoni

ANNEX II


Stat Membru	Miżura	Deskrizzjoni tal-proġett	Spejjeż eliġibbli (arrotondati EUR)	Għajjnuna pubblika bħala % tal-ispejjeż eliġibbli	Prodott tal-proġett imwassal f'konformità mal-obiettivi ġenerali tal-miżura	Riżultati tal-proġett		Indikazzjonijiet ta' dead-weight	Indikazzjonijiet ta' spusta-ment
						Żieda fil-VMG mhux agrikolu	Numru ta' impjegi maħluqa / ippjanati (fl-FTE)		
Il-Polonja	311	Xiri ta' trakter biex iwettaq servizzi agrikoli fiż-żona ta' madwar	25 000	50%	*		0 / 0	ftit	ftit
	311	Xiri ta' magna għat-tħaffir u t-tagħbija biex toħloq sors alternattiv ta' dħul mhux agrikolu	55 000	43%			0 / 0	xi wħud	ftit
	312	Xiri ta' tagħmir għall-uffiċċju u karozza	15 000	50%			1 / 1	qawwijin	ftit
	312	Xiri ta' magna għat-tħaffir biex testendi l-ambitu tas-servizzi ta' kostruzzjoni mogħtija	175 000	37%			4 / 3	xi wħud	ftit
	313	Kostruzzjoni ta' grawnds għall-isport u għal-logħob tal-ballun fuq il-bajjiet	90 000	100%		MA	MA	ftit	ftit
	311	Rinnovament u tagħmir għal azjenda tal-agrituriżmu	40 000	56%			0 / 0	xi wħud	ftit
	312	Xiri ta' trakk u rikostruzzjoni ta' binja użata minn bejjiegħ bl-ingrossa	30 000	50%			1 / 1	qawwijin	xi wħud
	313	Rikostruzzjoni ta' anfiteatru	140 000	100%		MA	MA	ftit	MA

 valutazzjoni pożittiva

 prinċipalment valutazzjoni pożittiva

 prinċipalment valutazzjoni negattiva

 valutazzjoni negattiva

 ma nħoloq l-ebda impjeg / ma hemm ippjanat l-ebda impjeg

 evidenza insuffiċjenti / kmieni wisq biex issir valutazzjoni

 mhux applikabbli

ANNEX II


Stat Membru	Miżura	Deskrizzjoni tal-proġett	Spejjeż eliġibbli (arrotondati EUR)	Għajnuna pubblika bħala % tal-ispejjeż eliġibbli	Prodott tal-proġett imwassal f'konformità mal-obiettivi ġenerali tal-miżura	Riżultati tal-proġett		Indikazzjonijiet ta' dead-weight	Indikazzjonijiet ta' spusta-ment
						Żieda fil-VMG mhux agrikolu	Numru ta' impjegi maħluqa / ippjanati (fl-FTE)		
L-Isvezja	312	Persunal u spejjeż ġenerali għall-assoċjazzjoni li għandha l-għan li tibni netwerk ta' negozji rurali	120 000	62%	*	MA	0 / 4	ftit	ftit
	312	Ħolqien ta' kooperattiva għall-bejgħ tal-artiġjanat u servizzi ta' tindif	65 000	98%		MA	1 / 0	ftit	ftit
	312	Kostruzzjoni ta' sala għall-irkib taż-żwiemel fuq ġewwa	170 000	30%			0 / 2	xi wħud	xi wħud
	312	Konverżjoni ta' matmura f'ħanut ġdid tal-fjuri / pjanti	10 000	30%			1 / 1	xi wħud	ftit
	312	Estensjoni tal-ħanut tal-fjuri biex jippermetti korsijiet ta' arranġament ta' fjuri	10 000	25%			0 / 0	qawwijin	ftit
	313	Kostruzzjoni ta' sala tad-dħul b'ħanut li jbigħ ir-rigali, gallerija tal-arti/swali tal-konferenzi	160 000	30%			4 / 1,5	xi wħud	xi wħud
	313	Estensjoni ta' kafetterija f'sit turistiku biex iżżid il-kapaċità ta' kemm tieħu nies	190 000	25%		MA	0 / 0	ftit	ftit
	311	Estensjoni ta' bini ta' ħanut tax-xogħol b'taġħmir ta' rfiġ	90 000	25%	*		0 / 0,25	qawwijin	ftit
	311	Parir kummerċjali u materjal ta' kummerċjalizzazzjoni għal aġenzija tal-ivvjaġġar li tispeċjalizza fl-agrituriżmu	10 000	30%			0 / 1	qawwijin	ftit
	311	Kostruzzjoni ta' ristoranti ġdid u guest-house separata fuq bażi bed and breakfast	315 000	30%			1 / 4	qawwijin	xi wħud

 valutazzjoni pożittiva

 valutazzjoni negattiva

 mhux applikabbli

 prinċipalment valutazzjoni pożittiva

 ma nħoloq l-ebda impjeg / ma hemm ippjanat l-ebda impjeg

 prinċipalment valutazzjoni negattiva

 evidenza insuffiċjenti / kmieni wisq biex issir valutazzjoni

ANNEX II


Stat Membru	Miżura	Deskrizzjoni tal-proġett	Spejjeż eliġibbli (arrotondati EUR)	Għajnuna pubblika bħala % tal-ispejjeż eliġibbli	Prodott tal-proġett imwassal f'konformità mal-objettivi ġenerali tal-miżura	Riżultati tal-proġett		Indikazzjonijiet ta' dead-weight	Indikazzjonijiet ta' spusta-ment
						Żieda fil-VMG mhux agrikolu	Numru ta' impjegi maħluqa / ippjanati (fl-FTE)		
Ir-Renju Unit (L-Ingilterra)	312	Rinnovament ta' matmura biex tintuża bħala l-post tan-negożju kif ukoll xi tagħmir tal-IT	105 000	40%			2 / 3	xi wħud	ftit
	312	Ilkompletar ta' rinnovament ta' binja u t-tagħmir tagħha bħala klinika dentali	140 000	40%			4,8 / 5,3	qawwijin	xi wħud
	311	Kostruzzjoni u tagħmir biex jiġi estiż ħanut/kafetterija eżistenti f'azjenda; websajt	320 000	40%			5,9 / 5,5	ftit	xi wħud
	313	Kostruzzjoni ta' kafetterija, bitħa u passaqġ fi ħdan attrazzjoni ġdida għall-viżitaturi	315 000	40%			3,5+ / 4	ftit	ftit
	313	Kostruzzjoni u tagħmir biex tinħoloq kafetterija, u żona sigura tal-ħżin	205 000	40%			1,25 / 6	qawwijin	ftit
	311	Xiri u twaqqif ta' turbini tar-riħ fuq l-azjenda	75 000	50%			0 / 0	ftit	ebda
	313	Kostruzzjoni u tagħmir biex tinħoloq entratura ġdida għall-ġonna b'ħanut	155 000	50%		MA	1,5 / 2,5	ftit	ftit
	311	Rinnovament ta' matmura u tagħmir ta' kafetterija u post għal ħanut eżistenti f'azjenda	220 000	50%			2,5 / 4	ftit	ftit
	312	Tagħmir għall-bidu ta' servizzi ta' londri għal akkomodazzjoni turistika	30 000	40%			4,5 / 2,5	qawwijin	xi wħud

 valutazzjoni pożittiva

 valutazzjoni negattiva

 mhux applikabbli

 prinċipalment valutazzjoni pożittiva

 ma nħoloq l-ebda impjeg / ma hemm ippjanat l-ebda impjeg

 prinċipalment valutazzjoni negattiva

 evidenza insuffiċjenti / kmieni wisq biex issir valutazzjoni

ANNEX II

- * Il-Qorti sabet li tliet proġetti ma kinux eliġibbli. Żewġ proġetti fl-Isvezja ma kinux eliġibbli għax f'każ minnhom il-benefiċjarju ma kienx mikrointrapriża (skont l-Artikolu 54 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005) u fil-każ l-ieħor il-benefiċjarju ma kienx membru tal-familja agrikola (l-Artikolu 53 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005). Fir-Repubblika Ċeka, l-awditu tal-Qorti sab li kumpanija li tipproċessa l-metall mogħtija l-għajjnuna taħt M. 312 ma kinitx mikrointrapriża: ordni ta' rkupru għal kważi EUR 97 000 għandha tinħareġ.
- ** Il-Qorti għandha dubji dwar is-sostenibbiltà tal-impjegi.
- *** Proġett li għandu l-għan li jiġbed attivitajiet preċedentement mogħtijin barra mill-katina tal-produzzjoni imma dan ma kienx intlaħaq fid-data tal-awditu.
- **** Wara l-awditu tal-Qorti, l-awtoritajiet Taljani ħarġu ordni ta' rkupru għax il-benefiċjarju (il-Komun) ma pprovdie x aċċess għad-dokumenti lill-awdituri tal-Qorti.

Kriterji tal-valutazzjoni	
Prodott tal-proġett f'konformità mal-oġġettivi tal-miżura¹	<p>Il-prodotti mwassla mill-proġett f'termini ta':</p> <ul style="list-style-type: none"> — kontribuzzjoni għall-oġġettivi tal-miżura stabbiliti fir-Regolament UE prinċipali ((KE) Nru 1698/2005)); jitqiesu l-indikazzjonijiet ta' użu privat — sostenibbiltà tal-attività ffinanzjata fid-data tal-awditu (bħala prekundizzjoni għall-ilħuq tal-oġġettivi)
Żieda fil-VMG mhux agrikolu	<p>Ir-riżultati tal-proġett f'termini ta' żieda fil-VMG (valur miżjud gross) mhux agrikolu, fejn $VMG = Prodott\ Totali - Konsum\ Intermedju\ Totali$ $Prodott\ Totali = Valur\ tal-bejgħ + Bilanċ\ tal-istokks + Użu\ jew\ konsum\ personali$ $Konsum\ Intermedju\ Totali = Dħul\ dirett + Spejjeż\ ġenerali$ (jiġifieri marbuta mal-attivitajiet tal-produzzjoni, imma mhux ma' linji tal-produzzjoni speċifiċi) bħall-manutenzjoni ta' bini u makkinarju, enerġija, ilma, assigurazzjoni għall-bini, spejjeż ġenerali oħrajn)</p> <p><i>Nota:</i> bidla fil-VMG tista' sseħħ ukoll minħabba fatturi oħra għajr l-appoġġ riċevut. Każwalità baxxa bil-proġett appoġġjat hija indikata bl-isfar.</p>
Ħolqien ta' impjegi	<p>Ir-riżultati tal-proġett f'termini ta':</p> <ul style="list-style-type: none"> — numru ta' impjegi maħluqa (espressi f'FTE — ekwivalenti għall-full time) imqabbel man-numru maħsub fil-mument tal-applikazzjoni għall-appoġġ — tip ta' impjegi maħluqa (impjegi permanenti, impjegi staġjonali, impjegi temporanji eċċ.)
Indikazzjonijiet ta' deadweight	<ul style="list-style-type: none"> — awtovalutazzjoni tal-benefiċjarju dwar jekk l-investiment kienx jitwettaq mingħajr l-għotja — il-proġett ta' investiment bediex jew saħansitra ġiex ikkompletat qabel l-applikazzjoni għal-għotja/qabel id-deċiżjoni ta' għotja — proġett ġiex prefinanzjat fil-biċċa l-kbira tiegħu jew kollu kemm hu minn riżorsi personali — is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija fid-data tal-applikazzjoni turi pożizzjoni finanzjarja tajba ħafna — evalwazzjoni tal-investiment turi rata għolja ta' qligħ (jew ħlas lura fuq perjodu qasir) u ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-benefiċjarju kellu diffikultajiet biex jakkwista l-kapital
Indikazzjonijiet ta' spustament	<ul style="list-style-type: none"> — awtovalutazzjoni mill-benefiċjarju tal-ispustament — il-benefiċjarju qiegħed f'suq stabbli jew li qed jonqos jew wieħed bi ftit divrenzar fil-prodotti u l-għan primarju tal-proġett kien li jżid il-kapaċità/is-sehem tas-suq jew iżid l-effiċjenza/inaqqas l-ispejjeż

¹ L-Artikolu 4(c) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jiddikjara li "L-appoġġ għall-iżvilupp rurali għandu jikkontribwixxi għall-kisba tal-oġġettivi li ġejjin... promozzjoni tad-diversifikazzjoni tal-attività ekonomika" u l-Artikolu 52(a) jiddikjara li "L-appoġġ għandu jinvolvi

(a) miżuri għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali, inkluż:

- (i) id-diversifikazzjoni f'attivitajiet mhux agrikoli,
- (ii) l-appoġġ għall-ħolqien u l-iżvilupp ta' mikrointrapriżi (...),
- (iii) l-inkoraġġiment ta' attivitajiet turistiċi".

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV

IV.

Il-Kummissjoni tixtieq tirrimarka li l-kunċett tal-miżuri soġġetti għal awditjar (verifika) mill-Qorti huwa wiesa'.

L-obiettivi tal-miżuri ta' diversifikazzjoni mhumiex marbuta strettament u biss mat-tkabbir u l-impjegi. Obiettivi oħrajn kif definiti mill-Istati Membri fil-Programm ta' Żvilupp Rurali (PŻR) tagħhom jistgħu jiġu indirizzati minn dawn il-miżuri wkoll.¹

Il-Kummissjoni tixtieq tindika li t-tielet objettiv ewlieni tal-politika ta' żvilupp rurali jkun it-titjib tal-kwalità tal-ħajja f'żoni rurali u l-inkoraġġiment tad-diversifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi.

V.

Il-qafas legali, li huwa attwalment fis-seħħ, jipprovdi għal ambitu u għan tal-miżuri wiesgħa, u dan jipprovdi flessibilità kbira fl-implimentazzjoni.

Il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-ġestjoni kondiviża jagħtu diskrezzjoni konsiderevoli lill-Istati Membri u lir-reġjuni. Skont dawn il-prinċipji, l-għażla tal-proġett inkluż l-istabbiliment tal-kriterji tal-għażla tal-proġetti taq' taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri.

Minkejja dan, fir-rwol superviżorju tagħha, il-Kummissjoni insistiet f'diversi okkażjonijiet fuq il-ħtieġa ta' aktar selettività² u mmirar fl-implimentazzjoni tal-miżura.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2006 dwar il-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali (Perjodu ta' programmazzjoni 2007–13), 2006/144/KE, it-Taqsima 3.3.

² Pereżempju, matul il-laqqgħat annwali, b'mod partikolari, fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni ntbagħtet ittra mill-Kummissjoni lill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni tal-programmi kollha tistedinhom jikkunsidraw l-importanza ta' kriterji tal-għażla definiti sew għal implimentazzjoni effettiva matul il-perjodu kollu. Barra minn hekk, fl-2009, ittra oħra talbet lill-Istati Membri kollha biex jiżguraw li l-kriterji xierqa tal-għażla jiġu speċifikati u użati għall-allokazzjoni tal-fondi.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ħtiġijiet u l-opportunitajiet ġew deskritti b'mod ċar biżżejjed biex jagħmlu l-programmazzjoni tal-miżuri vverifikati xierqa u possibbli anki jekk l-analiżi inkwistjoni setgħet ġiet imtejba f'ċerti każijiet. Il-Kummissjoni tqis li l-iskop tal-kriterji ta' eliġibbiltà definiti mill-Istati Membri mhuwiex, *per se*, li jeskludu kumpanija speċifika ta' settur ekonomiku mill-appoġġ tal-UE. Min-flok, il-kriterji ta' eliġibbiltà għandu jkollhom l-għan, fil-livell ta' operazzjonijiet appoġġati, li jimmiraw li jiksbu appoġġ aħjar għall-ħtiġijiet attwali tat-territorju kkonċernat, fuq il-bażi tal-programmazzjoni strateġika u l-analiżi SWOT. Il-leġislazzjoni nfisha diġà tiffavorixxi lill-mikrointrapriżi, l-attivitajiet tat-turiżmu rurali u l-attivitajiet ta' diversifikazzjoni f'attivitajiet agrikoli. Fir-rigward tal-immirar, il-Kummissjoni taqbel mal-Qorti li hemm bżonn ta' t-titjib fl-immirar aħjar tal-appoġġ fil-livell tal-Istati Membri.

L-immirar jista' jieħu l-forma wkoll ta' regoli ddettaljati ta' eliġibbiltà, differenzjazzjoni reġjonali u settorjali, differenzjazzjoni tal-intensitajiet tal-għajjnuna kif ukoll limiti tal-għajjnuna li permezz tagħhom l-Istati Membri jistgħu jagħmlu għażla minn qabel fost il-benefiċjarji potenzjali.

Filwaqt li tinnota li l-miżuri soġġetti għal verifika għandhom objettivi usa' milli ostakli għall-impjegi u t-tkabbir, il-Kummissjoni taqbel li l-PŻR għandhom jippreżentaw objettivi li jistgħu jitkejlu li jikkontribwixxu għall-għanijiet politiċi.

Il-Kummissjoni, konxja ta' xi dgħufijiet f'dan il-qasam, ipponiet, li l-FAEŻR fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 li jmiss, isaħħaħ il-qafas legali sabiex jiġu stabbiliti miri kwantifikati *ex ante* għal kull wieħed mill-oqsma ta' fokus tal-prioritajiet tal-Unjoni. Il-kontenut tal-programm għandu jkun fih deskrizzjoni tal-istrateġija, u li l-miżuri magħżula b'rabta mal-prioritajiet tal-Unjoni jkunu bbażati fuq loġika tajba ta' intervent appoġġata minn evalwazzjoni *ex ante*.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

VI.

Ir-rekwiżit ta' mmirar tal-appoġġ ta' investment (l-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006) ġie introdott b'mod espliċitu l-ewwel f'dan il-perjodu ta' programmazzjoni, fost aspetti oħra, biex jiġġieled l-effetti ta' deadweight u ta' spostament.

L-appoġġ għall-proġetti għandu jingħata fuq il-bażi tal-valutazzjoni ta' jekk il-proġett jikkontribwixxix għall-oġġettivi tal-PŻR jew le.

Il-Kummissjoni taqbel li l-qafas attwali jista' jittjeb. Madankollu, kunsiderazzjoni tal-kapaċità finanzjarja tal-benefiċjarji b'mod iżolat biex jiġi evalwat id-deadweight tista' tinvolvi r-riskju li jiġu appoġġati proġetti mhux vijabbli u żieda fl-ispejjeż amministrattivi għall-awtoritajiet u żieda fil-piż amministrattiv għall-benefiċjarji.

Ir-riskju ta' nefqa eċċessiva għandu jiġi kkunsidrat. Ir-rati tal-intensità tal-għajjnuna għandhom jikkontribwixxu biex inaqqsu riskji bħal dawn.

Rigward is-suġġett tal-piż amministrattiv, il-Kummissjoni pproponiet li għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–20 li jmiss, it-tliet miżuri vverifikati mill-Qorti jiġu inkorporati f'miżura waħda b'enfasi aħjar fuq il-benefiċjarju, titjib fil-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u regoli aħjar għall-pagamenti li jnaqqsu l-piż amministrattiv li jista' jkun assoċjat ma' dawn il-miżuri. Il-Kummissjoni qed tipprevedi tnaqqis ulterjuri tal-piż amministrattiv fil-forma ta' introduzzjoni ta' spejjeż issimplifikati.

Il-Kummissjoni qed tkegġeġ lill-Istati Membri (pereżempju, fil-kumitati ta' monitoraġġ u fil-laqqgħat annwali ta' revizzjoni) biex inaqqsu d-dewmien għall-approvazzjoni tal-proġetti u l-ħlas lill-benefiċjarji, u hija infurmata li s-sitwazzjoni qed titjeb. Madankollu, l-Istat Membru huwa responsabbli biex jiżgura mekkaniżmi ta' twassil effiċjenti u proċeduri amministrattivi li jaħdmu tajjeb fil-livell nazzjonali/reġjonali.

VII.

Il-Kummissjoni tqis li, bħala kwistjoni ta' prinċipju, is-CMEF³ huwa strument validu għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-progress lejn l-ilħuq tal-oġġettivi tal-politika tal-iżvilupp rurali tal-UE u rriżulta li għandu ħafna saħħa, għalkemm instabu wkoll xi diffikultajiet.

Biex jiġu rrimedjati d-dgħufijiet fil-metodoloġiji żviluppanti mill-Istati Membri għall-valutazzjoni ta' xi indikaturi, il-Kummissjoni stabbiliet, iddistribwixxiet u spjegat linji gwida metodoloġiċi fl-2010 lil dawk responsabbli mill-evalwazzjoni fl-Istati Membri. Issa huma mistennija ċifri iktar kredibbli.

L-approċċ strateġiku għall-iżvilupp rurali u għal kull Stat Membru huwa definit fil-Pjan Strateġiku Nazzjonali (PSN) rispattiv.

Il-PŻR għandhom jikkonformaw mal-approċċ strateġiku identifikat fil-PSN u għandhom jimmiraw li jiżviluppaw għażliet ta' appoġġ f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE li jistgħu jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-prijoritajiet strateġiċi tal-UE u tal-Istati Membri, inkluż dak tal-ħolqien tal-impjegi f'żoni rurali.

Għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, il-Kummissjoni qed tiżviluppa verżjoni ġdida tas-CMEF, flimkien mal-Istati Membri, li jippermetti l-valutazzjoni, għal kull PŻR, tal-progress fl-implimentazzjoni kontra indikaturi tal-mira definiti b'mod komuni għall-prijoritajiet u l-oqsma ta' fokus magħżula għall-programm. Fil-bażi ta' dawn, hemm pjan indikatur li għal kull qasam ta' fowkus jistabbilixxi l-mira u l-outputs ipplanati u l-infiq għall-miżuri li se jintużaw biex jintlaħqu l-miri u l-oġġettivi tal-programm. Il-pjan indikatur jirrappreżenta l-loġika ta' intervent kwantifikata għal kull programm individwali b'mod iktar preċiż milli l-istruttura tal-assi riġida attwali.

³ CMEF - Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

VIII.

Il-Kummissjoni tinnota li ħafna mir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin huma indirizzati lill-Istati Membri u li l-prinċipju tas-sus-sidjarjetà u tal-ġestjoni kondiviża jagħtu diskrezzjoni konsiderevoli lill-Istati Membri u r-reġjuni.

— Meta tapprova l-PŻR, il-Kummissjoni twettaq analiżi biex tivvaluta li l-programmi u l-miżuri jkunu konsistenti mal-linji gwida strateġiċi Komunitarji, il-pjanijiet strateġiċi nazzjonali rilevanti u li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet legali rilevanti⁴.

Filwaqt li tinnota li l-miżuri soġġetti għal verifika għandhom objettivi usa' milli sempliċiment jirrimedjaw il-fallimenti tas-suq relatati mal-ostakli għall-impjiegi u t-kabbir, il-Kummissjoni taqbel li l-PŻR għandhom jippreżentaw objettivi li jistgħu jitkejlu li jikkontribwixxu għall-għanijiet politiċi.

Il-Kummissjoni, konxja ta' xi dgħufijiet f'dan il-qasam, ipponiet, li l-FAEŻR fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 li jmiss, isaħħaħ il-qafas legali b'mod li jiġu stabbiliti miri kwantifikati *ex ante* għal kull wieħed mill-oqsma ta' fokus tal-prijoritajiet tal-Unjoni. Il-kontenut tal-programm għandu jkun fih deskrizzjoni tal-istrateġija, u li l-miżuri magħżula b'rabta mal-prijoritajiet tal-Unjoni jkunu bbażati fuq loġika ta' intervent tajba appoġġata minn evalwazzjoni *ex ante*. Meta programm propost ma jkunx fih tali strateġija u miri adegwati, il-Kummissjoni mhux se tapprovah.

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006 (l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005).

— L-ambitu wiesa' tal-miżuri vverifikati għandu jiġi rikonoxxut, billi dawn mhux biss ikollhom impatt fuq l-impjiegi u d-dħul iżda jikkontribwixxu wkoll għas-sostenibbiltà taż-żoni rurali.

Il-Kummissjoni insistiet f'diversi okkażjonijiet matul il-perjodu ta' programmazzjoni attwali fuq il-ħtieġa għal aktar selettività u hija ppreparata li tkompli tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jagħmlu dan.

L-applikazzjoni ta' kriterji tal-għażla jew mekkaniżmu tal-immirar ekwivalenti hija eżaminata mill-Kummissjoni fil-missjonijiet ta' verifika tagħha u f'dan ir-rigward saru diversi osservazzjonijiet lill-Istati Membri. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni tipproponi korrezzjonijiet finanzjarji.

Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjoni u, fil-proposta⁵ dwar il-politika ta' żvilupp rurali tal-UE għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–20, ipprevediet li l-kriterji tal-għażla għandhom jiġu definiti għall-miżuri kollha u għandhom jimmiraw li jiżguraw it-trattament ugwali tal-applikanti, l-użu aħjar tar-riżorsi finanzjarji u l-immirar ta' miżuri skont il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali. L-użu tal-kriterji tal-għażla huwa propost li jkun ġeneralment obligatorju anki fil-każ fejn il-fondi disponibbli huma biżżejjed, ħlief fil-każ ta' xi qasam ta' kumpens u miżuri relatati mal-annimali.

Il-Kummissjoni taqbel ukoll li s-sistema tal-għażla tal-proġett tal-Istati Membri għandha tqis il-kwalità tal-proġetti u tuża sistema ta' punteġġi minimi. Il-Kummissjoni se tippreżenta linji gwida lill-Istati Membri dwar l-użu ta' kriterji ta' eliġibbiltà u tal-għażla għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.

⁵ Il-bażi legali hija l-proposta għar-Regolament għall-Iżvilupp Rurali u l-Artikolu 49 tiegħu, kif ukoll l-atti relatati ta' implimentazzjoni/delegati. Ara COM(2011) 627 Final/2 tad-19.10.2011.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

— Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjoni u hija ppreparata li torganizza skambju tal-aħjar prattiki fuq il-mitigazzjoni ta' riskji ta' deadweight u spustament mal-Istati Membri.

Il-leġiżlazzjoni pprovdiet li r-regoli ġenerali tal-għajjnuna mill-Istat japplikaw għall-appoġġ skont l-Artikolu 52(a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005. Dawn ir-regoli jeħtieġu li n-nefqa tkun eliġibbli mis-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għajjnuna. Dan ir-reqwiżit huwa ddikjarat fir-regoli tal-għajjnuna mill-Istat biex biex jiġi stabbilit element ta' incēntiv meħtieġ biex jiġi evitat id-deadweight.⁶ L-istess regoli għandhom japplikaw għal miżuri kofinanzjati bħala skemi separati għal għajjnuna notifikati skont sistema ta' għajjnuna mill-Istat.

Il-kunsiderazzjoni tal-kapaċità finanzjarja tal-benefiċjarji b'mod iżolat biex jiġi evalwat id-deadweight tista' tinvolvi r-riskju ta' appoġġ lil proġetti mhux vijabbli u żieda fl-ispejjeż amministrattivi għall-awtoritajiet u żieda fil-piż amministrattivi għall-benefiċjarji.

— Il-Kummissjoni tkopri l-kwistjoni tal-evalwazzjoni tar-raġonevolezza tal-ispejjeż waqt il-missjonijiet ta' verifika tagħha fuq il-miżuri ta' investment. Hija tivverifika li l-Istat Membru jkun stabbilixxa sistema effettiva biex jevalwa r-raġonevolezza tal-ispejjeż. Minħabba l-kumplessità tas-suġġett, il-Kummissjoni se tkompli teżamina l-kwistjoni matul il-missjonijiet ta' verifika tagħha. Hija se tkompli wkoll id-diskussjonijiet mal-Istati Membri barra mill-qafas tal-Approvazzjoni tal-Kontijiet.

In-numru ta' missjonijiet ta' verifika huwa limitat minħabba n-numru tal-persunal disponibbli. Għalhekk, in-numru u l-ambitu ta' dawn il-missjonijiet huma deċiżi fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju.

— L-objettivi u l-miri tagħhom fil-livell tal-programm huma stabbiliti mill-Awtorità ta' Ġestjoni bħala parti mill-istrateġija tal-programm. Fil-livell tal-proġett, ir-riżultati/eżiti stmati/imbassra li bihom il-proġett inkwistjoni se jikkontribwixxi għall-objettivi tal-programm huma stabbiliti *ex ante* mill-benefiċjarji potenzjali fl-applikazzjonijiet tagħhom. Madankollu, dejjem hemm incērtizzi u fatturi esterni fl-ilħuq tal-miri stabbiliti, sabiex il-miri jkunu jistgħu wkoll jiġu aġġustati kif meħtieġ, jekk ikun hemm bżonn li jseħħ dan.

⁶ L-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008. Il-paragrafu 2 tiegħu jiddikjara: Din il-kundizzjoni għandha titqies bħala sodisfatta jekk, qabel inkun beda x-xogħol fuq il-proġett jew attività, il-benefiċjarju jkun ippreżenta applikazzjoni għall-għajjnuna lill-Istat Membru kkonċernat.

Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjoni u qed toqgħod attenta biex fil-preparazzjoni tal-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni għall-perjodu futur, li bħalissa qed jiġi elaborat⁷, jiġu kkunsidrati n-nuqqasijiet osservati matul dan il-perjodu. Għalhekk, għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, l-indikaturi tar-riżultati se jiġi evalwati, minflok, bħala parti mill-evalwazzjoni PŻR. Dan se jsir ukoll permezz tal-iżvilupp ta' dokumenti (fiches) ta' spjegazzjoni iktar preċiżi għal kull indikatur sabiex jiġu evitati inkonsistenzi potenzjali fil-ġbir tad-dejta permezz ta' interpretazzjoni żbaljata.

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–20 li jmiss, il-Kummissjoni qed tiżviluppa CMEF, flimkien mal-Istati Membri, li se jippermettu valutazzjoni, għal kull PŻR, tal-progress fl-implimentazzjoni kontra indikaturi ta' miri definiti b'mod komuni għall-prijoritajiet u l-oqsma ta' fowkus magħżula għall-programm. Bħala bażi hemm pjan indikatur li jstabbilixxi l-mira għal kull qasam ta' fowkus u l-produzzjonijiet ippjanati u l-infiq għall-miżuri li se jintużaw biex jinkisbu l-miri u l-objettivi tal-programm. Il-pjan indikatur jirrappreżenta l-loġika ta' intervent kwantifikat għal kull programm individwali b'mod aktar preċiż milli tagħmel l-istruttura tal-assi riġida attwali.

- Il-Kummissjoni qed tkegġeg lill-Istati Membri biex f'kuntesti differenti (pereżempju, fil-kumitati ta' monitoraġġ u l-laqqgħat ta' revizzjoni annwali) inaqqsu d-dewmien tal-proċeduri ta' approvazzjoni tal-proġetti u l-ħlasijiet lill-benefiċjarji, u hija infurmata li s-sitwazzjoni qed titjieb matul il-perjodu ta' programmazzjoni attwali.

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014—20 li jmiss, il-Kummissjoni qed tipprevedi tnaqqis ulterjuri tal-piż amministrattivi fil-forma ta' introduzzjoni ta' spejjeż simplifikati. Bħala riżultat, il-proċessi ta' talba, amministrazzjoni u verifika tar-rimborż għall-ħlasijiet magħmula se jkunu iktar faċli kemm għall-benefiċjarji kif ukoll għall-amministrazzjoni nfisha.

⁷ Il-bażi legali hija l-proposta għall-Leġiżlazzjoni Orizzontali art. 110, il-proposta għar-Regolament ŻR it-titolu VII, kif ukoll l-atti relatati ta' implimentazzjoni/delegati. Ara COM(2011) 628 Final/2 tad-19.10.2011 u COM(2011) 627 Final/2 tad-19.10.2011.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

INTRODUZZJONI

3.

Il-Premessa 47 mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005, tapplika wkoll għall-Assi 3.

Il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li Premessa 11 u l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jiddefinixxu t-tielet objettiv ewlieni tal-politika ta' żvilupp rurali bħala t-titjib tal-kwalità tal-għajxien fiż-żoni rurali u l-inkoraġġiment tad-diversifikazzjoni tal-attivitàjiet ekonomiċi.

5.

Il-linji gwida Strateġiċi Komunitarji jiddikjaraw ukoll li:

"Fil-promozzjoni tat-taħriġ, l-informazzjoni u l-intraprenditorija, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll il-ħtiġijiet partikolari tan-nisa, iż-żgħażaġh u l-ħaddiema aktar anzjani".

8. it-tielet inċiż

Proġetti tipiċi bħall-infrastruttura rikreattiva u infrastruttura fuq skala żgħira (ċentri ta' informazzjoni u twaħħil ta' sinjali f'siti turistiċi) kif deskritti fl-Artikolu 55 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005, huma importanti wkoll għall-valutazzjoni tal-Assi 3.

OSSERVAZZJONIJIET

16.

L-obiettivi tal-miżuri ta' diversifikazzjoni mhumiex marbuta strettament u biss mat-tkabbir u l-impjieg. Obiettivi oħrajn kif definiti mill-Istati Membri fil-PŻR tagħhom jistgħu jiġu indirizzati wkoll minn dawn il-miżuri.⁸ Għalhekk l-analiżi tas-sitwazzjoni f'termini ta' saħħiet u dgħufijiet hija waħda ġenerali li tkopri l-qasam kollu tal-programmazzjoni u tmur lil hinn mis-sempliċi motivaturi tal-impjieg u t-tkabbir (l-Anness II, punt 3.1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006).

⁸ Ara t-Taqsima 3.3 tal-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali (perjodu ta' programmazzjoni 2007–13).

18.

Meta tapprova l-PŻR, il-Kummissjoni twestaq analiżi biex tivvaluta li l-programmi u l-miżuri jkunu konsistenti mal-linji gwida strateġiċi Komunitarji, il-pjanijiet strateġiċi nazzjonali rilevanti u li dawn jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet legali rilevanti. L-osservazzjonijiet tagħha ġew ikkomunikati lill-Istati Membri, bir-riżultat ta' titjib fil-programmi. Il-loġika tal-intervent li tikkaratterizza kull PŻR tkopri l-arkitettura kollha ta' programm u l-mekkaniżmu tat-twassil tiegħu, u għalhekk kull PŻR kien fih l-informazzjoni meħtieġa li ppermettiet l-approvazzjoni tiegħu skont il-qafas legali.

Il-Kummissjoni tqis li, b'mod ġenerali, il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet ġew deskritti b'mod ċar biżżejjed biex jagħmel il-programmazzjoni tal-miżuri vverifikati xierqa u possibbli f'kull każ.

L-istudju dwar is-"Sintesi tal-evalwazzjonijiet *ex ante* tal-PŻR 2007–13"⁹ li ġie ffinalizzat fl-2008 ikkonkluda li "sarw sforzi sostanzjali fl-Istati Membri biex jidentifikaw il-ħtiġijiet, u li dawn ġew ikkunsidrati bir-reqqa fil-fażi ta' programmazzjoni. L-Istati Membri "iddedikaw sforzi konsiderevoli fl-iżvilupp tal-istrateġiji tagħhom li huma bbażati fuq valutazzjoni fid-dettall tal-ħtiġijiet".

ħafna mir-rapporti *ex ante* fil-livell tal-PŻR sabu għażla xierqa u strateġika ta' miżuri.

Kaxxa 2

Il-PŻR għar-Renju Unit (l-Ingilterra) jispjega li l-awtoritajiet reġjonali/lokali "se jiffokaw b'mod partikolari fuq rendiment inadegwat u żvantaġġ rurali ekonomiku...meta jiddeċiedu, flimkien mas-sieħba reġjonali u lokali tagħhom, għal liema oqsma se jiġu allokatu r-riżorsi" (it-Taqsima 5.3.1.3, paragrafu 553).

19.

Ara t-tweġiba għall-punt 18.

⁹ Studju dwar is-"Sintesi ta' Evalwazzjonijiet *Ex Ante* ta' Programmi għall-iżvilupp Rurali 2007–13", li jinsab fuq: http://ec.europa.eu/agriculture/eval/reports/rurdev/index_en.htm

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

20.

Il-prinċipji tas-sussidjarjetà u ġestjoni kondiviża jagħtu dis-krezzjoni konsiderevoli lill-Istati Membri u lir-reġjuni. Skont dawn il-prinċipji, l-istabbiliment ta' objettivi fil-livell nazzjonali jew reġjonali jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri.

Il-qafas legali ma jimpedixx lil programm milli jkollu objettivi differenti f'termini ta' ambitu u kejl. L-Istati Membri jistgħu dejjem jistabbilixxu indikaturi addizzjonali minbarra daww identifikati fis-CMEF, jekk dan jirriżulta li jkun meħtieġ.

Il-Kummissjoni pproponiet li, għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, għandhom jiġu stabbiliti miri xierqa għal kull wieħed mill-oqsma ta' fowkus tal-prijoritajiet tal-Unjoni, fuq il-bażi ta' indikaturi komuni, u li l-miżuri magħżula b'rabta mal-prijoritajiet tal-Unjoni għandhom ikunu bbażati fuq loġika tal-intervent tajba appoġġata minn evalwazzjoni *ex ante*.

Kaxxa 3 – Ir-Repubblika Ċeka

It-tliet miżuri kollha jappartjenu fl-istess prijorità fl-Assi 3 (il-ħolqien ta' impjiegi u l-appoġġ għall-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli) u bħala tali għandhom objettivi globali identiċi. Madankollu, rigward l-ispeċifità ta' kull miżura, it-tliet *measure fiches* (skedi tal-miżuri), taħt l-intestatura "profil tal-miżura" (karatteristiċi tal-miżura), juru n-natura tal-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati.

22.

Il-leġiżlazzjoni tippermetti interpretazzjoni wiesgħa tal-eliġibbiltà tal-attivitajiet u s-setturi taħt l-Ass 3.

L-immirar jista' jintlaħaq mhux biss permezz tal-limitazzjoni dwar l-eliġibbiltà ta' attivitajiet jew setturi ekonomiċi, iżda wkoll permezz ta' differenzazzjoni reġjonali u settorjali, kriterji tal-għażla, differenzazzjoni tal-intensitajiet tal-għajjnuna kif ukoll limiti tal-għajjnuna li permezz tagħhom l-Istati Membri jistgħu jagħmlu għażla minn qabel fost il-benefiċjarji potenzjali.

24.

Ara t-tweġibiet għall-paragrafi 18, 20 u 22.

Fir-rigward tal-effiċjenza u l-effettività tal-miżuri proposti mill-Istati Membri li jikkontribwixxu għat-tkabbir u l-impjiegi, il-Kummissjoni tqis li ma dan jistax jiġi stabbilit b'mod komplet *ex ante* (pereżempju, l-impatti tal-kriżi finanzjarja u ekonomika kontinwa fuq in-negozji rurali).

It-tkabbir u l-impjiegi mhumiex l-uniċi objettivi tal-Ass 3 tal-politika tal-iżvilupp rurali tal-UE, u mhumiex l-uniċi ħtiġijiet territorjali jew strutturali li jistgħu jiġu potenziżalment identifikati mill-Istati Membri fil-PŻR tagħhom.

25.

Ara t-tweġiba għall-paragrafu 22.

26.

Ara t-tweġiba għall-paragrafu 16.

Il-miżuri taħt l-Ass 3 huma mogħtija fil-limitazzjonijiet tar-regoli ġenerali tal-UE tal-għajjnuna mill-Istat. Il-leġiżlazzjoni ma imponietx fuq l-Istati Membri obbligu legali għall-istabbiliment ta' regoli ta' eliġibbiltà ristrettivi, sakemm l-analiżi SWOT u l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ma jkunux jeħtieġu tali azzjonijiet fil-livell nazzjonali jew reġjonali.

Il-Kummissjoni se tipprovdi gwida addizzjonali dwar il-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–20 li jmiss.

Fir-rigward tal-osservazzjonijiet tal-Qorti li l-proġetti mhumiex eliġibbli, għandhom jiġu kkunsidrati dawn li ġejjin:

Ir-Repubblika Ċeka: Skont informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet nazzjonali, il-proġett bħalissa qed jiġi rivedut.

L-Isvezja: L-Artikolu 54 tar-Regolament 1698/2005 jistipula biss li l-appoġġ għandu jkun relatat mal-mikro-intrapriżi, u mhux li l-mikro-intrapriżi għandhom ikunu l-uniċi benefiċjarji taħt il-miżura.¹⁰

¹⁰ Il-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali 2007–13 jiddefinixxu aħjar l-intenzjonijiet strateġiċi wara l-appoġġ mogħti skont l-Artikolu 52(a)(ii) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1698/2005. L-azzjoni ewlenija (iv) mit-Taqsima 3.3: "l-iżvilupp ta' mikro-kummerċ u snajja", li jista' jibni fuq il-ħiliet tradizzjonali jew jintroduċi kompetenzi ġodda, b'mod partikolari meta kkombinat max-xiri ta' tagħmir, taħriġ u kkwocjar, u b'hekk jgħin biex jippromwovi l-intraprenditorija u jżviluppa t-tessut ekonomiku."

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

Kaxxa 4

Ara t-tweġiba għall-paragrafu 26.

Il-Polonja timplimenta l-miżura 313 b'mod integrat permezz tat-tiġdid u l-iżvilupp tar-raħal (il-miżura 322) u l-konservazzjoni u t-titjib tal-wirt rurali (il-miżura 323). Il-miżura integrata timmira wkoll li tistabbilixxi servizzi bażiċi, inklużi attivitajiet kulturali u ta' divertiment, li jikkonċernaw raħal jew grupp ta' rħula, inkluż infrastruttura relatata fuq skala żgħira kif definit fl-Artikolu 56 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005.

29.

Ara t-tweġiba għall-paragrafu 20.

Skont il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-ġestjoni kondiviża, l-istabbiliment ta' kriterji tal-għażla u l-għażla attwali tal-proġetti jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni insistiet f'diversi okkażjonijiet fuq il-ħtieġa għal aktar selettività fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali. Pereżempju, matul laqgħat annwali jew ta' monitoraġġ tal-kumitat, b'mod partikolari, fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni, intbagħtet ittra mill-Kummissjoni lill-Awtoritajiet Amministrattivi tal-programmi kollha biex tistedin视角 jikkunsidraw l-importanza ta' kriterji tal-għażla definiti sew għal implimentazzjoni effettiva matul il-perjodu kollu. Barra minn hekk, fl-2009, ittra oħra talbet lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-kriterji xierqa tal-għażla jiġu speċifikati u użati għall-allokazzjoni tal-fondi.

Għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, il-proposti tal-Kummissjoni¹¹ jipprevedu li l-kriterji tal-għażla għandhom jiġu ddefiniti għall-miżuri kollha. L-użu ta' kriterji tal-għażla għandhom ġeneralment ikunu obbligatori anki fil-każ fejn il-fondi disponibbli jkunu biżżejjed.¹²

L-Isvezja: L-Isvezja adottat kriterji tal-għażla għall-programm fil-Kumitat ta' Monitoraġġ tad-9 ta' Ottubru 2007.

¹¹ Il-bażi legali hija l-proposta għar-Regolament ŻR, l-Artikolu 49, kif ukoll l-atti relatati ta' implimentazzjoni/ddelegati.

¹² Biss fil-każ ta' ċerti miżuri annwali jew multiannwali, pereżempju miżura agri-ambjentali-klimatika, fejn il-miżuri huma implimentati permezz ta' operazzjonijiet standard li jipprovdi effetti ambjentali jew tal-benesseri tal-annimali ugħwali, l-użu tal-kriterji tal-għażla se jkun fakultattiv fil-każ ta' biżżejjed fondi.

30.

Ara t-tweġiba għall-paragrafu 29.

L-Italja (Campania): Ara t-tweġiba fil-Kaxxa 5.

Kaxxa 5 — L-Italja (Campania)

Wara l-verifika tal-Qorti, l-Awtorità ta' Ġestjoni rrikon-oxxiet id-dgħufija li nstabt fl-attribuzzjoni tal-punti għal proġetti individwali u aġixxiet minnufih sabiex tirrimedja għall-iżbalji fl-għoti tal-proġetti ppreżentati għall-appoġġ. L-azzjoni mwettqa kienet tikkonsisti fil-ħruġ ta' struzzjoni ċara lill-persunal responsabbli għall-iskrutinju tal-proġetti proposti għall-appoġġ. B'mod partikolari ġie ċċarat lilhom li ma għandu jingħatalhom ebda punt (0 punti) jekk il-kriterji tal-għażla ma jiġux sodisfatti.

Kaxxa 5 — Franza (Aquitaine)

Skont l-awtoritajiet Reġjonali, investimenti magħmula sabiex jintlaħqu l-kriterji stabbiliti, fost l-oħrajn, fil-qafas tal-programm reġjonali "Destination Vignobles" huma eliġibbli skont il-miżura 311. Dan huwa konformi mal-istrateġija ġenerali tar-Reġjun li għandha l-għan li ttejjeb l-istandards tal-faċilitajiet turistiċi fil-vinji billi tinkoraġġixxi lill-amministraturi biex jagħmlu l-investimenti meħtieġa sabiex jirrispettaw karta dwar il-kwalità.

Skont ir-regoli taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005, l-iżvilupp ta' negozji rurali eżistenti jista' jiġi appoġġat jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà.

Kaxxa 5 — L-Italja (Campania)

Il-Kummissjoni fakkret lill-awtoritajiet Taljani dwar l-importanza tal-proċeduri tal-għażla fl-iżgurar li jintlaħqu l-miżuri u l-oġġettivi tal-programm (ara wkoll ir-risposta għall-Kaxxa 5).

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

Kaxxa 6 — Ir-Repubblika Ċeka

Il-Kummissjoni kkontestat din il-prattika u indirizzat din il-kwistjoni mal-Awtorità ta' Ġestjoni matul il-laqgħat u bil-miktub fil-bidu tal-2010.¹³

Kaxxa 6 — L-Italja (Campania)

Ara r-risposti fil-Kaxxa 5 u l-paragrafu 31.

Kaxxa 6 — L-Isvezja

Skont l-ispjegazzjonijiet tal-Bord Svediż tal-Agrikoltura, il-Bord tal-Kontea aċċetta applikazzjonijiet fuq bażi ta' tmexxija u l-proġetti biss li kkontribwixxew għall-oġettivi tal-programm u l-prijoritajiet stabbiliti mill-kontea ġew aċċettati. Il-kwalità tal-proġetti u l-kapaċità tagħhom biex jissodisfaw dawn il-prijoritajiet ġew ivvalutati fuq il-bażi tal-pjanijiet tan-negozju u tal-proġetti. Din il-valutazzjoni għandha tiġi ġġustifikata fil-futur.

32.

Il-miżuri vverifikati jkkontribwixxu wkoll għall-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali u l-ambjent ekonomiku tagħhom, għas-salvagwardja tal-impjiegi eżistenti, u għall-iżvilupp tal-kundizzjonijiet għat-ktabbir ekonomiku. Barra minn hekk, il-"livell ta' ħiliet" għandu jiġi kkunsidrat ukoll.

Għandu jiġi nnutat li l-ispejjeż ta' kull impjieg huma differenti skont ir-reġjun, l-Istat Membru u s-setturi ekonomiċi, u dan mhuwiex l-uniku kriterju għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet.

L-ispiża ta' kull impjieg tista' tkun indikatur xieraq, pereżempju, fil-każijiet fejn l-investimenti jkopru attivitajiet teknoloġiċi ħafna li jeħtieġu ftit riżorsi umani għall-ġestjoni tagħhom, fejn jiġu ssalvagwardjati l-impjiegi, fejn isir titjib fil-kwalità tal-impjiegi eżistenti, jew fejn jinħoloq impjieg temporanju marbut mal-investment.

¹³ 1) Permezz ta' ittra tad-19/03/2010 (Ref. Ares (2010) 148269) il-Kummissjoni kitbet lill-awtoritajiet tar-Repubblika Ċeka biex tindika li ġiet infurmata fil-laqgħa preparatorja li saret fil-11/11/2009 qabel il-laqgħa tal-Kumitat ta' Monitoraġġ tat-12/11/2009 li fl-2009 ma ġewx applikati l-kriterji tal-għażla. Din il-kwistjoni ġiet diskussa wkoll mal-awtoritajiet tar-Repubblika Ċeka fil-laqgħa ta' Reviżjoni Annwali li saret fi Frar 2010 u fil-laqgħa preparatorja li saret fl-24/03/2010 qabel il-laqgħa tal-Kumitat ta' Monitoraġġ tal-25/03/2010. Fl-ittra tagħha, il-Kummissjoni rreferiet għall-Artikolu 43 tar-Regolament 1974/2006 u l-Artikolu 71(2) tar-Regolament 1698/2005.

2) L-awtoritajiet tar-Repubblika Ċeka wiegħbu permezz ta' ittra tas-7/04/2010 Ref. Cj.10039/10-11200 (irreġistrata fil-Kummissjoni fit-13/04/2010 b'Ref. Ares (2010)189115).

3) Il-Kummissjoni wiegħbet din l-ittra fis-17/05/2010 (Ref. Ares(2010)261022). F'din l-ittra, il-Kummissjoni indikat li "Fil-laqgħa tal-Kumitat ta' Monitoraġġ innifsu [li saret fil-25/03/2010], f'himna wkoll li inti se tiżgura li fil-futur il-pakketti finanzjarji jkunu definittivament stabbiliti qabel il-ftuħ tas-sejthiet għall-applikazzjoni u li dawn tal-aħħar jiġu magħżula skont il-kriterji stabbiliti. Għalhekk, jiena (jiġifieri l-persuna hawn taħt iffirmata għall-Kummissjoni) nikkunsidra li, għalkemm mhux imsemmi b'mod ċar fl-ittra tiegħek, inti żżomm l-impenn skont id-dikjarazzjoni tiegħek fil-laqgħa tal-Kumitat ta' Monitoraġġ imsemmi hawn fuq."

34.

Il-firxa tal-ispejjeż ta' kull impjieg mogħtija mill-Qorti (EUR 3 000 – EUR 215 000) ma jkollhiex x'taqsam ma' attivitajiet simili jew l-istess attivitajiet, u għalhekk għandu jsir ukoll ir-rikonoxximent tat-tipi differenti ta' investimenti.

37.

Il-Kummissjoni tinnota li l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-ġestjoni kondiviża jagħtu diskrezzjoni konsiderevoli lill-Istati Membri u lir-reġjuni sakemm is-CMEF ma jispeċifikax liema indikaturi addizzjonali għandhom jintużaw mill-Istati Membri fl-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-proġetti. L-għażla tal-proġetti u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom taq' taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni tagħmel l-isforz meħtieġ waqt il-missjonijiet ta' verifika tagħha biex issib Prattiki inadegwati u tipponi miżuri rilevanti relatati magħhom, inkluż il-korrezzjoni tagħhom.

40.

L-Italja (Campania) u l-Isvezja Ara t-tweġiba mogħtija għall-Kaxxa 8.

Kaxxa 8 — Ir-Repubblika Ċeka

Huwa korrett li l-awtoritajiet Ċeki inizjalment stabbilixxew miri pjuttost ambizzjużi relatati mal-ħolqien tal-impjiegi. Fl-istess ħin, il-kriżi ekonomika/finanzjarja fixklet b'mod sinifikanti l-ħolqien tal-impjiegi. Għalhekk, wara l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu u wara ż-żjara tal-Qorti, ġiet proposta reviżjoni ta' dawn il-miri fis-27/09/2012 bit-tmien emenda tal-PŻR, aċċettata mill-Kummissjoni fit-13/03/2013.

Kaxxa 8 — L-Italja (Campania)

Skont ir-regoli ġenerali tal-għajjnuna mill-Istat, li japplikaw għall-Assi 3 tal-FAEŻR, is-sussidji ta' inqas minn EUR 200 000 mogħtija lil intrapriża fuq perjodu ta' tliet snin ma jkkostitwixxux "Għajjnuna mill-Istat" (dik li tissejjaħ regola "*de minimis*"). Madankollu, il-Kummissjoni qed tteġġeg lill-Istati Membri biex ma japplikawx intensità ta' għajjnuna ta' 100 % għal proġetti privati li jiġġeneraw profitt fi ħdan din ir-regola.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

Kaxxa 8 — L-Isvezja

L-indikaturi tar-riżultati tas-CMEF huma stabbiliti fil-livell nazjonali. Madankollu, l-Isvezja għandha 21 kontea li kollha jiffaċċjaw sfidi, ħtiġijiet u problemi amministrattivi differenti.

Il-kisbiet tal-indikaturi tar-riżultati finali se jinġabru fuq il-bażi tal-proġetti ffinalizzati, li jfisser li dawn il-miri ta' spiss jintlaħqu pjuttost bil-mod, billi t-tweġiq ta' proġett jista' jieħu diversi snin. Sa tmiem l-2012 sar impenn fuq l-Ass 3 ta' madwar 76 %, u għalhekk sar progress sinifikanti bejn l-2010 u l-2012.

42.

Ara t-tweġiba għall-paragrafu 29.

L-applikazzjoni tal-kriterji tal-għażla jew mekkaniżmu ekwivalenti tal-immirar hija eżaminata mill-Kummissjoni fil-missjonijiet ta' verifika tagħha. F'dan ir-rigward, saru diversi osservazzjonijiet lill-Istati Membri rigward miżuri ta' żvilupp rurali. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni tipproponi korrezzjonijiet finanzjarji.

Ir-Repubblika Ċeka: Ara t-tweġibiet għall-paragrafu 30 u 31.

43.

Ara t-tweġiba għall-paragrafu 42.

Ir-Repubblika Ċeka: Il-Kummissjoni, fid-dawl tal-kompetenzi u r-responsabbiltà tagħha, ħadet il-passi neċessarji biex tiżgura li l-miri stabbiliti mir-Repubblika Ċeka issa huma aktar xierqa.

Fil-laqgħat ta' Reviżjoni Annwali¹⁴ fl-2011 u l-2012, il-Kummissjoni indikat l-iżbilanċ bejn it-tweġiq tal-miri għall-indikaturi tal-produzzjoni u l-ammonti impenjati u ten-niet li l-adattament tal-indikaturi jista' jsir biss jekk ma tkun possibbli ebda azzjoni oħra biex jiġi żgurat li l-miri jintlaħqu. Il-Kummissjoni enfasizzat li għandha tingħata prijorità lill-proġetti li joħolqu impjiegi."

Il-Kummissjoni aċċettat tnaqqis fil-miri għal numru gross ta' impjiegi għaliex sar evidenti li l-miri inizjali kienu aktar ambizzjużi milli realistiċi, u li minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja dawn il-miri ma jintlaħqux.

¹⁴ Fir-rigward tal-miżura 311 (kodiċi f' CZ RDP: III.1.1 "Diversifikazzjoni f'attivitajiet mhux agrikoli") u l-miżura 313 (kodiċi f' CZ RDP: III.1.3 "Inkoraġġiment ta' attivitajiet tat-turiżmu").

50.

It-turija tal-vijabbiltà ekonomika tal-intrapriżi appoġġati għal investiment mhix rekwiżit skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005. Barra minn hekk, il-kontrolli amministrattivi fuq l-applikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 24(2) tar-Regolament (KE) Nru 65/2011 ma jeħtiġux li l-Istati Membri jistabbilixxu l-vijabbiltà ekonomika tal-proġetti.

Ir-rekwiżit huwa li jiġu identifikati l-ħtiġijiet fil-PŻR fir-rigward tal-analiżi SWOT tal-qasam ikkonċernat, jiġifieri li jiġi mmirat appoġġ skont il-bżonnijiet territorjali identifikati u n-nuqqasijiet strutturali.

Kaxxa 9 — Franza (Aquitaine)

Il-Kummissjoni se ssegwi dan il-każ.

52.

Ir-rekwiżit li jiġi mmirat l-appoġġ għall-investiment (l-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006) ġie introdott b'mod espliċitu f'dan il-perjodu ta' programmazzjoni, fost aspetti oħrajn, biex jiġġielew l-effetti tad-deadweight u spustament.

Kaxxa 10 — L-Italja (Campania)

L-Awtorità ta' Ġestjoni għandha r-responsabbiltà li tiżgura proporzjonalità adegwata bejn l-investimenti (li tikkontribwixxi biex tipprovdi benefiċċji ambjentali) li jkunu appoġġati u l-punteġġ attribwit skont il-kriterji tal-għażla.

53.

Il-leġiżlazzjoni ma pprevedietx valutazzjoni *a priori* ta' jekk l-applikanti jkollhomx bżonn sussidju jew le. Ir-rekwiżit huwa li jiġu identifikati ħtiġijiet fil-PŻR rigward l-analiżi SWOT tal-qasam ikkonċernat, u għalhekk li jiġi mmirat appoġġ skont il-ħtiġijiet territorjali u d-dgħufijiet strutturali identifikati.

Il-valutazzjoni tad-deadweight hija kumplessa u għandha tkun parti mill-evalwazzjoni tal-programmi.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

55.

Fil-kuntest tal-miżuri ta' Ass 3 tal-FAEŻR, il-leġiżlazzjoni pprovdiet li r-regoli ġenerali tal-ġhajjnuna mill-Istat japplikaw għal appoġġ skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 u għal Leader meta jitwettaq l-Ass 3. Dawn ir-regoli jeħtieġu li n-nefqa tkun eliġibbli mis-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-ġhajjnuna. Dan ir-rekwiżit huwa ddikjarat fir-regoli tal-ġhajjnuna mill-Istat għall-istabbiliment tal-element meħtieġ ta' inċentiv.¹⁵ Għandhom japplikaw l-istess regoli għal miżuri kofinanzjati bħalma jagħmlu għal skemi separati għall-ġhajjnuna notifikati skont sistema ta' ġhajjnuna mill-Istat.

Barra minn hekk, għandu jingħata l-appoġġ għal proġetti fuq il-bażi tal-valutazzjoni ta' jekk il-proġett jikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-PŻR jew le.

Il-kunsiderazzjoni tal-kapaċità finanzjarja tal-benefiċjarji b'mod iżolat biex jiġi vvalutat id-deadweight tista' tinvolvi r-riskju li jiġu appoġġati proġetti mhux vijabbli u żieda fl-ispejjeż amministrattivi għall-awtoritajiet u żieda fil-piż amministrattivi għall-benefiċjarji.

Il-Kummissjoni, madankollu, tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex japplikaw sistemi li jnaqqsu r-riskju ta' deadweight.

57.

Ara t-tweġiba għall-paragrafu 53 u 83.

58.

Il-Kummissjoni tqis li jekk l-appoġġ għall-investiment ikun immirat tajjeb (permezz tal-użu, fost affarijiet oħra, tal-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla, differenzjazzjoni fir-rati ta' ġhajjnuna) u bbażat fuq lakuni/ħtiġijiet¹⁶ identifikati b'mod ċar, ir-riskju ta' deadweight u spustament jiġi minimizzat. L-immirar tal-appoġġ ta' investiment (l-Artikolu 43) ġie introdott f'dan il-perjodu ta' programmazzjoni preċiżament biex jimmitiga l-effetti tad-deadweight u tal-ispustament li rriżultaw minn evalwazzjonijiet preċedenti.

Il-Kummissjoni ma tqisx li l-każ ta' sussidju li jwassal għal żieda fis-sehem tal-kummerċjalizzazzjoni għad-detriment ta' kompetitur *a priori* huwa ekonomikament ineffiċjenti. L-appoġġ pereżempju, seta' wassal għal negozji aktar effiċjenti (ekonomikament u/ jew ambjentalment) li jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp ġenerali tal-ekonomija rurali.

¹⁵ L-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008. Il-paragrafu 2 tiegħu jiddikjara: Din il-kundizzjoni għandha titqies bħala sodisfatta jekk, qabel inkun beda x-xogħol fuq il-proġett jew attività, il-benefiċjarju jkun ippreżenta applikazzjoni għall-ġhajjnuna lill-Istat Membru kkonċernat.

¹⁶ L-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006.

59.

Il-Kummissjoni tqis li l-miżuri tal-Ass 3 ġew imfassla sabiex jiġi żgurat appoġġ adegwat għad-diversità taż-żoni rurali kif identifikat fil-PŻR skont l-NSPs (jekk jogħġbok ara t-tweġiba għall-punt 18). L-analiżi *ex ante* tas-setturi adatti għad-diversifikazzjoni tal-attivitajiet agrikoli setgħu jgħinu lill-benefiċjarji potenzjali jiżviluppaw prodotti u servizzi niche. L-appoġġ mogħti mill-miżuri tal-Ass 3 huwa maħsub biex jixpruna l-iżvilupp lokali bil-għan li jiġu meġhluha l-kundizzjonijiet ekonomiċi pjuttost negattivi li jeżistu f'ħafna żoni rurali. L-appoġġ li għandu jingħata liż-żoni rurali żvantaġġati huwa maħsub li jiżgura kundizzjonijiet ta' ġhajxien aħjar billi jissodisfa l-ħtiġijiet identifikati fir-rigward tal-iżvilupp lokali u t-titjib tas-sitwazzjoni eżistenti soċjoekonomika.

Ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 58.

Il-kejl tal-ispustament għandu jkopri ħafna fatturi u huwa aktar xieraq li jsir fil-livell tal-proġett.

61.

Uħud mill-Istati Membri huma fi stadju li jiżviluppaw iż-żoni rurali tagħhom fejn il-kunsiderazzjoni tal-punti ta' saturazzjoni, il-provvista eċċessiva u l-ispustament mhumiex rilevanti minħabba li l-attivitajiet ekonomiċi ġeneralment ikunu neqsin jew insuffiċjenti b'mod qawwi. Għalhekk, f'dawn il-każijiet, jidher li jkun aktar xieraq li jiġi evalwat l-ispustament fil-ħin tal-evalwazzjoni *ex post*.

Il-fatt li l-għażla tal-proġetti f'xi wħud mill-każijiet ivverifikati sseħħ f'livell lokali, normalment għandu jikkontribwixxi biex jimmitiga l-effetti ta' spustament, peress li l-ispustament huwa mkejjel bl-aktar mod xieraq fil-livell tal-proġett.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

62.

Ara t-tweġiba għall-paragrafu 83.

Kwalunkwe analiżi fuq l-ispustament għandha tkun bir-reqqa u dettaljata. Ir-riżultati tagħha ma għandhomx iwasslu awtomatikament għad-difiża ta' sitwazzjonijiet monopolistiċi nazzjonali/reġjonali/lokali u, minflok, għandhom ikun orjentati lejn l-istimulazzjoni tal-kompetizzjoni b'saħħha bejn in-negozji b'attivitajiet simili biex joffru prodotti/servizzi/attivitajiet ta' kwalità għolja lill-konsumaturi potenzjali. F'dan il-kuntest, għandha tingħata attenzjoni lill-kwalità tas-servizzi jew prodotti pprovduti mill-kompetituri, il-prezzijiet, l-istrateġiji ta' żvilupp li kienu jew li huma segwiti, l-investimenti riċenti mill-kompetituri, it-tipi ta' strutturi u kwistjonijiet organizzattivi u ta' ġestjoni, eċċ, qabel ma jiġi konkluż li kien hemm xi effetti ta' spustament.

Kaxxa 12

Ara t-tweġiba għall-paragrafu 83.

Kaxxa 12 — L-Isvezja:

Ara t-tweġiba għall-paragrafu 62.

L-iżvilupp tan-negozju u l-investimenti marbuta mal-iżvilupp fiżiku spiss isiru fi stadji. L-intraprenditorija u l-kompetizzjoni b'saħħha ma għandhomx jiġu penalizzati u lanqas ma għandhom il-klijenti jitħallew mingħajr għażla meta jieħdu d-deċiżjonijiet, u għalhekk in-negozji għandhom jitħallew jintroduċu ideat innovattivi marbutin mal-mezz tagħhom għas-sostenibbiltà u l-kompetittività fit-tul, inkluża l-espansjoni tagħhom. Ħafna drabi, tali espansjoni ssir fi stadji u mhux kollha f'daqqa.

63.

Skont il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-ġestjoni kondiviża, l-għażla tal-proġetti taq' taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri u l-Kummissjoni ma tistax tivvaluta r-raġonevolezza tal-ispejjeż ta' proġetti individwali *ex ante*.

65.

Il-Kummissjoni tikkonferma li hija ddeċidiet li ssir korrezzjoni finanzjarja għal Franza minħabba d-dgħufijiet fil-verifika tar-raġonevolezza tal-ispejjeż li nstabu provi għalihom f'reġjun wieħed fi Franza fejn il-miżuri kkonċernati kienu 121 u 323. Barra minn hekk, is-servizzi tal-Kummissjoni, waqt missjoni fl-2013, sabu dgħufijiet simili f'reġjun ieħor fi Franza li bħalissa qed jiġu diskussi mal-awtoritajiet Franċiżi fil-proċedura tal-Approvazzjoni tal-Kontijiet.

66.

Wara l-verifika tal-Qorti, l-awtoritajiet reġjonali ħadu azzjoni sabiex itejbu l-verifika tar-raġonevolezza tal-ispejjeż matul il-verifiki fuq il-post (listi ta' kontroll ġodda).

Skont ir-risposta tal-awtoritajiet Ċeki, hemm numru ta' elementi pożittivi (katalgi tal-prezzijiet għall-bini u l-kostruzzjoni, il-limiti tal-ispejjeż għall-proġetti ta' enerġija rinnovabbli).

Kaxxa 13 — L-Isvezja

L-istima tar-raġonevolezza tal-ispejjeż ma ssirx neċessarjament fuq il-bażi ta' paragun ta' offerti iżda ssir minn mezz oħrajn bħal spejjeż ta' referenza (l-Artikolu 24.2d tar-Regolament 65/2011). Il-Kummissjoni se tanalizza dan l-aspett.

Kaxxa 13 — L-Italja (Campania)

Fil-każ imsemmi mill-Qorti, it-tariffi professjonali li ġew ikkunsidrati bħala eċċessivi meta mqabbla mal-parir professjonali mogħti, huma konformi mal-indikazzjonijiet mogħtija mill-korporazzjoni professjonali u d-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ammissibbiltà tal-ispejjeż ġenerali. L-awtorità reġjonali speċifikat li numru ta' servizzi ta' konsulenza differenti ġew ipprovduti kontra dak il-pagament. Il-Kummissjoni se ssegwi dan il-każ.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

67.

Il-Kummissjoni qed tkegħeġ lill-Istati Membri (pereżempju, fil-kumitati ta' monitoraġġ u fil-laqgħat ta' reviżjoni annwali) biex inaqqsu d-dewmien għall-approvazzjoni tal-proġetti u l-ħlas lill-benefiċjarji, u hija infurmata li s-sitwazzjoni qed titjieb. Madankollu, l-Istat Membru huwa responsabbli biex jiżgura mekkaniżmi ta' twassil effiċjenti u proċeduri amministrattivi li jaħdmu tajjeb fil-livell nazzjonali/reġjonali.

68.

Ara t-tweġiba għall-paragrafu 67.

Kaxxa 14 — L-Polonja

Diffikultajiet li nstabu waqt l-implimentazzjoni tal-miżura 312 fil-Polonja ġew diskussi fil-passat kemm matul is-sessjonijiet tal-Kumitat ta' Monitoraġġ kif ukoll waqt il-laqgħat ta' Reviżjoni Annwali mas-servizzi tal-Kummissjoni.

69.

Ara t-tweġiba għall-paragrafu 67.

Il-Kummissjoni ġiet infurmata li minn dakinhar ittiegħdet azzjoni biex tnaqqas il-ħin tal-ipproċessar fl-Istat Membru msemmi mill-Qorti.

L-Isvezja: L-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Ass 3 ġiet diskussa regolarment fil-laqgħat tal-Kumitati ta' Monitoraġġ u l-laqgħat ta' Reviżjoni Annwali. Fil-Ħarifa tal-2012, l-Awtorità ta' Ġestjoni stabbilixxiet dewmien massimu għat-trattament tal-applikazzjonijiet (erba' xhur) kif ukoll għall-ipproċessar tal-pagamenti (90 jum).

Kaxxa 15 — L-Italja (Campania)

Kif jişqu l-awtoritajiet reġjonali, il-proċedura għall-ġħoti ta' ħlas bil-quddiem lill-benefiċjarji u għar-rilaxx tal-polza ta' assigurazzjoni li tiggarrantixxi l-ammont mitlub mill-benefiċjarji bħala ħlas minn qabel ġiet riveduta mill-Aġenzija tal-Pagamenti Taljana (AGEA).

71.

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 li jmiss, il-Kummissjoni qed tipprevedi tnaqqis ulterjuri tal-piż amministrattiv fil-forma ta' introduzzjoni ta' spejjeż simplifikati. Bħala riżultat ta' dan, il-proċessi tal-pretensjoni, l-amministrazzjoni u l-verifika tar-rimborż għall-pagamenti se tkun magħmula aktar faċli kemm għall-benefiċjarji kif ukoll għall-amministrazzjoni nfisha.

72.

Għall-iskop li jiġu mkejla l-effettività u l-effiċjenza tal-infiq għall-iżvilupp rurali, ġie żviluppat il-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni fl-2006 u l-Istati Membri ntalbu jstabbilixxu miri u indikaturi rilevanti u indikaturi ta' produzzjoni mistennija għal kull miżura pprogrammata fil-FAEŻR għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-13.

74.

Il-Kummissjoni indirizzat il-kwistjoni tal-kredibbiltà tal-indikaturi f'diversi każijiet; fil-kuntest tal-eżami tar-Rapporti Annwali, laqgħat ta' Reviżjoni Annwali u fil-laqgħat tal-Kumitati ta' Monitoraġġ.

Sabiex jikkompilaw indikaturi tar-riżultati bħal "żieda ta' GVA (valur miżjud gross)", l-Istati Membri ġew mistiedna¹⁷ jiġbru l-informazzjoni rilevanti dwar il-valur miżjud gross mill-intrapriżi appoġġati meta l-applikazzjoni tiġi approvata u sentejn wara li jitlestha l-investment sabiex jiġi integrat kemm jista' jkun l-effett fit-tul tal-investimenti.

Fil-preparazzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 li jmiss, jiġu kkunsidrati d-dgħufijiet osservati matul dan il-perjodu. Għalhekk, l-indikaturi se jiġu eżaminati, minflok, bħala parti mill-evalwazzjoni tal-PŻR. Dan se jsir ukoll permezz tal-iżvilupp ta' dokumenti ta' spjegazzjoni aktar preċiżi (fiches) għal kull indikatur biex jiġu evitati inkonsistenzi potenzjali fil-ġbir tad-dejta permezz ta' interpretazzjoni żbaljata.

¹⁷ Dokument ta' ħidma li jipprovdi gwida lill-Istati Membri għall-indikatur tar-riżultati "żieda tal-GVA": http://enrd.ec.europa.eu/app_templates/filedownload.cfm?id=84053593-C697-FF89-ED5C-51797D9754FD

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

76.

Ara t-tweġiba għall-paragrafu 74.

Kaxxa 16

Il-Kummissjoni se tindirizza l-Awtorità reġjonali għal aktar kjarifika fuq dan il-punt.

77.

Ara t-tweġiba għall-paragrafu 74.

Fir-rigward tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-ġestjoni kondiviża, il-manwal tas-CMEF jiddeskrivi l-kompiti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni b'mod globali, iżda joffri wkoll xi flessibilità lill-Istati Membri fuq kif jimplimentaw il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tagħhom. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw il-bilanċ ġust biex jiżguraw data ta' kwalità tajba bi spiża aċċettabbli f'termini ta' proċeduri ta' monitoraġġ.

Kaxxa 17

Ara t-tweġiba għall-paragrafu 74.

79.

Ara t-tweġiba għall-paragrafu 74 u 83.

80.

L-Italja (Campania) L-awtoritajiet reġjonali jikkunsidraw li l-proġetti vverifikati huma pertinenti mal-oġġettivi tal-miżuri u jikkontribwixxu biex jilhqqu l-oġġettivi globali stabbiliti għall-Ass 3 f'termini ta' diversifikazzjoni tal-attivitajiet rurali f'attivitajiet mhux agrikoli. Dan huwa l-każ ukoll għall-proġetti numru 2 u 3 imsemmija mill-Qorti. Fil-każ tal-proġett numru 3, l-awtoritajiet reġjonali żammew il-pożizzjoni li r-restawr tal-bitħa esterna huwa marbut mal-proġetti ta' diversifikazzjoni "fattoria didattica" minħabba li hija essenzjali biex jiġi żgurat aċċess xieraq għar-razzett.

Il-Kummissjoni se tanalizza dan il-każ.

82.

Stima ta' żidiet fil-GVA hija kwistjoni kumplessa, minħabba li l-benefiċjarji jista' jkollhom bżonn iż-żmien biex jistabbilizzaw l-attività ekonomika ġdida jew estiża tagħhom. Dewmien qasir bejn it-tweġiq tal-proġett u l-ħin għall-valutazzjoni jista' jwassal għal sottostima taż-żieda fil-GVA. Barra minn hekk, għandha tingħata attenzjoni lit-tip ta' investment billi xi investimenti jistgħu ma jwasslux għal żieda immedjata jew diretta tal-GVA (pereżempju, twaħħil ta' sinjali, ċentri ta' informazzjoni, studji ta' kummerċjalizzazzjoni, eċċ.).

83.

Il-valutazzjoni tad-deadweight u tal-ispustar tista' tiġi stabbilita aħjar fl-istadju tal-evalwazzjoni.

Fir-rigward tad-deadweight, u b'rabta mal-20 proġett immarkat mill-Qorti b'tikketta "qawwija" għall-indikazzjonijiet tad-deadweight fl-Anness II, il-leġiżlazzjoni tal-UE tipprovdi r-regoli ġenerali tal-għajnuna mill-Istat għall-appoġġ mogħti skont l-Artikolu 52 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 u għal LEADER meta jitwettaq l-Ass 3. Dawn ir-regoli jistipulaw li l-ispiża hija eliġibbli mis-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna. Dan ir-rekwiżit huwa ddikjarat fir-regoli tal-għajnuna mill-Istat biex jiġi stabbilit l-element ta' inċentiv meħtieġ.¹⁸ Għandhom japplikaw l-istess regoli għall-miżuri kofinanzjati bħalma japplikaw għall-iskemi separati għal għajnuna notifikati skont is-sistema ġenerali ta' għajnuna mill-Istat.

Ara wkoll ir-risposti għall-paragrafu 52, 53 u 55.

Fir-rigward ta' spustament ara r-risposti għall-paragrafu 58, 59, 61, 62 u l-Kaxxa 12.

Is-sitwazzjoni ekonomika tinbidel maż-żmien, speċjalment bil-kriżi ekonomika u finanzjarja fl-2008-2009. Għaldaqstant huwa possibbli li s-suppożizzjonijiet magħmulin *ex ante* ma jiġux mwettqa b'mod sħiħ waqt l-implimentazzjoni tal-proġetti. Barra minn hekk, għal proġetti li jimmiraw lejn sostenibilità medja sa fit-tul, dawn l-indikaturi jistgħu jintlaħqu fi stadju aktar tard (milli immedjatament malli jiġi ffinalizzat l-investment).

¹⁸ L-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008. Il-paragrafu 2 tiegħu jiddikjara: Din il-kundizzjoni għandha titqies bħala sodisfatta jekk, qabel inkun beda x-xogħol fuq il-proġett jew attività, il-benefiċjarju jkun ippreżenta applikazzjoni għall-għajnuna lill-Istat Membru kkonċernat.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

84.

Il-Kummissjoni tqis li s-salvagwardja tal-impjegji eżistenti permezz ta' appoġġ lil negozji eżistenti hija wieħed mill-valur miżjud ewlenin tal-FAEŻR flimkien mal-ħolqien ta' impjegji temporanji marbuta mal-implimentazzjoni ta' proġetti ta' investiment f'ċerti oqsma (pereżempju, attivitajiet ta' kostruzzjoni). Il-perjodu ta' dewmien ta' ħames snin jiżgura wkoll li jeżisti ċertu element ta' salvagwardja għal kull proġett appoġġat.

Fil-fatt, ma hemm ebda indikatur komuni bħal "Numru ta' impjegji miżmuma", iżda l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni huma mistiedna jiddefinixxu indikaturi addizzjonali rilevanti għall-PŻR tagħhom. Għandu jiġi kkunsidrat li s-sett attwali ta' indikaturi komuni huwa diġà numeruż u ħafna Stati Membri talbu simplifikazzjoni u tnaqqis tal-indikaturi tas-CMEF għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.

KONKLUŻJONIJET U RAKKOMANDAZZJONIJET

86.

Il-qafas legali tal-UE, attwalment fis-seħħ, jipprovdi għal ambitu u skop wieser ta' miżuri, li jipprovdi għal flessibilità kbira fl-implimentazzjoni.

Meta tapprova l-PŻR, il-Kummissjoni twestaq analiżi biex tivvaluta li l-programmi u l-miżuri jkunu konsistenti mal-linji gwida strateġiċi Komunitarji, il-pjanijiet strateġiċi nazzjonali rilevanti u jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet legali rilevanti¹⁹.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ħtiġijiet u l-opportunitajiet ġew deskritti b'mod ċar biżżejjed biex jagħmlu l-i-programmar tal-miżuri vverifikati xieraq u possibbli anki jekk l-analiżi in kwistjoni setgħu ġew imtejba f'xi każijiet.

Skont il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-ġestjoni kondiviżva, l-istabbiliment ta' kriterji tal-għażla u l-għażla tal-proġetti jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni ma għandha ebda rwol fl-għażla kontinwa tal-proġetti.

Madankollu, il-lezzjonijiet ittiegħdu, u se jiġu applikati għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 li jmiss speċjalment permezz ta' gwida fil-proċess ta' programmazzjoni.

¹⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006 (l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005.

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 li jmiss, il-Kummissjoni pproponiet ukoll li dawn it-tliet miżuri jiġu inkorporati f'miżura waħda, fowkus benefiċjarju aħjar, titjib fil-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà u regoli aħjar għall-pagamenti li jnaqqsu l-piż amministrattiv li jista' jiġi assoċjat ma' dawn il-miżuri. Il-koleġiżlaturi se jrid jiddefinixxu l-ambitu finali tal-miżura unika ġdida proposta.

87.

Il-miżuri tal-Ass 3 għandhom rwol fis-salvagwardja tan-negozji u tal-postijiet tax-xogħol, u għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet għal tkabbir sostenibbli fiż-żoni rurali.

Fir-rwol superviżorju tagħha, il-Kummissjoni insistiet matul il-perjodu ta' programmazzjoni dwar il-ħtieġa ta' aktar selektività²⁰ u l-immirar fl-implimentazzjoni tal-miżura.

L-applikazzjoni ta' kriterji tal-għażla jew mekkaniżmu tal-immirar ekwivalenti hija eżaminata mill-Kummissjoni fil-missjonijiet ta' verifika tagħha. F'dan ir-rigward saru diversi osservazzjonijiet lill-Istati Membri rigward diversi miżuri ta' ŻR. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni tipproponi korrezzjonijiet finanzjarji.

88.

L-immirar tal-appoġġ ta' investiment (l-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006) ġie introdott b'mod espliċitu f'dan il-perjodu ta' programmazzjoni, fost aspetti oħrajn, sabiex jiġġieldu l-effetti tad-deadweight u ta' spustament.

Appoġġ għall-proġetti għandu jingħata fuq il-bażi tal-valutazzjoni ta' jekk il-proġett jikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-PŻR.

Ara t-tweġiba għall-paragrafu 55.

Ir-riskju ta' nfiqu żejjed għandu jiġi kkunsidrat. Ir-rati tal-intensità tal-għajjuna għandhom jikkontribwixxu biex inaqqsu riskji bħal dawn.

Il-Kummissjoni qed tkegġegħ lill-Istati Membri (pereżempju, fil-kumitati ta' monitoraġġ u fil-laqqgħat ta' reviżjoni annwali) biex inaqqsu d-dewmien għall-approvazzjoni tal-proġetti u l-ħlas lill-benefiċjarji, u hija infurmata li s-sitwazzjoni qed titjib. Madankollu, l-Istat Membru huwa responsabbli biex jiżgura mekkaniżmi ta' twassil effiċjenti u proċeduri amministrattivi li jaħdmu tajjeb fil-livell nazzjonali/reġjonali.

²⁰ Pereżempju, matul il-laqqgħat annwali, b'mod partikolari, fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni ntbagħtet ittra mill-Kummissjoni lill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni tal-programmi kollha tistedinhom biex iqisu l-importanza tal-kriterji tal-għażla definiti sew għal implimentazzjoni effettiva matul il-perjodu kollu. Barra minn hekk, fl-2009, ittra oħra talbet lill-Istati Membri kollha biex jiżguraw li l-kriterji xierqa tal-għażla jiġu speċifikati u użati għall-allokazzjoni tal-fondi.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 li jmiss, il-Kummissjoni pproponiet li t-tliet miżuri vverifikati mill-Qorti jiġu inkorporati f'miżura waħda b'fowkus aħjar fuq il-benefiċjarji, titjib fil-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà u regoli aħjar għall-pagamenti li jnaqqsu l-piż amministrattiv li jistgħu jiġu assoċjati ma' dawn miżuri. Il-Kummissjoni qed tipprevedi tnaqqis ulterjuri tal-piż amministrattiv fil-forma ta' introduzzjoni ta' spejjeż issimplifikati. Bħala riżultat ta' dan, il-proċess ta' pretensjoni, amministrazzjoni u verifika tar-rimborż għall-pagamenti magħmula se jkun aktar faċli kemm għall-benefiċjarji kif ukoll għall-amministrazzjoni nfisha.

90.

Fir-rigward tal-objettivi fil-perjodu attwali, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw ir-raġunament għall-intervent, l-objettivi, l-ambitu u l-azzjonijiet. Barra minn hekk, għandu jkun hemm evidenza li għal miżuri ta' investment, l-appoġġ huwa mmirat lejn objettivi definiti b'mod ċar li jirriflettu l-ħtiġijiet territorjali identifikati u żvantaġġi strutturali (l-Artikolu 43 u l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1974).

Meta tapprova l-PŻR, il-Kummissjoni twettaq analiżi biex tivvaluta li l-programmi u l-miżuri huma konsistenti mal-linji gwida strateġiċi Komunitarji²¹, il-pjanijiet strateġiċi nazzjonali rilevanti u li dawn ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet legali rilevanti.²²

Il-Kummissjoni, konxja ta' xi dgħufijiet fejn tidħol il-possibiltà ta' kejl, ipproponiet li, għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, għandhom jiġu stabbiliti miri xierqa għal kull wieħed mill-oqsma ta' fokus tal-prijoritajiet tal-Unjoni, fuq il-bażi ta' indikaturi komuni, u li l-miżuri magħżula b'rabta mal-prijoritajiet tal-Unjoni għandhom ikunu bbażati fuq loġika ta' intervent tajba appoġġata minn evalwazzjoni *ex ante*.

Rakkomandazzjoni 1

Il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-ġestjoni kondiviża jagħtu diskrezzjoni konsiderevoli lill-Istati Membri u lir-reġjuni.

Meta tapprova l-PŻR, il-Kummissjoni twettaq analiżi biex tivvaluta li l-programmi u l-miżuri huma konsistenti mal-linji gwida strateġiċi Komunitarji, il-pjanijiet strateġiċi nazzjonali rilevanti u li dawn ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet legali rilevanti.²³

²¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2006 dwar il-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali (Perjodu ta' programmazzjoni 2007–13), 2006/144/KE.

²² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006 (l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005).

²³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006 (l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005).

Filwaqt li tinnota li l-miżuri li huma soġġetti għal verifika għandhom objettivi usa' milli s-sempliċi rimedju tal-fallimenti fis-suq relatati mal-ostakli għall-impjegi u t-tkabbir, il-Kummissjoni taqbel li l-PŻR għandhom jippreżentaw objettivi li jistgħu jitkejlu li jikkontribwixxu għall-għanijiet politiċi.

Il-Kummissjoni, konxja ta' xi dgħufijiet f'dan il-qasam, ipproponiet li, għall-FAEŻR għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 li jmiss, li għandu jissaħħaħ il-qafas legali sabiex jiġu stabbiliti miri kwantifikati *ex ante* għal kull wieħed mill-oqsma ta' fowkus tal-prijoritajiet tal-Unjoni. Il-kontenut tal-programm għandu jkun fih deskrizzjoni tal-istrateġija, u li l-miżuri magħżula b'rabta mal-prijoritajiet tal-Unjoni huma bbażati fuq loġika ta' intervent tajba appoġġata minn evalwazzjoni *ex ante*. Meta programm propost ma jkunx fih tali strateġija u miri adegwati, il-Kummissjoni mhux se tapprovah.

91.

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà u tal-ġestjoni kondiviża jagħti diskrezzjoni konsiderevoli lill-Istati Membri u lir-reġjuni. Il-qafas legali adottat tal-UE huwa wiesa' u flessibbli, u r-restrizzjoni ta' għajjnuna għal ċerti attivitajiet biss, kif ukoll l-għażla u l-approvazzjoni tal-proġetti, jaqgħu fir-responsabbiltà tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni temmen li għandha tkompli tiddefinixxi l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà bażiċi fil-livell tal-UE, iżda li għandhom jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà aktar preċiżi u kriterji tal-għażla fi ħdan PRŻ individwali. Hija temmen li l-proposti tagħha għal politika ta' żvilupp rurali għal wara l-2013 isegwu dan l-approċċ. Madankollu, il-Kummissjoni se tipprovdi gwida addizzjonali fuq din il-kwistjoni.

92.

Il-Kummissjoni tqis li kien hemm titjib fl-implimentazzjoni tal-programmi flimkien mal-progress tal-perjodu ta' programmazzjoni.

Il-Kummissjoni, konxja ta' ċerti problemi f'dan il-qasam, fil-proposta tagħha għall-politika l-ġdida tal-UE għall-iżvilupp rurali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–20, introduċiet rekwiżit speċifiku obbligatorju fir-rigward tat-twaqqif u l-użu ta' kriterji tal-għażla (bl-eċċezzjoni ta' xi miżuri relatati ma' żona jew relatati mal-annimali li l-użu obbligatorju għalihom jista' ma jkunx xieraq).

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

Rakkomandazzjoni 2

L-ambitu wiesa' tal-miżuri vverifikati għandu jiġi rikonoxxut, billi dawn mhux biss ikollhom impatt fuq l-impjiegi u d-dħul iżda jikkontribwixxu wkoll għas-sostenibbiltà taż-żoni rurali.

Il-Kummissjoni insistiet, f'diversi okkażjonijiet matul il-perjodu ta' programmazzjoni attwali, fuq il-ħtieġa għal aktar selettività u hija ppreparata li tkompli tteġġegħ lill-Istati Membri biex jagħmlu dan.

L-applikazzjoni ta' kriterji ta' għażlai jew mekkaniżmu tal-immirar ekwivalenti hija eżaminata mill-Kummissjoni fil-missjonijiet ta' verifika tagħha u saru diversi osservazzjonijiet f'dan ir-rigward lill-Istati Membri. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni tipproponi korrezzjonijiet finanzjarji.

Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjoni u, fil-proposta dwar il-politika ta' żvilupp rurali tal-UE għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, ipprevediet li l-kriterji tal-għażla għandhom jiġu definiti għall-miżuri kollha u għandha timmira sabiex tiżgura trattament ugwali tal-applikanti, użu aħjar tar-riżorsi finanzjarji u mmirar aħjar tal-miżuri skont il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali. L-użu ta' kriterji ta' għażla huwa propost li jkun ġeneralment obbligatorju anki fil-każ fejn ikunu biżżejjed il-fondi disponibbli, ħlief fil-każ ta' xi miżuri ta' żona ta' kumpens u miżuri relatati mal-annimali.²⁴

Il-Kummissjoni taqbel ukoll li s-sistema tal-għażla tal-proġetti tal-Istati Membri għandha tqis il-kwalità tal-proġetti u l-użu ta' sistema ta' punti minimi. Il-Kummissjoni se tippreżenta linji gwida lill-Istati Membri dwar l-użu ta' kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla għall-perjodu ta' programmar li jmiss.

93.

Il-leġiżlazzjoni ma pprevedietx valutazzjoni *a priori* ta' jekk l-applikanti humiex se jkollhom bżonn sussidju jew le. Ir-rekwiżit huwa li jiġu identifikati ħtiġijiet fil-PŻR fir-rigward tal-analiżi SWOT taż-żona kkonċernata, u għalhekk li l-appoġġ jiġi mmirat skont il-ħtiġijiet territorjali identifikati u d-dgħufijiet strutturali.

Għalhekk, il-Kummissjoni ma tqisx id-domanda lill-benefiċjarju dwar jekk għandux bżonn l-għotja bħala għodda xierqa biex jivvaluta d-deadweight jew le. Il-valutazzjoni tad-deadweight hija aktar kumplessa u għandha tkun part mill-evalwazzjoni tal-programmi.

Il-Kummissjoni tqis li jekk l-appoġġ għall-investment ikun immirat tajjeb (permezz tal-użu, fost affarijiet oħra, tal-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla, differenzjazzjoni fir-rati tal-għajnunna) u bbażat fuq nuqqasijiet/ħtiġijiet identifikati b'mod ċar, ir-riskju tad-deadweight u tal-ispustament jiġi minimizzat. L-immirar ta' appoġġ għall-investment (l-Artikolu 43 tar-Regolament 1974/2006) ġie introdott f'dan il-perjodu ta' programmazzjoni eżattament biex jillimita l-effetti tad-deadweight u tal-ispustament li jirriżultaw minn evalwazzjonijiet preċedenti.

Fir-rigward tal-ispustament, il-Kummissjoni ma tikkunsidra li sussidju li jwassal għal żieda fis-sehem tal-kummerċjalizzazzjoni għad-detriment ta' kompetitur *a priori* huwa ekonomikament ineffiċjenti. L-appoġġ pereżempju seta' wassal għal aktar negozji aktar effiċjenti (ekonomikament u/ jew ambjentalment) li jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp ġenerali tal-ekonomija rurali.

Il-Kummissjoni, fil-proposta legali għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, inkludiet rekwiżit li l-ħtiġijiet speċifiċi marbuta mal-kundizzjonijiet speċifiċi fil-livell reġjonali jew sub-reġjonali jiġu kkunsidrati u indirizzati b'mod konkret permezz ta' kombinamenti ddisinjati b'mod adegwat ta' miżuri jew sottoprogrammi tematiċi.

Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li jiġu stabbiliti miri xierqa għal kull wieħed mill-oqsma ta' fowkus tal-prijoritajiet tal-Unjoni, fuq il-bażi tal-indikaturi tar-riżultati komuni, u li l-miżuri magħżula b'raba mal-prijoritajiet tal-Unjoni jkunu bbażati fuq loġika ta' intervent tajba appoġġata minn evalwazzjoni *ex ante*.

²⁴ Il-bażi legali hija l-proposta għar-Regolament għall-Iżvilupp Rurali u l-Artikolu 49 tiegħu, kif ukoll l-atti relatati ta' implimentazzjoni/delegati. Ara COM(2011) 627 Final/2 tad-19.10.2011.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

Rakkomandazzjoni 3

Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjoni u hija ppreparata li torganizza skambju tal-aħjar prattiki dwar il-mitigazzjoni tar-riskji ta' deadweight u spustament mal-Istati Membri.

Il-leġiżlazzjoni stabbilixxiet li r-regoli ġenerali dwar l-għajnuna mill-Istat japplikaw għal appoġġ skont l-Artikolu 52(a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005. Dawn ir-regoli jeħtieġu li n-nefqa tkun eliġibbli mis-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna. Dan ir-reqwizit huwa ddikjarat fir-regoli tal-għajnuna mill-Istat biex jstabbilixxi element ta' inċentiv meħtieġ biex jiġi evitat id-deadweight.²⁵ Għandhom japplikaw l-istess regoli għal miżuri ko-finanzjati bħal dawk li japplikaw għal skemi separati għal għajnuna notifikati skont is-sistema ta' għajnuna mill-Istat.

Il-kunsiderazzjoni tal-kapaċità finanzjarja tal-benefiċjarji b'mod iżolat biex jiġi vvalutat id-deadweight tista' tinvolvi r-riskju li jiġu appoġġati proġetti mhux vijabbli u żieda fl-ispejjeż amministrattivi għall-awtoritajiet u żieda fil-piż amministrattivi għall-benefiċjarji.

94.

Ir-riskju ta' nfiq żejjed għandu jiġi kkunsidrat. Ir-rati ta' intensità tal-għajnuna għandhom jikkontribwixxu biex inaqqsu riskji bħal dawn.

Rakkomandazzjoni 4

Il-Kummissjoni tinnotta li din ir-rakkomandazzjoni hija għall-Istati Membri u li l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-ġestjoni kondiviża jagħtu diskrezzjoni konsiderevoli lill-Istati Membri u lir-reġjuni.

Il-Kummissjoni tkopri l-kwistjoni tal-evalwazzjoni tar-raġonevolezza tal-ispejjeż matul il-missjonijiet ta' awditjar tagħha fuq miżuri ta' investment. Hija tivverifika jekk l-Istat Membru jkunx stabbilixxa sistema effettiva biex jevalwa r-raġonevolezza tal-ispejjeż. Minħabba l-kumplessità tas-suġġett, il-Kummissjoni se tkompli teżamina l-kwistjoni matul il-missjonijiet ta' awditjar tagħha. Hija se tkompli wkoll id-diskussjonijiet mal-Istati Membri barra mill-qafas tal-Approvazzjoni tal-Kontijiet.

In-numru ta' missjonijiet ta' verifika huwa limitat minħabba n-numru ta' persunal disponibbli. Għalhekk, in-numru u l-ambitu ta' dawn il-missjonijiet huma deċiżi fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju.

²⁵ L-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008. Il-paragrafu 2 tiegħu jiddikjara: Din il-kundizzjoni għandha titqies bħala sodisfatta jekk, qabel inkun beda x-xogħol fuq il-proġett jew attivitajiet, il-benefiċjarju jkun ippreżenta applikazzjoni għall-għajnuna lill-Istat Membru kkonċernat.

95.

Fil-preparazzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni għall-perjodu futur, jiġu kkunsidrati d-dgħufijiet osservati matul dan il-perjodu. Fil-prattika, kien diffiċli biex l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni jikkompilaw id-dejta meħtieġa u jwettqu l-analiżi meħtieġa biex jstabbilixxu valuri għal dawn it-tipi ta' indikaturi tar-riżultati (GVA...) bħala parti mill-attivitajiet regolari tagħhom ta' monitoraġġ annwali. Għalhekk, għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, l-indikaturi tar-riżultati se jiġu evalwati, minflok, bħala parti mill-evalwazzjoni PŻR. Dan se jsir ukoll billi jiġi żviluppjat dokument ta' spjegazzjoni aktar preċiż (fiches) għal kull indikatur biex jiġu evitati inkonsistenzi potenzjali fil-ġbir tad-dejta permezz ta' interpretazzjoni żbaljata.

Il-ġbir tal-informazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proġetti jaqqa' fir-responsabbiltà tal-Istati Membri u l-Kummissjoni ma tistax tintalab biex timmaniġġa dan il-proċess b'mod attiv billi dan imur kontra l-prinċipju tas-sussidjarjetà u tal-ġestjoni kondiviża.

Rakkomandazzjoni 5

L-obiettivi u l-miri tagħhom fil-livell tal-programm huma stabbiliti mill-Awtorità ta' Ġestjoni bħala parti mill-istrateġija tal-programm. Fil-livell tal-proġett, ir-riżultati/eżiti stmati/mbassa li bihom il-proġett inkwistjoni se jikkontribwixxi għall-obiettivi tal-programm huma stabbiliti *ex ante* minn benefiċjarji potenzjali fl-applikazzjonijiet tagħhom. Madankollu, dejjem hemm inċertezzi u fatturi esterni fil-fluq tal-miri stabbiliti, sabiex il-miri jkunu jistgħu jiġu aġġustati wkoll kif meħtieġ, jekk ikun meħtieġ li jsir dan.

Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjoni u qed tiegħu ħsieb li fil-preparazzjoni tal-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni għall-perjodu futur, li qed jiġi elaborati bħalissa²⁶, jiġu kkunsidrati d-dgħufijiet osservati matul dan il-perjodu. Għalhekk, għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, l-indikaturi tar-riżultati se jiġu evalwati, minflok, bħala parti mill-evalwazzjoni PŻR. Dan se jsir ukoll permezz tal-iżvilupp ta' dokumenti (fiches) ta' spjegazzjoni aktar preċiżi għal kull indikatur biex jiġu evitati inkonsistenzi potenzjali fil-ġbir tad-dejta permezz ta' interpretazzjoni żbaljata.

²⁶ Il-bażi legali hija l-proposta għall-Leġiżlazzjoni Orizzontali Art. 110, il-proposta għar-Regolament ZR Titolu VII, kif ukoll l-atti relatati ta' implimentazzjoni/delegati. Ara COM(2011) 628 Final/2 tad-19.10.2011 u COM(2011) 627 Final/2 tad-19.10.2011.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–20 li jmiss, il-Kummissjoni qed tiżviluppa CMEF, flimkien mal-Istati Membri, li għandu jippermetti valutazzjoni, għal kull PŻR, tal-progress fl-implimentazzjoni kontra indikaturi ta' mira definiti b'mod komuni għall-prijoritajiet u l-oqsma ta' fokus magħżula għall-programm. Fil-bażi ta' dan hemm pjan indikatur li jstabilixxi l-mira għal kull qasam ta' fowkus, il-produzzjonijiet ippjanati u n-nefqa għall-miżuri li se jintużaw biex jintlaħqu l-miri u l-objettivi tal-programm. Il-pjan indikatur jirrappreżenta l-loġika ta' intervent kwantifikata għal kull programm individwali b'mod aktar preċiż milli tagħmel l-istruttura tal-assi riġida attwali.

Rakkomandazzjoni 6

Skont il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-ġestjoni kondiviża, huwa f'idejn l-Istati Membri li jiżguraw mekkaniżmi ta' twassil effiċjenti u proċeduri amministrattivi li jaħdmu tajjeb fil-livell nazzjonali/reġjonali.

Il-Kummissjoni qed tkegħeġ lill-Istati Membri f'kuntesti differenti (pereżempju, fil-kumitati ta' monitoraġġ u l-laqqgħat ta' reviżjoni annwali) biex iqassru d-dewmien għall-proċeduri ta' approvazzjoni tal-proġetti u l-pagamenti għall-benefiċjarji, u hija infurmata li s-sitwazzjoni qed titjeb matul il-perjodu ta' programmazzjoni attwali.

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014—20 li jmiss, il-Kummissjoni qed tipprevedi tnaqqis ulterjuri tal-piż amministrattiv fil-forma ta' introduzzjoni ta' spejjeż simplifikati. Bħala riżultat, il-proċeduri ta' pretensjoni, amministrazzjoni u verifika ta' rimborż għall-pagamenti magħmula se jkunu aktar faċli kemm għall-benefiċjarji kif ukoll għall-amministrazzjoni nfisha.

Il-Kummissjoni Ewropea

Rapport Speċjali Nru 6/2013

L-Istati Membri u l-Kummissjoni kisbu l-aħjar kwalità meta mqabbla mal-prezz bil-miżuri għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali?

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2013 — 74 pp. — 21 × 29.7 cm

ISBN 978-92-9241-301-9

doi:10.2865/90109

KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- kopja waħda:
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
billi tikkuntattja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
jew iċċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

Abbonamenti bi ħlas:

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

ID-DIVERSIFIKAZZJONI TAL-EKONOMIJA RURALI HIJA ESSENZJALI GĦAT-TKABBIR EKONOMIKU, L-IMPJEG U L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI F'ŻONI RURALI. DAN IR-RAPPORT JIKKONKLUDI LI L-KUMMISSJONI U L-ISTATI MEMBRI KISBU, SA PUNT LIMITAT BISS, L-AĦJAR KWALITÀ META MQABBLA MAL-PREZZ PERMEZZ TAL-FINANZJAMENT TAL-MIŻURI MMIRATI LEJN ID-DIVERSIFIKAZZJONI TAL-EKONOMIJA RURALI. DAN KIEN DOVUT GĦAL NUQQAS TA' WIRI ĊAR TAL-ĦTIEĠA GĦAL APPOĠĠ, L-ASSENZA TA' OBJETTIVI SPEĊIFIĊI, U KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ U TAL-GĦAŻLA LI KIENU WESGĦIN B'MOD EĊĊESSIV. L-ISTATI MEMBRI MA ĦADUX PASSI ADEGWATI BIEX JIMMITIGAW IR-RISKJI TA' DEADWEIGHT, SPUSTAMENT U NFIQ EĊĊESSIV LI RRIŻULTAW F'UŻU INEFFIĊJENTI TAR-RIŻORSI. IL-QEA TAGĦMEL RAKKOMANDAZZJONIJIET BIEX TGĦIN LILL-KUMMISSJONI U LILL-ISTATI MEMBRI JIRRIMEDJAW DAWN ID-DGĦUFIJIET.



IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet



ISBN 978-92-9241-301-9



9 789292 413019